Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT (UE) 2017/625 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

tal-15 ta' Marzu 2017

dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 137, 24.5.2017, p. 40 (2017/625)

▼B

REGOLAMENT (UE) 2017/625 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Marzu 2017

dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

TITOLU I

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għal:

(a) it-twettiq ta' kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri;

(b) il-finanzjament tal-kontrolli uffiċjali;

(c) l-assistenza amministrattiva u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri bil-ħsieb tal-applikazzjoni korretta tar-regoli msemmija fil-paragrafu 2;

(d) it-twettiq ta' kontrolli mill-Kummissjoni fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi;

(e) l-adozzjoni tal-kondizzjonijiet li għandhom jintlaħqu mill-annimali u l-oġġetti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiż terz;

(f) l-istabbiliment ta' sistema kompjuterizzata tal-informazzjoni għall-ġestjoni ta' informazzjoni u data marbuta mal-kontrolli uffiċjali.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli, kemm jekk ikunu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni kif ukoll jekk ikunu stabbiliti mill-Istati Membri bil-fini li tiġi applikata l-leġislazzjoni tal-Unjoni f'oqsma ta':

(a) l-ikel u s-sikurezza tal-ikel, l-integrità u t-tjubija tal-ikel fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-ikel, inkluż regoli li għandhom l-għan li jiżguraw prattiki kummerċjali ġusti u li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi u l-informazzjoni li tingħatalhom, u l-manifattura u l-użu ta' materjal u oġġetti li jiġu f'kuntatt mal-ikel;

▼B

(b) ir–rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' Organiżmi Ġenetikament Modifikati (OĠM) għall-fini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf;

(c) is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-għalf u l-użu tal-għalf, inkluż regoli li għandhom l-għan li jiżguraw prattiki kummerċjali ġusti u li jipproteġu s-saħħa u l-interessi tal-konsumaturi u l-informazzjoni li tingħatalhom;

(d) rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali;

(e) prevenzjoni u minimizzazzjoni tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali li jirriżultaw minn prodotti sekondarji mill-annimali u prodotti derivati;

(f) rekwiżiti dwar it-trattament xieraq tal-annimali;

(g) miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti;

(h) rekwiżiti għat-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, bl-eċċezzjoni ta' tagħmir għall-applikazzjoni ta' pestiċidi;

(i) il-produzzjoni organika u t-tikkettjar tal-prodotti organiċi;

(j) l-użu u t-tikkettjar tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetta, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjaltajiet tradizzjonali garantiti.

3. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-regoli msemmija f'paragrafu 2 fejn dawk ir-rekwiżiti huma applikabbli għall-annimali u l-oġġetti li jidħlu fl-Unjoni jew li għandhom jiġu esportati mill-Unjoni .

4. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi vverifikata l-konformità ma':

(a) ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013; madankollu, dan ir-Regolament għandu japplika għal verifiki mwettqa skont l-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, fejn dawk il-verifiki jidentifikaw prattiki possibilment frodulenti jew qarrieqa fir-rigward tal-istandards għat-tqegħid fis-suq imsemmija fl-Artikoli 73 sa 91 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

(b) id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(c) id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

5. L-Artikoli 4, 5, 6, 8, l-Artikolu 12(2) u (3), l-Artikoli 15, 18 sa 27, 31 sa 34, 37 sa 42 u 78, l-Artikoli 86 sa 108, il-punt (b) tal-Artikolu 112, l-Artikolu 130 u l-Artikoli 131 sa 141 għandhom japplikaw ukoll għal attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità ma' dan ir-Regolament jew mar-regoli msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

([1]) Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

([2]) Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/82/KE tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

▼B

Artikolu 2

Kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "kontrolli uffiċjali" tfisser attivitajiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti, jew mill-korpi delegati jew il-persuni fiżiċi li jkunu ġew inkarigati b'ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali f'konformità ma' dan ir-Regolament, sabiex jivverifikaw:

(a) il-konformità min-naħa tal-operaturi ma' dan ir-Regolament u mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2); u

(b) li l-annimali u l-oġġetti jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), inkluż għall-ħruġ ta' ċertifikat uffiċjali jew attestazzjoni uffiċjali.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "attivitajiet uffiċjali oħra" tfisser attivitajiet, minbarra kontrolli uffiċjali, li jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti, jew mill-korpi delegati jew il-persuni fiżiċi li jkunu ġew inkarigati b'ċerti attivitajiet uffiċjali oħra f'konformità ma' dan ir-Regolament, u mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), inklużi attivitajiet li għandhom l-għan li jivverifikaw il-preżenza ta' mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti, li jwaqqfu jew irażżnu t-tixrid ta' tali mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti, li jeqirdu dak il-mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti, l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet jew approvazzjonijiet u l-ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali jew attestazzjonijiet uffiċjali.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "liġi dwar l-ikel" tfisser il-liġi dwar l-ikel kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;

(2) "liġi dwar l-għalf" tfisser il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirregolaw l-għalf b'mod ġenerali u s-sikurezza tal-għalf b'mod partikolari, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni jew l-użu tal-għalf;

(3) "awtoritajiet kompetenti" tfisser:

(a) l-awtoritajiet ċentrali ta' Stat Membru responsabbli għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali u ta' attivitajiet uffiċjali oħra, f'konformità ma' dan ir-Regolament u r-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

(b) kwalunkwe awtorità oħra li tkun ingħatat dik ir-responsabbiltà;

(c) fejn xieraq, l-awtoritajiet korrispondenti ta' pajjiż terz;

▼B

(4) “awtorità ta' kontroll organiku” tfisser organizzazzjoni amministrattiva pubblika għall-produzzjoni organika u t-tikkettjar ta' prodotti organiċita' Stat Membru, li tkun irċeviet mingħand l-awtoritajiet kompetenti, id-delega tal-kompetenzi tagħhom, parzjalment jew b'mod sħiħ, rigward l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ([1]), inkluż, fejn xieraq, l-awtorità korrispondenti ta' pajjiż terz jew li topera f'pajjiż terz;

(5) “korp delegat” tfisser persuna ġuridika separata, li lilha l-awtoritajiet kompetenti ddelegaw ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali jew ċerti kompiti relatati ma' attivitajiet uffiċjali oħra;

(6) “proċeduri ta' verifika tal-kontrolli” tfisser l-arranġamenti stabbiliti u l-azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti bil-fini li jiġi żgurat li l-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra jkunu konsistenti u effettivi;

(7) “sistema ta' kontroll” tfisser sistema li tinkludi l-awtoritajiet kompetenti u r-riżorsi, l-istrutturi, l-arranġamenti u l-proċeduri stabbiliti fi Stat Membru biex jiġi żgurat li l-kontrolli uffiċjali jitwettqu f'konformità ma' dan ir-Regolament u mar-regoli msemmija fl-Artikoli 18 sa 27;

(8) “pjan ta' kontroll” tfisser deskrizzjoni stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti li fiha informazzjoni dwar l-istruttura u l-organizzazzjoni tas-sistema ta' kontroll uffiċjali, kif ukoll tat-tħaddim tagħha u l-ippjanar dettaljat tal-kontrolli uffiċjali li għandhom jitwettqu tul perijodu ta' żmien, f'kull wieħed mill-oqsma msemmija fl-Artikolu 1(2);

(9) “annimali” tfisser annimali kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429;

(10) “marda tal-annimali” tfisser marda kif definita fil-punt (16) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429;

(11) “oġġetti” tfisser dak kollu li hu soġġett għal regola waħda jew aktar minn dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2), għajr l-annimali;

(12) “ikel” tfisser ikel kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;

(13) “għalf” tfisser għalf kif definit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;

(14) “prodotti sekondarji mill-annimali” tfisser prodotti sekondarji mill-annimali kif definiti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

(15) “prodotti derivati” tfisser prodotti derivati kif definiti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

(16) “pjanti” tfisser pjanti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/2031;

(17) “pesti tal-pjanti” tfisser pesti kif definiti fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031;

(18) “prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti” tfisser prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif definiti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009;

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

▼B

(19) “prodotti li joriġinaw mill-annimali” tfisser prodotti li joriġinaw mill-annimali kif definiti fil-punt 8(1) tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(20) “prodotti ġerminali” tfisser prodotti ġerminali kif definiti fil-punt (28) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429;

(21) “prodotti mill-pjanti” tfisser prodotti mill-pjanti kif definiti fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/2031;

(22) “oġġetti oħra” tfisser oġġetti oħra kif definiti fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE)2016/2031;

(23) “periklu” tfisser kwalunkwe aġent jew kondizzjoni li potenzjalment ikollha effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, fuq it-trattament xieraq tal-annimali jew fuq l-ambjent;

(24) “riskju” tfisser funzjoni tal-probabbiltà ta' effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, fuq it-trattament xieraq tal-annimali jew fuq l-ambjent u tas-severità ta' dak l-effett, b'konsegwenza għall-periklu;

(25) “ċertifikazzjoni uffiċjali” tfisser il-proċedura li biha l-awtoritajiet kompetenti jagħtu garanzija dwar il-konformità ma' rekwiżit wieħed jew aktar stipulati fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

(26) “uffiċjal ta' ċertifikazzjoni” tfisser:

(a) kwalunkwe uffiċjal tal-awtoritajiet kompetenti awtorizzat li jiffirma ċertifikati uffiċjali minn tali awtoritajiet; jew

(b) kwalunkwe persuna fiżika oħra, li hija awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti li tiffirma ċertifikati uffiċjali f'konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

(27) “ċertifikat uffiċjali” tfisser dokument fuq karta jew elettroniku ffirmat mill-uffiċjal ta' ċertifikazzjoni u li jipprovdi garanzija rigward il-konformità ma' rekwiżit wieħed jew aktar minn dawk stipulati fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

(28) “attestazzjoni uffiċjali” tfisser kwalunkwe tikketta, marka jew forma oħra ta' attestazzjoni maħruġa mill-operaturi taħt is-superviżjoni, permezz ta' kontrolli uffiċjali speċifiċi, tal-awtoritajiet kompetenti, jew maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti nfushom, u li tipprovdi garanzija rigward il-konformità ma' rekwiżit wieħed jew aktar stipulati f'dan ir-Regolament jew fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

(29) “operatur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika soġġetta għal obbligu wieħed jew aktar previsti fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

(30) “awditjar” tfisser eżami sistematiku u indipendenti biex jiġi ddeterminat jekk l-attivitajiet u r-riżultati relatati ta' tali attivitajiet ikunux konformi mal-arranġamenti ppjanati u jekk dawn l-arranġamenti jkunux qed jiġu applikati b'mod effettiv u jkunux adatti biex jinkisbu l-objettivi;

([1]) Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

▼B

(31) “klassifikazzjoni” tfisser klassifikazzjoni tal-operaturi abbażi ta' valutazzjoni tal-konformità tagħhom mal-kriterji ta' klassifikazzjoni;

(32) “veterinarju uffiċjali” tfisser veterinarju maħtur minn awtorità kompetenti bħala persunal jew mod ieħor u li jkollu l-kwalifiki adatti biex iwettaq kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra f'konformità ma' dan ir-Regolament u r-regoli rilevanti msemmija fl-Artikolu 1(2);

(33) “uffiċjal uffiċjali tas-saħħa tal-pjanti” tfisser persuna fiżika maħtura minn awtorità kompetenti bħala persunal jew mod ieħor u mħarrġa kif xieraq biex twettaq kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra f'konformità ma' dan ir-Regolament u r-regoli rilevanti msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 1(2);

(34) “materjal speċifikat riskjuż” tfisser materjal speċifikat riskjuż kif definit fil-punt (g) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(35) “vjaġġ twil” tfisser vjaġġ twil kif definit fil-punt (m) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005;

(36) “tagħmir għall-applikazzjoni ta' pestiċidi” tfisser tagħmir għall-applikazzjoni ta' pestiċidi kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/128/KE;

(37) “kunsinna” tfisser għadd ta' annimali jew kwantità ta' oġġetti koperti mill-istess ċertifikat uffiċjali, attestazzjoni uffiċjali jew kwalunkwe dokument ieħor, imwassla bl-istess mezz ta' trasport, u li jkunu ġejjin mill-istess territorju jew pajjiż terz, u, ħlief għal oġġetti soġġetti għar-regoli msemmija f'punt (g) tal-Artikolu 1(2), ikunu tal-istess tip, klassi jew deskrizzjoni;

(38) “post ta' kontroll fuq il-fruntiera” tfisser post, u l-faċilitajiet li jappartjenu għalih, magħżul minn Stat Membru għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali previsti fl-Artikolu 47(1);

(39) “punt ta' ħruġ” tfisser post ta' kontroll fuq il-fruntiera jew kwalunkwe post ieħor magħżul minn Stat Membru minn fejn annimali, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, jitilqu mit-territorju doganali tal-Unjoni;

(40) “li jidħlu fl-Unjoni” jew “dħul fl-Unjoni” tfisser l-azzjoni li jinġiebu annimali u oġġetti f'wieħed mit-territorji elenkati fl-Anness I minn barra dawn it-territorji, b'eċċezzjoni rigward ir-regoli msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 1(2) li għalihom dawn it-termini jfissru l-azzjoni li jiddaħħlu oġġetti fit-“territorju tal-Unjoni” kif definit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) 2016/2031;

(41) “verifika ta' dokumenti” tfisser l-eżami taċ-ċertifikati uffiċjali, l-attestazzjonijiet uffiċjali u dokument(i) ieħor/oħra, inkluż dokumenti ta' natura kummerċjali, li huma meħtieġa jakkumpanjaw il-kunsinna kif previst mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), mill-Artikolu 54(1) jew minn atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-Artikoli 77(3), 126(3), 128(1) u 129(1);

▼B

(42) “verifika tal-identità” tfisser spezzjoni viżiva biex jiġi vverifikat li l-kontenut u t-tikkettjar ta' kunsinna, inklużi l-marki fuq annimali, siġilli u mezzi ta' trasport, jikkorrispondu għall-informazzjoni pprovduta fiċ-ċertifikati uffiċjali, fl-attestazzjonijiet uffiċjali u f'dokumenti oħra li jakkumpanjaw il-kunsinna;

(43) “verifika fiżika” tfisser verifika tal-annimali jew tal-prodotti u, kif xieraq, verifiki fuq l-imballaġġ, il-mezz ta' trasport, it-tikkettjar u t-temperatura, it-teħid ta' kampjuni għal analiżi, ittestjar jew dijanjosi, u kwalunkwe verifika oħra meħtieġa għall-verifika tal-konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

(44) “transitu” tfisser moviment li jibda minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor u li jgħaddi taħt superviżjoni doganali minn wieħed mit-territorji elenkati fl-Anness I jew li jibda minn wieħed mit-territorji elenkati fl-Anness I lejn territorju ieħor elenkat fl-Anness I wara li jgħaddi mit-territorju ta' pajjiż terz, b'eċċezzjoni fir-rigward tar-regoli msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 1(2), li għalihom tfisser waħda minn dawn li ġejjin:

(a) moviment minn pajjiż terz għal ieħor, kif definit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) 2016/2031 li jgħaddi taħt superviżjoni doganali mit-“territorju tal-Unjoni”, kif definit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(3) ta' dak ir-Regolament; jew

(b) moviment mit-“territorju tal-Unjoni” għal parti oħra tat-“territorju tal-Unjoni”, kif definit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) 2016/2031, li jgħaddi mit-territorju ta' pajjiż terz kif definit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(3) ta' dak ir-Regolament;

(45) “superviżjoni mill-awtoritajiet doganali” tfisser superviżjoni doganali kif definita fil-punt (27) tal-Artikolu 5 tar- Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1];

(46) “kontroll mill-awtoritajiet doganali” tfisser kontrolli doganali kif definiti fil-punt (3) tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(47) “detenzjoni uffiċjali” tfisser il-proċedura li biha l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li l-annimali u l-oġġetti soġġetti għal kontrolli uffiċjali ma jiċċaqalqux u ma jintmessux, sakemm tittieħed deċiżjoni dwar id-destinazzjoni tagħhom; hija tinkludi l-ħażna mill-operaturi f'konformità mal-istruzzjonijiet u taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti;

(48) “ktieb tal-vjaġġ” tfisser id-dokument stipulat fil-punti 1 sa 5 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1/2005;

[1] Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

▼B

(49) “awżiljarju uffiċjali” tfisser rappreżentant tal-awtoritajiet kompetenti mħarreġ f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti taħt l-Artikolu 18 u impjegat biex iwettaq ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali jew ċerti kompiti marbutin ma' attivitajiet uffiċjali oħra;

(50) “laħam u ġewwieni li jittiekel” tfisser, għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 49(2) ta' dan ir-Regolament, il-prodotti elenkati fis-Sottokapitoli 0201 sa 0208 tal-Kapitolu 2 tat-Taqsima I tal-Parti II tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]);

(51) “marka tas-saħħa” tfisser marka applikata wara li jsiru l-kontrolli uffiċjali msemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 18(2) li tiċċertifika li l-laħam huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem.

TITOLU II

KONTROLLI UFFIĊJALI U ATTIVITAJIET UFFIĊJALI OĦRA FL-ISTATI MEMBRI

KAPITOLU I

Awtoritajiet kompetenti

Artikolu 4

Ħatra tal-awtoritajiet kompetenti

1. Għal kull qasam regolat mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), l-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti li lilhom jiddelegaw ir-responsabbiltà li jorganizzaw jew iwettqu kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra.

2. Fejn, għall-istess qasam, Stat Membru jiddelega r-responsabbiltà għall-organizzazzjoni jew it-twettiq ta' kontrolli uffiċjali jew attivitajiet uffiċjali oħra lil aktar minn awtorità kompetenti waħda, fuq il-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, jew fejn l-awtoritajiet kompetenti maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ikunu jistgħu, bis-saħħa ta' dik il-ħatra, jittrasferixxu responsabbiltajiet speċifiċi għall-kontrolli uffiċjali jew għal attivitajiet uffiċjali oħra lil awtoritajiet pubbliċi oħra, l-Istat Membru għandu:

(a) jiżgura koordinazzjoni effiċjenti u effettiva fost l-awtoritajiet kollha involuti, kif ukoll il-konsistenza u l-effettività tal-kontrolli uffiċjali jew ta' attivitajiet uffiċjali oħra fit-territorju kollu tiegħu; u

(b) jaħtar awtorità unika, f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali tal-Istati Membri, responsabbli għall-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni u l-kuntatti mal-Kummissjoni u ma' Stati Membri oħra fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa f'kull wieħed mill-oqsma regolati mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2).

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

▼B

3. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-verifika ta' konformità mar-regoli msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 1(2) jistgħu jagħtu ċerti responsabbiltajiet relatati ma' kontrolli uffiċjali jew ma' attivitajiet uffiċjali oħra lil awtorità ta' kontroll organiku waħda jew aktar. F'każijiet bħal dawn, għandhom jattribwixxu numru tal-kodiċi lil kull waħda minnhom.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni tiġi informata bid-dettalji ta' kuntatt u bi kwalunkwe bidla fir-rigward ta':

(a) l-awtoritajiet kompetenti maħtura f'konformità mal-paragrafu 1;

(b) l-awtoritajiet waħdanin maħturin f'konformità mal-paragrafu 2(b);

(c) l-awtoritajiet ta' kontroll organiku msemmijin fil-paragrafu 3;

(d) il-korpi delegati msemmijin fl-Artikolu 28(1).

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha wkoll issir disponibbli mill-Istati Membri lill-pubbliku, inkluż fuq l-internet.

Artikolu 5

Obbligi ġenerali fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' kontroll organiku

1. L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' kontroll organiku għandu:

(a) ikollhom proċeduri u/jew arranġamenti stabbiliti biex jiżguraw l-effettività u l-adegwatezza tal-kontrolli uffiċjali u ta' attivitajiet uffiċjali oħra;

(b) ikollhom proċeduri u/jew arranġamenti stabbiliti biex jiżguraw l-imparzjalità, il-kwalità u l-konsistenza tal-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra fil-livelli kollha;

(c) ikollhom proċeduri u/jew arranġamenti stabbiliti biex jiżguraw li l-persunal li jwettaq il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra jkunu ħielsa minn kwalunkwe konflitt ta' interess;

(d) ikollhom kapaċità adegwata ta' laboratorju għall-analiżi, l-ittestjar u d-dijanjosi, jew ikollhom aċċess għal tali kapaċità;

(e) ikollhom għadd suffiċjenti ta' membri ta' persunal ikkwalifikat u b'esperjenza, sabiex il-kontrolli uffiċjali u l-attivitajiet uffiċjali l-oħra jkunu jistgħu jitwettqu b'mod effiċjenti u effettiv, jew ikollhom aċċess għal tali persunal;

(f) ikollhom faċilitajiet u tagħmir adegwati u miżmuma sew biex jiżguraw li l-persunal ikun jista' jwettaq il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra b'mod effiċjenti u effettiv;

(g) ikollhom is-setgħat legali biex iwettqu kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra u biex jieħdu l-azzjoni prevista f'dan ir-Regolament u fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

▼B

(h) ikollhom proċeduri legali stabbiliti biex żguraw li l-persunal ikollu aċċess għall-bini u għad-dokumenti miżmuma mill-operaturi bil-għan li jkun jista' jaqdi l-kompiti tiegħu sew;

(i) ikollhom pjanijiet ta' kontinġenza stabbiliti, u jkunu preparati biex jimplimentaw dawn il-pjanijiet f'każ ta' emerġenza, fejn xieraq, f'konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2).

2. Kwalunkwe ħatra ta' uffiċjal veterinarju għandha tkun bil-miktub u għandha tistipula l-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra u kompiti relatati li għalihom tkun saret il-ħatra. Ir-rekwiżiti imposti fuq il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti li huma previsti f'dan ir-Regolament, inkluż ir-rekwiżit dwar il-ħelsien minn kwalunkwe konflitt ta' interess, għandhom japplikaw għall-veterinarji uffiċjali kollha.

3. Kwalunkwe ħatra ta' uffiċjal uffiċjali tas-saħħa tal-pjanti għandha tkun bil-miktub u għandha tisipula l-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra u kompiti relatati li għalihom tkun saret il-ħatra. Ir-rekwiżiti imposti fuq il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti li huma previsti f'dan ir-Regolament, inkluż ir-rekwiżit dwar il-ħelsien minn kwalunkwe konflitt ta' interess, għandhom japplikaw għall-uffiċjali uffiċjali kollha tas-saħħa tal-pjanti.

4. Il-persunal li jwettaq kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra għandu:

(a) jirċievi, għall-qasam ta' kompetenza tiegħu, taħriġ adegwat li jippermettilu jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod kompetenti, u jwettaq kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra b'mod konsistenti;

(b) iżomm ruħu aġġornat fil-qasam ta' kompetenza tiegħu u jirċievi taħriġ addizzjonali regolari kif ikun meħtieġ; u

(c) jirċievi taħriġ fis-suġġetti stipulati fil-Kapitolu 1 tal-Anness II u dwar l-obbligi tal-awtoritajiet kompetenti li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, skont kif ikun meħtieġ.

L-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' kontroll organiku u l-korpi delegati għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw programmi ta' taħriġ bil-għan li jiżguraw li l-persunal li jwettaq il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra jirċievi t-taħriġ imsemmi fil-punti (a), (b) u (c).

5. Meta, fi ħdan is-servizzi ta' awtorità kompetenti, aktar minn unità waħda tkun kompetenti biex twettaq kontrolli uffiċjali jew attivitajiet uffiċjali oħra, għandhom jiġu żgurati koordinazzjoni u kooperazzjoni effiċjenti u effettivi bejn l-unitajiet differenti.

Artikolu 6

Awditjar tal-awtoritajiet kompetenti

1. Sabiex jiżguraw il-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu awditjar intern jew jiżguraw li jitwettaq awditjar fuqhom stess u għandhom jieħdu miżuri xierqa fid-dawl tar-riżultati ta' dak l-awditjar.

▼B

2. L-awditjar imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għal skrutinju indipendenti u jsir b'mod trasparenti.

Artikolu 7

Dritt għal appell

Id-deċiżjonijiet meħudin mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 55, l-Artikolu 66(3) u (6), l-Artikolu 67, il-punt (b) tal-Artikolu 137(3) u l-Artikolu 138(1) u (2), dwar il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi għandhom ikunu soġġetti għad-dritt għal appell ta' tali persuni f'konformità mal-liġi nazzjonali.

Id-dritt ta' appell ma għandux jaffettwa l-obbligu tal-awtoritajiet kompetenti li jieħdu azzjoni fil-pront biex ineħħu jew irażżnu r-riskji għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali, jew, fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ukoll għall-ambjent, f'konformità ma' dan ir-Regolament u mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2).

Artikolu 8

Obbligi ta' kunfidenzjalità tal-awtoritajiet kompetenti

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li, soġġett għall-paragrafu 3, l-informazzjoni li tinkiseb fit-twettiq ta' dmirijiethom fil-kuntest ta' kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħrajn ma tiġix żvelata lil partijiet terzi fejn, taħt il-leġislazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni, dik l-informazzjoni tkun fin-natura tagħha koperta bis-segretezza professjonali.

Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti obbligi ta' kunfidenzjalità xierqa għall-persunal u individwi oħra impjegati matul il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra.

2. Il-paragrafu 1 għandhom japplikaw ukoll għal awtoritajiet ta' kontroll organiku, korpi delegati u persuni fiżiċi li lilhom ikunu ġew iddelegati ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali ddelegati u għal-laboratorji uffiċjali.

3. Sakemm ma jkunx hemm interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar ta' informazzjoni koperta mis-segretezza professjonali kif imsemmi fil-paragrafu 1, u mingħajr preġudizzju għal sitwazzjonijiet fejn l-iżvelar ikun meħtieġ mil-leġislazzjoni tal-Unjoni jew dik nazzjonali, tali informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni li l-iżvelar tagħha jipperikola:

(a) l-għan tal-ispezzjonijiet, l-investigazzjonijiet jew l-awditjar;

(b) il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' operatur jew ta' kwalunkwe persuna oħra fiżika jew legali; jew

(c) il-protezzjoni ta' proċedimenti fil-qrati u pariri legali.

4. Meta jkunu qed jiddeterminaw jekk hemmx interess pubbliku prevalenti jew le fl-iżvelar ta' informazzjoni koperta mis-segretezza professjonali kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu, fost l-oħrajn, ir-riskji li jista' jkun hemm għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, jew għall-ambjent, u n-natura, il-gravità u l-firxa ta' dawn ir-riskji.

▼B

5. L-obbligi ta' kunfidenzjalità previsti f'dan l-Artikolu ma għandhomx jimpedixxu lill-awtoritajiet kompetenti milli jippubblikaw jew b'xi mod ieħor jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni dwar l-eżitu ta' kontrolli uffiċjali li jirrigwardaw operaturi individwali, dment li, u mingħajr preġudizzju għal sitwazzjonijiet fejn l-iżvelar ikun meħtieġ mil-leġislazzjoni tal-Unjoni jew dik nazzjonali, jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-operatur ikkonċernat jingħata l-opportunità li jikkummenta dwar l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti jkun biħsiebha tippubblika jew tagħmel disponibbli għall-pubbliku, qabel il-pubblikazzjoni jew ir-rilaxx tagħha b'kont meħud tal-urġenza tas-sitwazzjoni; u

(b) l-informazzjoni li tiġi ppubblikata jew li b'xi mod ieħor titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tqis il-kummenti espressi mill-operatur ikkonċernat jew tiġi ppubblikata jew rilaxxata flimkien ma' tali kummenti.

KAPITOLU II

Kontrolli uffiċjali

Taqsima I

Rekwiżiti ġenerali

Artikolu 9

Regoli ġenerali dwar il-kontrolli uffiċjali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali fuq l-operaturi kollha b'mod regolari, abbażi tar-riskji u bi frekwenza adegwata, li jqisu:

(a) riskji identifikati marbutin ma':

(i) annimali u prodotti;

(ii) l-attivitajiet taħt il-kontroll tal-operaturi;

(iii) il-post tal-attivitajiet jew operati tal-operaturi;

(iv) l-użu ta' prodotti, proċessi, materjal, jew sustanzi li jistgħu jinfluwenzaw is-sikurezza tal-ikel, l-integrità u t-tjubija tal-ikel, jew is-sikurezza tal-għalf, is-saħħa tal-annimali jew it-trattament xieraq tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti jew, fil-każ ta' OĠM u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jista' wkoll ikollhom impatt negattiv fuq l-ambjent;

(b) kwalunkwe informazzjoni li tindika l-possibbiltà li l-konsumaturi jitqarrqu, b'mod partikolari dwar in-natura, l-identità, il-proprjetajiet, il-kompożizzjoni, il-kwantità, iż-żmien kemm iservi, il-pajjiż tal-oriġini jew il-post ta' provenjenza, il-metodu ta' fabbrikazzjoni jew produzzjoni tal-ikel;

(c) ir-rekord ta' qabel tal-operaturi fir-rigward tar-riżultati tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuqhom, u fir-rigward tal-konformità tagħhom mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

▼B

(d) l-affidabbiltà u r-riżultati tal-kontrolli proprji li jkunu saru mill-operaturi, jew minn parti terza fuq talba tagħhom, inkluż, fejn adatt, l-iskemi privati ta' assigurazzjoni tal-kwalità, bil-għan li tiġi aċċertata l-konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2); u

(e) kwalunkwe informazzjoni li aktarx tindika nonkonformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2).

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali regolarment, bi frekwenzi adegwati ddeterminati abbażi tar-riskji, biex jidentifikaw ksur intenzjonali possibbli tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), imwettqa permezz ta' prattiki frodulenti jew qarrieqa, filwaqt li jqisu l-informazzjoni dwar tali ksur, kondiviża permezz tal-mekkaniżmi ta' għajnuna amministrattiva previsti fl-Artikoli 102 sa 108, u kwalunkwe informazzjoni oħra li tindika l-possibbiltà ta' tali ksur.

3. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa qabel it-tqegħid fis-suq jew il-moviment ta' ċerti annimali u prodotti, għall-finijiet tal-ħruġ taċ-ċertifikati uffiċjali jew attestamenti uffiċjali rikjesti mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) bħala kondizzjoni għat-tqegħid fis-suq jew għall-moviment tal-annimali jew prodotti, għandhom jitwettqu f'konformità ma' dawn it-tnejn li ġejjin:

(a) ir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

(b) l-atti delegati u ta' implimentazzjoni applikabbli li jkunu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 18 sa 27.

4. Il-kontrolli uffiċjali għandhom jitwettqu mingħajr avviż minn qabel, ħlief fejn tali avviż ikun neċessarju u ġġustifikat kif dovut biex jitwettaq il-kontroll uffiċjali. Fir-rigward ta' kontrolli uffiċjali fuq talba mill-operatur, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi jekk il-kontrolli uffiċjali għandhomx jitwettqu b'avviż minn qabel jew le. Il-kontrolli uffiċjali b'avviż minn qabel ma għandhomx jipprekludu kontrolli uffiċjali mingħajr avviż minn qabel.

5. Il-kontrolli uffiċjali għandhom isiru, sa fejn possibbli, b'tali mod li l-piż amministrattiv u l-interruzzjoni operazzjonali għall-operaturi jinżammu fl-inqas livelli meħtieġa, mingħajr ma tiġi affettwata ħażin l-effettività tal-kwalità tal-kontroll.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali bl-istess mod, filwaqt li titqies il-ħtieġa li l-kontrolli jiġu adattati għas-sitwazzjonijiet speċifiċi, irrispettivament minn jekk l-annimali u l-oġġetti kkonċernati humiex:

(a) disponibbli fis-suq tal-Unjoni, ikunux joriġinaw mill-Istat Membru fejn isiru l-kontrolli uffiċjali, jew minn Stat Membru ieħor; jew

(b) ser jiġu esportati mill-Unjoni; jew

(c) deħlin fl-Unjoni.

▼B

7. Safejn strettament meħtieġ għall-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali, l-Istati Membri ta' destinazzjoni jistgħu jitolbu lill-operaturi li jkollhom annimali jew oġġetti mwassla lilhom minn Stat Membru ieħor jirrappurtaw il-wasla ta' tali annimali jew oġġetti.

Artikolu 10

Operaturi, proċessi u attivitajiet soġġetti għal kontrolli uffiċjali

1. Safejn meħtieġ biex tkun aċċertata l-konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali fuq:

(a) annimali u oġġetti fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-użu;

(b) sustanzi, materjali jew oġġetti oħrajn li jistgħu jinfluwenzaw il-karatteristiċi jew is-saħħa tal-annimali u l-oġġetti, u l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti applikabbli, fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-użu;

(c) operaturi fir-rigward tal-attivitajiet, inkluż iż-żamma ta' annimali, it-tagħmir, il-mezzi ta' trasport, il-bini u postijiet oħra taħt il-kontroll tagħhom u l-inħawi ta' madwarhom u fuq dokumentazzjoni relatata.

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli li jikkonċernaw listi jew reġistri eżistenti stabbiliti abbażi tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu u jżommu aġġornata lista ta' operaturi. Fejn tali lista jew reġistru jkunu jeżistu diġà għal finijiet oħra, dawn jistgħu jintużaw ukoll għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex temenda dan ir-Regolament dwar l-istabbiliment ta' kategoriji ta' operaturi li għandhom jiġu eżentati mil-lista tal-operaturi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fejn l-inklużjoni tagħhom f'tali lista tikkostitwixxi piż amministrattiv sproporzjonat għalihom meta mqabbel mar-riskju relatat mal-attivitajiet tagħhom.

Artikolu 11

Trasparenza tal-kontrolli uffiċjali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali b'livell għoli ta' trasparenza u għandhom, tal-inqas darba fis-sena, jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, inkluż permezz tal-pubblikazzjoni fuq l-internet, informazzjoni rilevanti dwar l-organizzazzjoni u t-twettiq ta' kontrolli uffiċjali.

Għandhom jiżguraw ukoll il-pubblikazzjoni regolari u f'waqtha ta' informazzjoni dwar dawn li ġejjin:

(a) it-tip, l-għadd u r-riżultat tal-kontrolli uffiċjali;

(b) it-tip u l-għadd ta' każijiet ta' nonkonformità identifikati;

▼B

(c) it-tip u l-għadd ta' każijiet fejn ittieħdu miżuri mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 138; u

(d) it-tip u l-għadd ta' każijiet fejn il-penali msemmija fl-Artikolu 139 ġew imposti.

L-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (d) tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu tista' tingħata, fejn xieraq, permezz tal-pubblikazzjoni tar-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 113(1).

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu proċeduri biex jiżguraw li kwalunkwe ineżattezza fl-informazzjoni li ssir disponibbli lill-pubbliku tiġi kkoreġuta kif xieraq.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippubblikaw, jew jagħmlu disponibbli lill-pubbliku, informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-operaturi individwali abbażi tar-riżultat ta' kontroll uffiċjali wieħed jew aktar, dejjem jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kriterji ta' klassifikazzjoni jkunu oġġettivi, trasparenti, u disponibbli għall-pubbliku; u

(b) ikunu fis-seħħ arranġamenti xierqa biex jiġi żgurat li l-proċess ta' klassifikazzjoni jkun ġust, konsistenti u trasparenti.

Artikolu 12

Proċeduri ta' kontroll dokumentati

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali skont proċeduri ddokumentati.

Dawk il-proċeduri għandhom ikopru l-oqsma għall-proċeduri ta' kontroll stipulati fil-Kapitolu II tal-Anness II, u għandhom jinkludu struzzjonijiet għall-persunal li jwettaq il-kontrolli uffiċjali.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom fis-seħħ proċeduri ta' verifika tal-kontroll . .

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jieħdu azzjonijiet korrettivi fil-każijiet kollha fejn il-proċeduri previsti fil-paragrafu 2 jidentifikaw nuqqasijiet; u

(b) jaġġornaw il-proċeduri ddokumentati previsti fil-paragrafu 1, kif xieraq.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom ukoll japplikaw għal korpi delegati u awtoritajiet ta' kontroll organiku.

Artikolu 13

Rekords bil-miktub ta' kontrolli uffiċjali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu rekords bil-miktub ta' kull kontroll uffiċjali li jwettqu. Dawk ir-rekords jistgħu jkunu bil-miktub jew f'forma elettronika.

Dawk ir-rekords għandu jkun fihom:

(a) deskrizzjoni tal-iskop tal-kontrolli uffiċjali;

▼B

(b) il-metodi ta' kontroll applikati;

(c) ir-riżultati tal-kontrolli uffiċjali; u

(d) fejn xieraq, l-azzjoni li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu mingħand l-operatur ikkonċernat b'riżultat tal-kontrolli uffiċjali tagħhom.

2. Dment li ma jkunx mitlub mod ieħor għall-finijiet ta' investigazzjonijiet ġudizzjarji jew il-protezzjoni tal-proċeduri tal-qorti, l-operaturi soġġetti għal kontroll uffiċjali għandhom jingħataw, fuq talba, kopja tar-rekords previsti fil-paragrafu 1, ħlief jekk ikun inħareġ ċertifikat uffiċjali jew ingħatat attestazzjoni uffiċjali. L-operatur għandu jiġi infurmat minnufih bil-miktub mill-awtoritajiet kompetenti dwar kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformità identifikat permezz tal-kontrolli uffiċjali.

3. Fejn il-kontrolli uffiċjali jitolbu l-preżenza kontinwa jew regolari ta' persunal jew ta' rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti fil-proprjetà tal-operatur, ir-rekords previsti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu prodotti bi frekwenza li tippermetti li l-awtoritajiet kompetenti u l-operatur:

(a) ikunu infurmati b'mod regolari dwar il-livell ta' konformità; u

(b) ikunu infurmati minnufih bi kwalunkwe każ ta' nonkonformità identifikat permezz tal-kontrolli uffiċjali.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom ukoll japplikaw għal korpi delegati, awtoritajiet ta' kontroll organiku u persuni fiżiċi li lilhom ikunu ġew iddelegati ċerti kompiti uffiċjali ta' kontroll.

Artikolu 14

Metodi u tekniki għal kontrolli uffiċjali

Il-kontrolli uffiċjali, il-metodi u t-tekniki għandhom jinkludu dawn li ġejjin kif xieraq:

(a) eżami tal-kontrolli li l-operaturi jkunu implimentaw u tar-riżultati miksuba;

(b) spezzjoni ta':

(i) it-tagħmir, il-mezzi tat-trasport, il-bini u postijiet oħra taħt il-kontroll tagħhom u l-inħawi ta' madwarhom;

(ii) annimali u oġġetti, inklużi oġġetti semi-manifatturati, materja prima, ingredjenti, materjal ta' għajnuna għall-ipproċessar u prodotti oħra użati għall-preparazzjoni u l-produzzjoni tal-oġġetti jew għall-għalf jew it-trattament tal-annimali;

(iii) il-prodotti u l-proċessi tat-tindif u tal-manutenzjoni;

(iv) it-traċċabbiltà, it-tikkettjar, il-preżentazzjoni, ir-reklamar u l-materjal ta' imballaġġ rilevanti inkluż materjal li jkun maħsub li ser jiġi f'kuntatt mal-ikel;

(c) kontrolli tal-kondizzjonijiet tal-iġjene fil-proprjetà tal-operaturi;

▼B

(d) valutazzjoni tal-proċeduri fir-rigward ta' prattiki ta' manifattura tajba, prattiki tal-iġjene tajba, prattiki ta' biedja tajba, u tal-proċeduri ibbażati fuq il-prinċipji ta' punti kritiċi ta' kontroll u analiżi tar-riskji (HACCP);

(e) eżami tad-dokumenti, ir-rekords tat-traċċabbiltà u rekords oħra li jistgħu jkunu rilevanti għall-valutazzjoni tal-konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), inkluż fejn adatt, dokumenti li jakkumpanjaw ikel, għalf u kwalunkwe sustanza jew materjal li jidħol fi stabbiliment jew joħroġ minnu;

(f) intervisti mal-operaturi u l-persunal tagħhom;

(g) il-verifika ta' kejl meħud mill-operatur u riżultati oħrajn tat-test;

(h) teħid ta' kampjuni, analiżi, dijanjosi u testijiet;

(hi) awditjar tal-operaturi;

(j) kwalunkwe attività oħra meħtieġa għall-identifikazzjoni ta' każijiet ta' nonkonformità.

Artikolu 15

Obbligi tal-operaturi

1. Safejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali jew ta' attivitajiet uffiċjali oħra, l-operaturi għandhom jagħtu lill-persunal, fejn dan ikun mitlub mill-awtoritajiet kompetenti, aċċess għal:

(a) it-tagħmir, il-mezzi tat-trasport, il-bini u postijiet oħra taħt il-kontroll tagħhom u l-inħawi ta' madwarhom;

(b) is-sistemi kompjuterizzati ta' ġestjoni tal-informazzjoni;

(c) l- annimali u l-oġġetti taħt il-kontroll tagħhom;

(d) id-dokumenti tagħhom u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

2. Matul il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra, l-operaturi għandhom jgħinu u jikkooperaw mal-persunal tal-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' kontroll organiku fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.

3. L-operatur responsabbli għal kunsinna li tidħol fl-Unjoni għandu, minbarra l-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, mingħajr dewmien jagħmel disponibbli fuq karta jew b'mod elettroniku l-informazzjoni kollha li tikkonċerna annimali u oġġetti.

4. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-operaturi u l-awtoritajiet kompetenti relatati mal-wasla u l-ħatt ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) fejn dan huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni sħiħa tagħhom u t-twettiq effiċjenti tal-kontrolli uffiċjali fuq tali u prodotti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

▼B

5. Għall-fini tal-Artikolu 10(2) u soġġett għall-Artikolu 10(3), l-operaturi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tal-anqas bid-dettalji aġġornati li ġejjin:

(a) l-isem u l-formola legali tagħhom; u

(b) l-attivitajiet speċifiċi li jwettqu, inklużi attivitajiet imwettqa permezz ta' komunikazzjoni minn distanza, u l-postijiet taħt il-kontroll tagħhom.

6. L-obbligi tal-operaturi stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll f'każijiet fejn kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra jitwettqu minn veterinarji uffiċjali, uffiċjali fil-qasam tas-saħħa tal-pjanti, korpi delegati, awtoritajiet ta' kontroll u persuni fiżiċi li lilhom ikunu ġew iddelegati ċerti kompiti uffiċjali ta' kontroll jew ċerti kompiti marbutin ma' attivitajiet uffiċjali oħra.

Taqsima II

Rekwiżiti addizzjonali għal kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra f'ċerti oqsma

Artikolu 16

Rekwiżiti addizzjonali

1. Fl-oqsma regolati mir-regoli previsti f'din it-Taqsima, dawk ir-regoli għandhom japplikaw flimkien mar-regoli l-oħrajn stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. Meta tadotta l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni previsti f'din it-Taqsima, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) l-esperjenza miksuba mill-awtoritajiet kompetenti u mill-operaturi kummerċjali tal-ikel u tal-għalf fl-applikazzjoni tal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(b) żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi;

(c) l-aspettattivi tal-konsumaturi fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-ikel u bidliet fix-xejriet tal-konsum tal-ikel;

(d) riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti assoċjati ma' annimali u oġġetti; u

(e) informazzjoni dwar ksur intenzjonali possibbli mwettaq permezz ta' prattiki frodulenti jew qarrieqa.

([1]) Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

([2]) Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-għalf (ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1).

▼B

3. Meta tadotta l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni previsti f'din it-Taqsima, u safejn dan ma jimpedixxix milli jinkisbu l-objettivi segwiti mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), il-Kummissjoni għandha tqis ukoll l-elementi li ġejjin:

(a) il-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni, filwaqt li titqies in-natura u d-daqs tan-negozji ż-żgħar;

(b) il-ħtieġa li jiġi permess l-użu kontinwu ta' metodi tradizzjonali fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar jew tad-distribuzzjoni tal-ikel u l-produzzjoni ta' ikel tradizzjonali; u

(c) il-ħtiġijiet tal-operaturi li jinsabu f'reġjuni li huma soġġetti għal restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi.

Artikolu 17

Definizzjonijiet speċifiċi

Għall-finijiet tal-Artikolu 18:

(a) "taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali" tfisser li l-veterinarju uffiċjali jassenja t-twettiq ta' azzjoni lil awżiljarju uffiċjali;

(b) "taħt is-sorveljanza tal-veterinarju uffiċjali" tfisser li azzjoni titwettaq minn awżiljarju uffiċjali taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali u l-veterinarju uffiċjali jkun preżenti fuq il-post matul iż-żmien meħtieġ biex titwettaq dik l-azzjoni;

(c) "spezzjoni ante-mortem" tfisser il-verifika, qabel l-attivitajiet ta' tbiċċir, tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tat-trattament xieraq tal-annimali, inkluż, fejn xieraq, l-eżami kliniku ta' kull annimal individwali, u l-verifika ta' tagħrif dwar il-katina tal-ikel kif imsemmija fit-Taqsima III tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(d) "spezzjoni post-mortem" tfisser il-verifika fil-biċċerija jew l-istabbiliment li jżomm it-tjur tal-konformità mar-rekwiżiti li japplikaw għal:

(i) karkassi kif definiti fil-punt 1.9 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u ġewwieni li jittiekel kif definit fil-punt 1.11 ta' dak l-Anness, sabiex jiġi deċiż jekk il-laħam huwiex tajjeb għall-konsum mill-bniedem,

(ii) it-tneħħija bla periklu ta' materjal speċifikat ta' riskju, u

(iii) is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali.

Artikolu 18

Regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali u għal azzjoni li għandha tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-produzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsubin għall-konsum mill-bniedem

1. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma maħsuba għall-konsum

▼B

mill-bniedem għandhom jinkludu l-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004, (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1099/2009 kif applikabbli.

2. Il-kontrolli uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1 imwettqa b'rabta mal-produzzjoni tal-laħam għandhom jinkludu:

(a) l-ispezzjoni ante-mortem titwettaq fil-biċċerija minn veterinarju uffiċjali, li jista', fir-rigward preselezzjoni tal-annimali, jiġi assistit minn awżiljarji uffiċjali mħarrġa għal dak il-għan;

(b) permezz ta' deroga mill-punt (a), fir-rigward tat-tjur u l-lagomorfi, l-ispezzjoni ante-mortem imwettqa minn veterinarju uffiċjali, taħt is-superviżjoni tal-veterinarju uffiċjali jew, fejn ikun hemm biżżejjed garanziji fis-seħħ, taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali;

(c) l-ispezzjoni post-mortem imwettqa minn veterinarju uffiċjali, taħt is-superviżjoni tal-veterinarju uffiċjali jew, fejn ikun hemm biżżejjed garanziji fis-seħħ, taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali;

(d) il-kontrolli uffiċjali l-oħra mwettqa f'biċċeriji, u fi stabbilimenti li jaqtgħu l-pjanti u li jżommu t-tjur, minn veterinarju uffiċjali, taħt is-superviżjoni tal-veterinarju uffiċjali jew, fejn ikun hemm biżżejjed garanziji fis-seħħ, taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali, sabiex tkun verifikata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli:

(i) l-iġjene tal-produzzjoni tal-laħam;

(ii) il-preżenza ta' reżidwi ta' prodotti mediċinali veterinarji u kontaminanti fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsubin għall-konsum mill-bniedem;

(iii) verifiki ta' prattiki ta' iġjene tajbin u analiżi tal-perikli u proċeduri bbażati fuq prinċipji HACCP;

(iv) testijiet tal-laboratorju għas-sejbien tal-preżenza ta' aġenti żoonotiċi u mard tal-annimali u biex tiġi vverifikata l-konformità mal-kriterju mikrobijoloġiku kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 ([1]);

(v) it-trattament u r-rimi ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' materjal ta' riskju speċifiku;

(vi) is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali.

3. L-awtorità kompetenti tista', abbażi tal-analiżi tar-riskju, tippermetti li l-persunal tal-biċċerija jgħinu fit-twettiq ta' kompiti marbuta mal-kontrolli uffiċjali msemmija fil-paragrafu 2 fi stabbilimenti tat-tbiċċir tat-tjur jew lagomorfi, jew, fi stabbilimenti tat-tbiċċir ta' annimali ta' speċijiet oħrajn, iwettqu kompiti speċifiċi ta' teħid ta' kampjuni u ttestjar marbutin ma' dawk il-kontrolli, bil-kondizzjoni li l-persunal:

(a) jaġixxi indipendentement mill-persunal ta' produzzjoni tal-biċċerija;

(b) ikun ingħatalu taħriġ xieraq biex iwettaq dawn il-kompiti; u

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

▼B

(c) iwettaq dawn il-kompiti fil-preżenza u skont l-istruzzjonijiet tal-veterinarju uffiċjali jew tal-awżiljarju uffiċjali.

4. Fejn il-kontrolli uffiċjali msemmija fil-punti (a) u (c) tal-paragrafu 2 ma jkunu identifikaw l-ebda nuqqas li jista' jagħmel il-laħam mhux xieraq għall-konsum mill-bniedem, il-marka tas-saħħa għandha tiġi applikata għal ungulati domestiċi, mammali mrobbija tal-kaċċa minbarra logomorfi, u annimali kbar selvaġġi tal-kaċċa, mill-veterinarju uffiċjali, taħt is-superviżjoni tal-veterinarju uffiċjali, taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali, jew, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3, permezz tal-persunal tal-biċċerija.

5. Il-veterinarju uffiċjali għandu jibqa' responsabbli għad-deċiżjonijiet meħuda wara l-kontrolli uffiċjali previsti fil-paragrafi 2 u 4, anki jekk it-twettiq ta' azzjoni jiġi assenjat minnu lill-awżiljarju uffiċjali.

6. Għall-finijiet tal-kontrolli uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1 imwettqa b'rabta ta' molluski bivalvi ħajjin, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikklassifikaw iż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament dwar regoli speċifiċi għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali msemmija fil-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu dwar:

(a) il-kriterji u l-kondizzjonijiet biex jiġi ddeterminat, b'deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 2, meta l-ispezzjoni ante-mortem f'ċerti biċċeriji tista' ssir taħt is-superviżjoni jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju uffiċjali, dment li d-derogi ma jaffettwawx il-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament;

(b) il-kriterji u l-kondizzjonijiet biex jiġi ddeterminat, fir-rigward tat-tjur u l-lagomorfi, meta jkunu ġew sodisfatti biżżejjed garanziji biex il-kontrolli uffiċjali jsiru taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju uffiċjali fir-rigward tal-ispezzjonijiet ante-mortem imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2;

(c) il-kriterji u l-kondizzjonijiet biex jiġi ddeterminat, b'deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 2, meta l-ispezzjoni ante-mortem tista' ssir barra l-biċċerija f'każ ta' tbiċċir urġenti;

(d) il-kriterji u l-kondizzjonijiet biex jiġi ddeterminat, b'deroga mill-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2, meta l-ispezzjoni ante-mortem tista' ssir fl-impriża minn fejn joriġinaw l-annimali;

(e) il-kriterji u l-kondizzjonijiet biex jiġi ddeterminat meta jkunu ġew sodisfatti biżżejjed garanziji biex il-kontrolli uffiċjali jsiru taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju uffiċjali fir-rigward tal-attivitajiet ta' spezzjoni u awditjar ante-mortem imsemmija fil-punti (c) u (d) tal-paragrafu 2;

(f) il-kriterji u l-kondizzjonijiet biex jiġi ddeterminat, b'deroga mill-punt (c) tal-paragrafu 2, f'każ ta' tbiċċir urġenti, meta l-ispezzjoni post-mortem għandha ssir mill-veterinarju uffiċjali;

(g) il-kriterji u l-kondizjonijiet biex jiġi ddeterminat, b'rabta mal-Pectinidae, il-gastropodi marini u l-Holothuroidea, b'deroga mill-paragrafu 6, meta ż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski ma għandhomx jiġu kklassifikati;

▼B

(h) derogi speċifiċi fir-rigward tar-*Rangifer tarandus tarandus*, il-*Lagopus lagopus* u l-*Lagopus mutus*, sabiex ikunu jistgħu jissoktaw id-drawwiet u l-prattiki lokali u tradizzjonali li ilhom jeżistu, dment li d-derogi ma jaffettwawx il-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament;

(i) il-kriterji u kondizzjonijiet biex jiġi ddeterminat, b'deroga mill-punt (c) tal-paragrafu 2, meta l-kontrolli uffiċjali f'impjanti tat-tqattigħ jistgħu jitwettqu minn persunal maħtur mill-awtoritajiet kompetenti għal dak il-għan u mħarreġ kif xieraq;

(j) rekwiżiti minimi speċifiċi għall-persunal tal-awtoritajiet kompetenti u għal veterinarju uffiċjali u awżiljarju uffiċjali sabiex tiġi żgurata prestazzjoni xierqa tal-kompiti tagħhom previsti f'dan l-Artikolu, inklużi r-rekwiżiti minimi ta' taħriġ speċifiku;

(k) rekwiżiti minimi adegwati ta' taħriġ tal-persunal tal-biċċeriji li jassisti fit-twettiq tal-kompiti relatati ma' kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra skont il-paragrafu 3.

8. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali msemmija f'dan l-Artikolu fir-rigward ta':

(a) rekwiżiti speċifiċi għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali u l-frekwenza minima uniformi ta' dawk il-kontrolli uffiċjali, b'kont meħud tal-perikli u r-riskji speċifiċi li jeżistu b'rabta ma' kull prodott li joriġina mill-annimali u l-proċessi differenti li jgħaddi minnhom u fejn ikun meħtieġ livell minimu ta' kontrolli uffiċjali biex iwieġeb għall-perikli u riskji uniformi rikonoxxuti li jistgħu jinħolqu minn prodotti li joriġinaw mill-annimali;

(b) il-kondizzjonijiet għall-klassifikazzjoni u l-monitoraġġ ta' żoni klassifikati ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski bivalvi ħajjin;

(c) il-każijiet fejn, b'rabta ma' nonkonformitajiet speċifiċi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu waħda mill-miżuri jew aktar fost dawk imsemmija fl-Artikoli 137(2) u 138(2);

(d) l-arranġamenti prattiċi tal-ispezzjonijiet ante-mortem u post-mortem imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 2, inklużi r-rekwiżiti uniformi meħtieġa sabiex jiżguraw li biżżejjed garanziji jiġu sodisfatti meta l-kontrolli uffiċjali jsiru taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali;

(e) ir-rekwiżiti tekniċi tal-marka tas-saħħa u l-arranġamenti prattiċi għall-applikazzjoni tagħha;

(f) ir-rekwiżiti speċifiċi għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali u l-frekwenza minima uniformi għal dawk il-kontrolli uffiċjali fuq ħalib mhux pasturizzat, prodotti tal-ħalib u prodotti tal-ħut, fejn ikun meħtieġ livell minimu ta' kontrolli uffiċjali biex ikun hemm reazzjoni għall-perikli u r-riskji uniformi rikonoxxuti li jistgħu jinħolqu minnhom.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

▼B

9. Filwaqt li jikkonformaw mal-għanijiet ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-ikel, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri nazzjonali li jimplimentaw proġetti pilota limitati fiż-żmien u l-firxa, biex jiġu evalwati arranġamenti prattiċi alternattivi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni tallaħam. Dawk il-miżuri nazzjonali għandhom jiġu notifikati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva (UE) 2015/1535. L-eżitu tal-evalwazzjoni mwettqa permezz ta' proġetti pilota għandu jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni malli jkun disponibbli.

10. Għall-fini tal-Artikolu 30, id-delega ta' ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali, imsemmija f'dan l-Artikolu, lil persuna fiżika waħda jew aktar, għandha tkun permessa.

Artikolu 19

Regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali u għall-azzjoni li għandha tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tar-reżidwi ta' sustanzi rilevanti fl-ikel u fl-għalf

1. Il-kontrolli uffiċjali biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli msemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 1(2) għandhom jinkludu kontrolli uffiċjali, li jsiru fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni, fuq sustanzi rilevanti inklużsustanzi li ser jintużaw f'materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel, kontaminanti, sustanzi mhux awtorizzati, projbiti u mhux mixtieqa li l-użu jew il-preżenza tagħhom fuq għelejjel jew annimali jew għall-produzzjoni jew l-ipproċessar ta' ikel jew għalf jistgħu jirriżultaw f'residwi ta' dawk is-sustanzi f'ikel jew għalf.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu regoli għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għall-azzjoni li għandha tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti wara dawk il-kontrolli uffiċjali. Dawk l-atti delegati għandhom jistabbilixxu regoli dwar:

(a) rekwiżiti speċifiċi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali, inkluż, fejn adatt, il-firxa ta' kampjuni u l-istadju ta' produzzjoni, proċessar u distribuzzjoni fejn il-kampjuni għandhom jittieħdu f'konformità mal-metodi li għandhom jintużaw għat-teħid ta' kampjuni u l-analiżi tal-laboratorju stabbiliti f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 34(6), b'kont meħud tal-perikli u r-riskji speċifiċi marbutin mas-sustanzi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) il-każijiet fejn, b'rabta ma' xi nonkonformità jew ma' suspett ta' nonkonformità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu waħda mill-miżuri jew aktar fost dawk imsemmija fl-Artikoli 137(2) u 138(2);

(c) il-każijiet fejn l-awtoritajiet kompetenti, b'rabta ma' xi nonkonformità jew ma' suspett ta' nonkonformità ta' annimali u oġġetti minn pajjiżi terzi, għandhom jieħdu waħda jew aktar mill-miżuri msemmija fl-Artikoli 65 sa 72.

3. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1 u għall-azzjoni li għandha tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti wara dawk il-kontrolli uffiċjali, rigward:

▼B

(a) il-frekwenza minima uniformi għal tali kontrolli uffiċjali, b'kont meħud tal-perikli u r-riskji relatati mas-sustanzi msemmija fil-paragrafu 1;

(b) arranġamenti addizzjonali speċifiċi u kontenut addizzjonali speċifiku għal dawk previsti fl-Artikolu 110, għat-tħejjija tal-partijiet rilevanti tal-pjan nazzjonali pluriennali ta' kontroll (MANCP) previst fl-Artikolu 109(1);

(c) arranġamenti prattiċi speċifiċi għall-attivazzjoni tal-mekkaniżmi tal-għajnuna amministrattiva prevista fl-Artikoli 102 sa 108.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

4. Għall-fini tal-Artikolu 30, id-delega ta' ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali, imsemmija f'dan l-Artikolu, lil persuna fiżika waħda jew aktar għandha tkun permessa.

Artikolu 20

Regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali u għall-azzjoni li għandha tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-annimali, il-prodotti li joriġinaw mill-annimali, il-prodotti ġerminali, il-prodotti sekondarji mill-annimali u l-prodotti derivati

1. Il-kontrolli uffiċjali għall-verifika tal-konformità mar-regoli msemmija fil-punti (a), (c), (d), u (e) tal-Artikolu 1(2) għandhom jinkludu kontrolli uffiċjali, li jitwettqu fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni, fuq annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji mill-annimali u prodotti derivati.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu regoli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji mill-annimali u prodotti derivati biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli tal-Unjoni msemmija fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 1(2) u għall-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti wara l-kontrolli uffiċjali. Dawk l-atti delegati għandhom jistabbilixxu regoli dwar:

(a) rekwiżiti speċifiċi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali u prodotti ġerminali bħala reazzjoni għal perikli u riskji rikonoxxuti għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali permezz ta' kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi vverifikata l-konformità mal-miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard stabbiliti f'konformità mar-regoli msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 1(2);

(b) rekwiżiti speċifiċi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti sekondarji mill-annimali u prodotti derivati bħala reazzjoni għal perikli u riskji speċifiċi għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali permezz ta' kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 1(2);

(c) il-każijiet fejn, b'rabta ma' xi nonkonformità jew ma' suspett ta' nonkonformità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu waħda mill-miżuri jew aktar fost dawk imsemmija fl-Artikolu 137(2) u 138(2).

▼B

3. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1 rigward:

(a) il-frekwenza minima uniformi ta' dawn il-kontrolli uffiċjali fuq annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali u prodotti ġerminali fejn ikun meħtieġ livell minimu ta' kontrolli uffiċjali bħala reazzjoni għall-perikli u r-riskjiuniformi rikonoxxuti għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali permezz ta' kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi vverifikata l-konformità mal-miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll talmard, imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 1(2); u

(b) il-frekwenza minima uniformi ta' dawn il-kontrolli uffiċjali fuq prodotti sekondarji mill-annimali u prodotti derivati fejn ikun meħtieġ livell minimu ta' kontrolli uffiċjali bħala reazzjoni għal perikli u riskji speċifiċi għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali permezz ta' kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 1(2).

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

4. Għall-fini tal-Artikolu 30, id-delega ta' ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali, imsemmija f'dan l-Artikolu, lil persuna fiżika waħda jew aktar għandha tkun permessa.

Artikolu 21

Regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali u għall-azzjoni li għandha tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti b'rabta mar-rekwiżiti tat-trattament xieraq tal-annimali

1. Fl-istadji kollha rilevanti tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tul il-katina agroalimentari, għandhom jitwettqu kontrolli uffiċjali biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 1(2).

2. Il-kontrolli uffiċjali biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli li jistipulaw rekwiżiti marbutin mat-trattament xieraq tal-annimali fil-każ tat-trasport tagħhom, b'mod partikolari mar-Regolament (KE) Nru 1/2005, għandhom jinkludu:

(a) fil-każ ta' vjaġġi twal bejn Stati Membri u ma' pajjiżi terzi, kontrolli uffiċjali mwettqa qabel it-tagħbija, għall-verifika tal-istat tajjeb tal-annimali għat-trasport;

(b) fil-każ ta' vjaġġi twal bejn Stati Membri u pajjiżi terzi ta' equidae domestiċi għajr l-equidae rreġistrati u annimali domestiċi tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini, u qabel dawk il-vjaġġi:

(i) kontrolli uffiċjali tal-kotba tal-vjaġġ biex jiġi vverifikat li l-ktieb tal-vjaġġ huwa realistiku u li jindika konformità mar-Regolament (KE) Nru 1/2005; u

(ii) kontrolli uffiċjali biex jivverifikaw li t-trasportatur indikat fil-ktieb tal-vjaġġ għandu awtorizzazzjoni valida ta' trasportatur, ċertifikat ta' approvazzjoni għall-mezz ta' trasport għall-vjaġġi twal, u ċertifikati ta' kompetenza għax-xufiera u l-akkumpanjaturi;

▼B

(c) fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera previsti fl-Artikolu 59(1), u fil-punti ta' ħruġ:

(i) kontrolli uffiċjali ta' kemm l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati jkunu b'saħħithom, u tal-mezz ta' trasport biex tiġi vverifikata l-konformità mal-Kapitolu II u tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 fejn applikabbli mal-Kapitolu VI tiegħu;

(ii) kontrolli uffiċjali biex jivverifikaw li t-trasportaturi jikkonformaw ma' ftehimiet internazzjonali applikabbli, u li għandhom awtorizzazzjonijiet ta' trasportatur validi u ċertifikati ta' kompetenza għax-xufiera u l-akkumpanjanti; u

(iii) kontrolli uffiċjali biex jivverifikaw jekk l-equidae domestiċi u l-annimali domestiċi ta' speċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini ġewx ittrasportati jew ikunux ser jiġu ttrasportati fi vjaġġi twal.

3. Matul it-twettiq ta' kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jevitaw jew inaqqsu kemm jista' jkun kwalunkwe dewmien bejn it-tgħabbija tal-annimali u t-tluq tagħhom, jew matul it-trasport.

L-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx iżommu l-annimali matul it-trasport sakemm dan ma jkunx strettament neċessarju għat-trattament xieraq tal-annimali jew raġunijiet ta' saħħa tal-annimali jew tal-bniedem. Jekk l-annimali jridu jinżammu matul it-trasport għal aktar minn sagħtejn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jassiguraw li jsiru arranġamenti xierqa għall-kura tal-annimali u, fejn neċessarju, it-tmiegħ, it-tisqija, il-ħatt u l-akkommodazzjoni tagħhom.

4. Fejn, wara l-kontrolli uffiċjali msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2, tiġi stabbilita nonkonformità u din ma tiġix ikkoreġuta mill-organizzatur qabel il-vjaġġ twil, bit-twettiq ta' bidliet adatti għall-arranġamenti tat-trasport, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprojbixxu dak il-vjaġġ twil.

5. Fejn, wara l-kontrolli uffiċjali msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li l-annimali mhumiex f'kondizzjoni li jkomplu l-vjaġġ, huma għandhom jagħtu l-ordni li l-annimali jinħattu, jingħataw l-ilma u l-ikel u jistrieħu sakemm ikunu jifilħu jkomplu bil-vjaġġ tagħhom.

6. Notifika ta' nonkonformità mar-regoli msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-finijiet tal-Artikoli 105 u 106 għandha ssir:

(a) lill-Istat Membru li jkun ħareġ l-awtorizzazzjoni lit-trasportatur;

(b) fejn jiġi identifikat nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe tali regola applikabbli għall-mezzi ta' trasport, lill-Istat Membru li ħareġ iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tal-mezz ta' trasport;

(c) fejn jiġi identifikat nuqqas ta' konformità ma' tali regoli applikabbli għal sewwieqa, lill-Istat Membru li jkun ħareġ iċ-ċertifikat ta' kompetenza tas-sewwieq.

7. Għall-fini tal-Artikolu 30, id-delega ta' ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali, imsemmija f'dan l-Artikolu, lil persuna fiżika waħda jew aktar għandha tkun permessa.

▼B

8. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 sabiex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu regoli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli tal-Unjoni msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 1(2). Dawk l-atti delegati għandhom iqisu r-riskju għat-trattament xieraq tal-annimali marbut mal-attivitajiet tal-biedja u mat-trasport, mat-tbiċċir u mal-qtil tal-annimali, u għandhom jistabbilixxu regoli dwar:

(a) rekwiżiti speċifiċi għat-twettiq ta' dawn il-kontrolli uffiċjali bħala reazzjoni għar-riskju marbut ma' speċijiet ta' annimali u mezzi tat-trasport differenti, u l-ħtieġa li ma jitħallewx isiru prattiki nonkonformi u li tiġi limitata t-tbatija tal-annimali;

(b) il-każijiet fejn, b'rabta ma' nonkonformitajiet speċifiċi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu waħda mill-miżuri jew aktar fost dawk imsemmija fl-Artikoli 137(2) u 138(2);

(c) il-verifika tar-rekwiżiti tat-trattament xieraq tal-annimali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u fil-punti ta' ħruġ, u r-rekwiżiti minimi applikabbli għal dawk il-punti ta' ħruġ;

(d) kriterji u kondizzjonijiet speċifiċi għall-attivazzjoni tal-mekkaniżmi ta' għajnuna amministrattiva previsti fl-Artikoli 102 sa 108;

(e) il-każijiet u l-kondizzjonijiet fejn il-kontrolli uffiċjali għall-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti tat-trattament xieraq tal-annimali jistgħu jinkludu l-użu ta' indikaturi speċifiċi marbutin mat-trattament xieraq tal-annimali bbażati fuq kriterji ta' prestazzjoni li jistgħu jitkejlu, u d-disinn ta' tali indikaturi abbażi ta' evidenza xjentifika u teknika.

9. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar arranġamenti prattiċi uniformi dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli tal-Unjoni msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 1(2), li jistabbilixxu r-rekwiżiti tat-trattament xieraq tal-annimali u dwar l-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti wara tali kontrolli uffiċjali, rigward:

(a) il-frekwenza minima uniformi ta' tali kontrolli uffiċjali, fejn ikun meħtieġ livell minimu ta' kontrolli uffiċjali bħala reazzjoni għar-riskju marbut ma' speċijiet ta' annimali differenti u l-mezzi tat-trasport, u l-bżonn li jiġu evitati prattiki mhux konformi u li tiġi limitata t-tbatija tal-annimali; u

(b) l-arranġamenti prattiċi għaż-żamma ta' reġistri bil-miktub tal-kontrolli uffiċjali mwettqa u l-perijodu taż-żamma tagħhom.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Artikolu 22

Regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali u għall-azzjoni li għandha tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti b'rabta mas-saħħa tal-pjanti

1. Il-kontrolli uffiċjali biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 1(2) għandhom jinkludu kontrolli uffiċjali fuq pesti, pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, u fuq operaturi professjonisti u persuni oħra soġġetti għal dawk ir-regoli.

▼B

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu regoli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli tal-Unjoni msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 1(2) li japplikaw għal dawk l-oġġetti u għall-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti wara t-twettiq ta' dawk il-kontrolli uffiċjali. Dawk l-atti delegati għandhom jistabbilixxu regoli dwar:

(a) rekwiżiti speċifiċi għat-twettiq ta' dawk il-kontrolli uffiċjali fuq id-dħul u l-moviment fl-Unjoni ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra partikolari soġġetti għar-regoli msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 1(2) bħala reazzjoni għall-perikli u r-riskji rikonoxxuti għas-saħħa tal-pjanti b'rabta ma' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra speċifiċi ta' oriġini jew provenjenza partikolari; u

(b) il-każijiet fejn, b'rabta ma' nonkonformitajiet speċifiċi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu waħda mill-miżuri jew aktar fost dawk imsemmija fl-Artikoli 137(2) u 138(2).

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar arranġamenti prattiċi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli tal-Unjoni msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 1(2) li japplikaw għal dawk l-oġġetti u għall-azzjoni li għandha tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti wara tali kontrolli uffiċjali fuq:

(a) il-frekwenza minima uniformi ta' tali kontrolli uffiċjali, fejn ikun meħtieġ livell minimu ta' kontroll uffiċjali bħala reazzjoni għall-perikli u r-riskji uniformi rikonoxxuti għas-saħħa tal-pjanti b'rabta ma' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra speċifiċi ta' oriġini jew provenjenza partikolari;

(b) il-frekwenza uniformi ta' kontrolli uffiċjali li jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti fuq l-operaturi awtorizzati li joħorġu passaporti tal-pjanti f'konformità mal-Artikolu 82(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 b'kont meħud ta' jekk dawk l-operaturi jkunux implimentaw pjan ta' ġestjoni tar-riskji fitosanitarji, kif imsemmi fl-Artikolu 91 ta' dak ir-Regolament għall-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li jipproduċu;

(c) il-frekwenza uniformi ta' kontrolli uffiċjali li jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti fuq l-operaturi awtorizzati li japplikaw il-marka msemmija fl- Artikolu 96(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 jew li tinħareġ l-attestazzjoni uffiċjali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 99(2) ta' dak ir-Regolament.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

4. Għall-fini tal-Artikolu 30, id-delega ta' ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali, imsemmija f'dan l-Artikolu, lil persuna fiżika waħda jew aktar għandha tkun permessa.

▼B

Artikolu 23

Regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali u għall-azzjoni li tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-OĠM għall-fini tal-produzzjoni tal-ikel u l-għalf u tal-ikel u l-għalf modifikat ġenetikament

1. Il-kontrolli uffiċjali biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 1(2) għandhom jinkludu kontrolli uffiċjali fuq OĠM għall-fini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf u fuq ikel u għalf ġenetikament modifikat imwettqa f'kull stadju rilevanti tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tul il-katina agroalimentari.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 sabiex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu regoli għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għall-azzjoni li għandha tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti wara dawn il-kontrolli uffiċjali. Dawk l-atti delegati għandhom jieħdu kont tal-ħtieġa li jiġi żgurat livell minimu ta' kontrolli uffiċjali għall-prevenzjoni ta' prattiki bi ksur tar-regoli msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2), u jistabbilixxu:

(a) rekwiżiti speċifiċi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali bħala reazzjoni għall-perikli u r-riskji uniformi rikonoxxuti ta':

(i) il-preżenza fil-katina agroalimentari ta' OĠM għall-produzzjoni tal-ikel u l-għalf u tal-ikel u l-għalf ġenetikament modifikat li ma jkunux ġew awtorizzati f'konformità mad-Direttiva 2001/18/KE jew ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003;

(ii) il-kultivazzjoni ta' OĠM għall-produzzjoni tal-ikel u l-għalf u l-applikazzjoni korretta tal-pjan ta' monitoraġġ imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2001/18/KE u fil-punt (b) tal-Artikolu 5(5) u fil-punt (b) tal-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003;

(b) il-każijiet fejn, b'rabta ma' nonkonformitajiet speċifiċi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu waħda mill-miżuri jew aktar fost dawk imsemmija fl-Artikoli 137(2) u 138(2).

3. Il-Kummissjoni tista' permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1, b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġi żgurat livell minimu ta' kontrolli uffiċjali għall-prevenzjoni ta' prattiki bi ksur ta' dawk ir-regoli rigward il-frekwenza minima uniformi ta' dawn il-kontrolli uffiċjali fejn ikun meħtieġ livell minimu ta' kontroll uffiċjali bħala reazzjoni għall-perikli u r-riskji uniformi rikonoxxuti ta':

(a) il-preżenza fil-katina agroalimentari ta' OĠM għall-produzzjoni tal-ikel u l-għalf u tal-ikel u l-għalf ġenetikament modifikat li ma jkunux ġew awtorizzati f'konformità mad-Direttiva 2001/18/KE jew ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003;

▼B

(b) il-kultivazzjoni ta' OĠM għall-produzzjoni tal-ikel u l-għalf u l-applikazzjoni korretta tal-pjan ta' monitoraġġ imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2001/18/KE u fil-punt (b) tal-Artikolu 5(5) u fil-punt (b) tal-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

4. Għall-fini tal-Artikolu 30, id-delega ta' ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali, imsemmija f'dan l-Artikolu, lil persuna fiżika waħda jew aktar għandha tkun permessa.

Artikolu 24

Regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali u għall-azzjoni li tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti b'rabta mal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

1. Il-kontrolli uffiċjali għall-verifika tal-konformità mar-regoli msemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 1(2) dan ir-Regolament għandhom jinkludu kontrolli uffiċjali dwar sustanzi attivi, aġenti protettivi, sinerġisti, koformulanti u aġġuvanti kif imsemmija fl-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

2. Għall-fini li tiġi stabbilita l-frekwenza ta' kontrolli uffiċjali bbażati fuq ir-riskju msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu wkoll dan li ġej:

(a) ir-riżultati ta' attivitajiet ta' monitoraġġ rilevanti, inklużi dawk dwar ir-residwi tal-pestiċidi mwettqa għall-fini tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 u tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(b) informazzjoni dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhux awtorizzati, inklużi l-kummerċ illegali ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, u r-riżultati ta' kontrolli rilevanti mill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]); u

(c) informazzjoni dwar avvelenament marbut mal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inklużi informazzjoni disponibbli skont l-Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u informazzjoni dwar ir-rispons tas-saħħa ta' emerġenza disponibbli miċ-ċentri msemmija fl-Artikolu 45(1) tar-Regolament (KE) No 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

([1]) Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

([2]) Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60).

([3]) Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

▼B

3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 sabiex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu regoli għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti delegati għandhom jistabbilixxu regoli dwar:

(a) rekwiżiti speċifiċi għat-twettiq ta'dawn il-kontrolli uffiċjali bħala reazzjoni għall-perikli u r-riskji uniformi rikonoxxuti li jistgħu jiġu kkawżati minn prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, rigward il-manifattura, it-tqegħid fis-suq, id-dħul fl-Unjoni, it-tikkettjar, l-imballaġġ, it-trasport, il-ħżin u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti biex jiġi żgurat li dawn jintużaw b'mod sikur u sostenibbli u li jiġi miġġieled il-kummerċ illegali tagħhom; u

(b) il-każijiet fejn, b'rabta ma' nonkonformitajiet speċifiċi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu waħda mill-miżuri jew aktar fost dawk imsemmija fl-Artikoli 137(2) u 138(2).

4. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali fuq il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 rigward:

(a) il-frekwenza minima uniformi ta' dawn il-kontrolli uffiċjali, fejn ikun meħtieġ livell minimu ta' kontroll uffiċjali bħala reazzjoni għall-perikli u r-riskji uniformi rikonoxxuti li jistgħu jiġu kkawżati minn prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, rigward il-manifattura, it-tqegħid fis-suq, id-dħul fl-Unjoni, it-tikkettjar, l-imballaġġ, it-trasport, il-ħżin u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti biex jiġi żgurat li dawn jintużaw b'mod sikur u sostenibbli u li jiġi miġġieled il-kummerċ illegali tagħhom;

(b) il-ġbir ta' informazzjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar ta' avvelenament issuspettat mill-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

(c) il-ġbir ta' informazzjoni, u l-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhux awtorizzatiinkluż il-kummerċ illegali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

5. Għall-fini tal-Artikolu 30, id-delega ta' ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali, imsemmija f'dan l-Artikolu, lil persuna fiżika waħda jew aktar, għandha tkun permessa.

Artikolu 25

Regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra għall-produzzjoni organika u t-tikkettjar ta' prodotti organiċi

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 1(2), rigward:

▼B

(a) rekwiżiti speċifiċi u kontenut addizzjonali għal dawk previsti fl-Artikolu 110 għat-tħejjija tal-partijiet rilevanti tal-MANCP previst fl-Artikolu 109(1), u kontenut addizzjonali speċifiku tar-rapport previst fl-Artikolu 113;

(b) responsabbiltajiet u kompiti speċifiċi għaċ-ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea b'żieda ma' dawk previsti fl-Artikolu 98;

(c) arranġamenti prattiċi għall-attivazzjoni tal-mekkaniżmi ta' assistenza amministrattiva previsti fl-Artikoli 102 sa 108, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni dwar każijiet ta' nonkonformità jew il-probabbiltà ta' nonkonformità bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi delegati;

(d) il-metodi li għandhom jintużaw għat-teħid ta' kampjuni u għall-analiżijiet u t-testijiet fil-laboratorju, għajr kwalunkwe regola li tinvolvi l-istabbiliment ta' limiti.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Artikolu 26

Regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħrajn li jsiru mill-awtoritajiet kompetenti b'rabta mad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini, l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u l-ispeċjaltajiet tradizzjonali ggarantiti

1. B'deroga mill-Artikolu 31(3), b'rabta mar-regoli msemmija fil-punt (j) tal-Artikolu 1(2), fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu ddelegaw id-deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni biex jużaw l-isem irreġistrat ta' prodott, jistgħu jiddelegaw ukoll l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri li ġejjin:

(a) jordnaw li ċerti attivitajiet tal-operatur ikkonċernat jiġu soġġetti għal kontrolli uffiċjali miżjuda jew sistematiċi;

(b) jordnaw li l-operatur iżid il-frekwenza tal-kontrolli tiegħu stess;

(c) jordnaw il-modifika ta' tikketta sabiex jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott u r-regoli msemmija fil-punt (j) tal-Artikolu 1(2).

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 sabiex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu regoli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali għall-verifika tal-konformità mar-regoli msemmija fil-punt (j) tal-Artikolu 1(2). Dawk l-atti delegati għandhom jistabbilixxu regoli dwar:

(a) rekwiżiti, metodi u tekniki addizzjonali msemmija fl-Artikoli 12 u 14 għall-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi vverifikata l-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u r-rekwiżiti tat-tikkettjar;

▼B

(b) metodi u tekniki speċifiċi imsemmija fl-Artikolu 14 għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali mmirati li jiżguraw it-traċċabbiltà tal-oġġetti u annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli msemmija fil-punt (j) tal-Artikolu 1(2) fl-istadji kollha tal-produzzjoni, il-preparazzjoni u d-distribuzzjoni, u mmirati li jipprovdu garanziji tal-konformità ma' dawk ir-regoli;

(c) il-każijiet fejn, b'rabta ma' nonkonformitajiet speċifiċi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu waħda mill-azzjonijiet u l-miżuri jew aktar fost dawk imsemmija fl-Artikolu 138(1) u (2).

3. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli msemmija fil-punt (j) tal-Artikolu 1(2)) rigward:

(a) arranġamenti prattiċi speċifiċi għall-attivazzjoni tal-mekkaniżmi ta' assistenza amministrattiva previsti fl-Artikoli 102 sa 108, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni dwar każijiet ta' nonkonformità jew il-probabbiltà ta' nonkonformità, bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi delegati; u

(b) obbligi speċifiċi ta' rappurtar tal-korpi delegati;

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

4. Għall-fini tal-Artikolu 30, id-delega ta' ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali, imsemmija f'dan l-Artikolu, lil persuna fiżika waħda jew aktar, għandha tkun permessa.

Artikolu 27

Regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali u għall-azzjoni li tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti f'każijiet ta' riskji ġodda identifikati b'rabta mal-ikel u l-għalf

1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 sabiex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu regoli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq ċerti kategoriji ta' ikel u għalf biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli msemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 1(2) u għall-azzjoni li għandha tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti wara dawn il-kontrolli uffiċjali. Dawk l-atti delegati għandhom jindirizzaw riskji li għadhom kif ġew identifikati, li jistgħu jirriżultaw minn ikel jew għalf, għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew, b'rabta mal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ukoll għall-ambjent, jew kwalunkwe riskju ta' dan it-tip li jirriżulta minn xejriet ġodda ta' produzzjoni jew konsum ta' ikel jew għalf, u li ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv fin-nuqqas ta' tali regoli komuni. Dawk l-atti delegati għandhom jistabbilixxu regoli dwar:

(a) rekwiżiti speċifiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali bħala reazzjoni għall-perikli u r-riskji speċifiċi li jista' jkun hemm b'rabta ma' kull kategorija ta' ikel u għalf u l-proċessi differenti li tgħaddi minnhom; u

▼B

(b) il-każijiet fejn, b'rabta ma' nonkonformitajiet speċifiċi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu waħda mill-miżuri jew aktar fost dawk imsemmija fl-Artikoli 137(2) u 138(2).

2. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar arranġamenti prattiċi uniformi dwar kontrolli uffiċjali mwettqa fuq ċerti kategoriji ta' ikel jew għalf biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli msemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 1(2) biex jiġu indirizzati riskji li għadhom kif ġew identifikati, li jistgħu jirriżultaw mill-ikel jew l-għalf, għas-saħħa tal-bniedem jew l-annimali jew, b'rabta mal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ukoll għall-ambjent, jew kwalunkwe riskju ta' dan it-tip li jirriżulta minn xejriet ġodda ta' produzzjoni jew konsum ta' ikel jew għalf, u li ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv fin-nuqqas ta' regoli komuni ta' dan it-tip dwar il-frekwenza minima uniformi ta' dawn il-kontrolli uffiċjali, fejn ikun meħtieġ livell minimu ta' kontroll uffiċjali bħala reazzjoni għall-perikli u r-riskji speċifiċi li jeżistu b'rabta ma' kull kategorija ta' ikel u għalf u l-proċessi differenti li tgħaddi minnhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

3. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati relatati ma' każijiet ta' riskji serji għas-saħħa tal-bniedem jew l-annimali jew għall-ambjent, il-Kummissjoni għandha tadotta immedjatament atti ta' implimentazzjoni applikabbli f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 145(3).

KAPITOLU III

Delega ta' ċerti kompiti tal-awtoritajiet kompetenti

Artikolu 28

Delega mill-awtoritajiet kompetenti ta' ċerti kompiti speċifiċi ta' kontroll uffiċjali

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddelegaw ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali lil wieħed jew aktar mill-korpi delegati jew persuni fiżiċi f'konformità mal-kondizzjonijiet previsti fl-Artikoli 29 u 30, rispettivament. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-korp delegat jew il-persuna fiżika, li lilhom ġew iddelegati dawn il-kompiti, ikollhom is-setgħat meħtieġa biex iwettqu effettivament dawn il-kompiti.

2. Fejn awtorità kompetenti jew Stat Membru jiddeċiedu li jiddelegaw ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali għall-verifika tal-konformità mar-regoli msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 1(2) lil korp delegat wieħed jew aktar, huma għandhom jattribwixxu numru ta' kodiċi lil kull korp delegat, u għandhom jaħtru awtoritajiet rilevanti responsabbli għall-approvazzjoni u s-superviżjoni tagħhom.

Artikolu 29

Kondizzjonijiet għad-delegar ta' ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali lill-korpi delegati

Id-delega ta' ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali lil korp delegat imsemmi fl-Artikolu 28(1) għandha ssir bil-miktub u għandha tikkonforma mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼B

(a) id-delega tinkludi deskrizzjoni preċiża ta' dawk il-kompiti ta' kontroll uffiċjali li jista' jwettaq il-korp delegat, u l-kondizzjonijiet li taħthom huwa jista' jwettaq dawk il-kompiti;

(b) il-korp delegat:

(i) għandu l-kompetenza, it-tagħmir u l-infrastruttura meħtieġa biex iwettaq dawk il-kompiti ta' kontroll uffiċjali ddelegati lilu;

(ii) għandu numru suffiċjenti ta' membri tal-persunal li jkunu kkwalifikati u b'esperjenza kif xieraq;

(iii) huwa imparzjali u ħieles minn kwalunkwe kunflitt ta' interess u b'mod partikolari mhuwiex f'sitwazzjoni li tista' taffettwa, direttament jew indirettament, l-imparzjalità tal-kondotta professjonali tiegħu fir-rigward tat-twettiq ta' dawk il-kompiti ta' kontroll uffiċjali ddelegati lilu;

(iv) jaħdem u huwa akkreditat f'konformità mal-istandards rilevanti għall-kompiti ddelegati inkwistjoni, inkluż l-istandard EN ISO/IEC 17020 "Rekwiżiti għall-operazzjoni ta' diversi tipi ta' korpi li jwettqu l-ispezzjoni";

(v) għandu setgħat biżżejjed biex iwettaq il-kompiti ta' kontrolli uffiċjali ddelegati lilu; u

(c) ikun hemm arranġamenti implimentati li jiżguraw il-koordinazzjoni effiċjenti u effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti li jiddelegaw u l-korp delegat.

Artikolu 30

Kondizzjonijiet għad-delegar ta' ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali lil persuni fiżiċi

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddelegaw ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali lil persuna fiżika waħda jew iktar, fejn jippermettu hekk ir-regoli previsti fl-Artikoli 18 sa 27. Tali delega għandha ssir bil-miktub u għandha tikkonforma mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-delega tinkludi deskrizzjoni preċiża ta'dawk il-kompiti ta' kontroll uffiċjali li jistgħu jwettqu l-persuni fiżiċi u l-kondizzjonijiet li fihom il-persuni fiżiċi jistgħu jwettqu dawk il-kompiti;

(b) il-persuni fiżiċi:

(i) għandhom l-esperjenza, it-tagħmir u l-infrastruttura meħtieġa biex iwettqu dawk il-kompiti ta' kontroll uffiċjali ddelegati lilhom;

(ii) huma adegwatament kwalifikati u għandhom esperjanza;

(iii) jaġixxu b'mod imparzjali u ħieles minn kwalunkwe kunflitt ta' interess fir-rigward tal-eżerċizzju ta' dawk il-kompiti ta' kontroll uffiċjali ddelegati lilhom; u

(c) ikun hemm arranġamenti fis-seħħ li jiżguraw il-koordinazzjoni effiċjenti u effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti li jiddelegaw u l-persuni fiżiċi.

▼B

Artikolu 31

Kondizzjonijiet għad-delega ta' ċerti kompiti marbutin ma' attivitajiet uffiċjali oħra

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddelegaw ċerti kompiti marbutin ma' attivitajiet uffiċjali oħra lil korp delegat wieħed jew aktar, soġġett għall-konformità mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) ma jipprojbixxux tali delega; u

(b) il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 29 jintlaħqu, bl-eċċezzjoni ta' dik stabbilita fil-punt (b)(iv).

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddelegaw ċerti kompiti marbutin ma' attivitajiet uffiċjali oħra lil persuna fiżika waħda jew aktar soġġett għall-konformità mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) jippermettu tali delega; u

(b) il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 30, applikati *mutatis mutandis*, jiġu sodisfatti.

3. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jiddelegaw lil korp delegat jew lil persuna fiżika d-deċiżjoni rigward il-miżuri previsti fil-punt (b) tal-Artikolu 138(1), u fl-Artikolu 138(2) u (3).

Artikolu 32

Obbligi tal-korpi delegati u tal-persuni fiżiċi

Il-korpi delegati jew persuni fiżiċi li lilhom ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali jkunu ġew iddelegati f'konformità mal-Artikolu 28(1), jew ċerti kompiti marbutin ma' attivitajiet uffiċjali oħra jkunu ġew iddelegati f'konformità mal-Artikolu 31, għandhom:

(a) jikkomunikaw ir-riżultati tal-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa minnhom lill-awtoritajiet kompetenti li jkunu ddelegaw il-kompiti fuq bażi regolari u kull meta l-awtoritajiet kompetenti jitolbu dan;

(b) jinfurmaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti li jkunu ddelegaw il-kompiti kull meta r-riżultati tal-kontrolli uffiċjali jindikaw nuqqas ta' konformità jew jindikaw il-probabbiltà ta' nuqqas ta' konformità, sakemm arranġamenti speċifiċi bejn l-awtorità kompetenti u l-korp delegat jew il-persuna fiżika ma jipprevedux mod ieħor; u

(c) jagħtu aċċess lill-awtoritajiet kompetenti għall-bini u l-faċilitajiet tagħhom u jikkooperaw u jipprovdu assistenza.

Artikolu 33

Obbligi tal-awtoritajiet kompetenti li jiddelegaw

L-awtoritajiet kompetenti li jkunu ddelegaw ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali lil korpi delegati jew persuni fiżiċi skont l-Artikolu 28(1) jew ċerti kompiti marbutin ma' attivitajiet uffiċjali oħra lil korpi delegati jew persuni fiżiċi skont l-Artikolu 31 għandhom:

▼B

(a) jorganizzaw awditjar jew spezzjonijiet ta' tali korpi jew persuni, kif meħtieġ u fil-waqt li jevitaw id-duplikazzjoni, fil-waqt li jqisu kwalunkwe akkreditazzjoni msemmija fil-punt (b)(iv) tal-Artikolu 29;

(b) jirtiraw id-delega minnufih, kompletament jew parzjalment, fejn:

(i) ikun hemm evidenza li tali korp delegat jew persuna fiżika qed tonqos milli twettaq kif suppost il-kompiti ddelegati lilha;

(ii) il-korp delegat jew il-persuna fiżika jonqsu milli jieħdu azzjoni xierqa u f'waqtha biex jirremedjaw għan-nuqqasijiet identifikati; jew

(iii) ikun intwera li tkun ġiet kompromessa l-indipendenza jew l-imparzjalità tal-korp delegat jew tal-persuna fiżika.

Dan il-punt għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-awtoritajiet kompetenti li jirtiraw id-delega għal raġunijiet oħra għajr dawk imsemmija f'dan ir-Regolament.

KAPITOLU IV

Teħid ta' kampjuni, analiżijiet, testijiet u dijanjosijiet

Artikolu 34

Metodi użati għat-teħid ta' kampjuni, analiżijiet, testijiet u dijanjosijiet

1. Il-metodi użati għat-teħid ta' kampjuni u għall-analiżi, l-ittestjar u d-dijanjosi tal-laboratorju matul il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra għandhom jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni li jistabbilixxu dawk il-metodi jew il-kriterji ta' prestazzjoni għal dawk il-metodi.

2. Fin-nuqqas tar-regoli tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1, u fil-kuntest tal-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra, il-laboratorji uffiċjali għandhom jużaw wieħed minn dawn il- metodi li ġejjin skont l-idoneità għall-ħtiġijiet ta' ttestjar, ħtiġijiet analitiċi u dijanjostiċi:

(a) metodi disponibbli konformi ma' regoli jew protokolli rilevanti rikonoxxuti internazzjonalment, inklużi dawk li jkun aċċetta l-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN); jew

metodi rilevanti żviluppati jew rakkomandati mil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea u vvalidati skont il-protokolli xjentifiċi aċċettati internazzjonalment;

(b) fin-nuqqas tar-regoli jew il-protokolli adatti, kif imsemmija fil-punt (a), metodi li jikkonformaw mar-regoli rilevanti stabbiliti fuq livell nazzjonali, jew jekk dawn ir-regoli ma jkunux jeżistu, metodi rilevanti żviluppati jew rakkomandati mil-laboratorji ta' referenza nazzjonali u vvalidati f'konformità mal-protokolli xjentifiċi aċċettati internazzjonalment; jew

metodi rilevanti żviluppati u vvalidati bi studji ta' validazzjoni ta' metodi inter jew intralaboratorji skont protokolli xjentifiċi aċċettati internazzjonalment.

▼B

3. Fejn l-analiżijiet, it-testijiet jew id-dijanjosijiet tal-laboratorju jkunu meħtieġa b'urġenża u ma jeżisti l-ebda metodu minn dawk imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-laboratorju ta' referenza nazzjonali rilevanti, jew, jekk ma jeżisti l-ebda laboratorju ta' referenza nazzjonali, kwalunkwe laboratorju ieħor magħżul skont l-Artikolu 37(1), jista' juża metodi differenti minn dawk imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu sakemm ma ssirx il-validazzjoni ta' metodu xieraq skont protokolli xjentifiċi aċċettati internazzjonalment.

4. Kull fejn possibbli, il-metodi mħaddma għall-analiżi tal-laboratorju għandhom ikunu karatterizzati bil-kriterji rilevanti stipulati fl-Anness III.

5. Il-kampjuni għandhom jittieħdu, jiġu ttrattati u ttikkettati b'mod li jiżguraw l-validità legali, xjentifika u teknika tagħhom.

6. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistipula regoli dwar:

(a) il-metodi li għandhom jintużaw għat-teħid ta' kampjuni u għall-analiżijiet, l-ittestjar u d-dijanjosijiet tal-laboratorju;

(b) il-kriterji ta' pretazzjoni, parametri ta' analiżi, ittestjar jew dijanjosi, inċertezza tal-kejl, u proċeduri għall-validazzjoni ta' dawk il-metodi;

(c) l-interpretazzjoni tar-riżultati tal-analiżi, l-ittestjar u d-dijanjosi.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Artikolu 35

It-tieni opinjoni esperta

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-operaturi, li l-annimali jew il-prodotti tagħhom huma soġġetti għat-teħid ta' kampjuni, analiżi, ittestjar jew dijanjosi fil-kuntest ta' kontrolli uffiċjali, ikollhom id-dritt għat-tieni opinjoni esperta, bi spejjeż tal-operatur stess.

Id-dritt għat-tieni opinjoni esperta għandu jagħti dritt lill-operatur jitlob rieżami dokumentarju tat-teħid ta' kampjuni, l-analiżi, l-ittestjar jew id-dijanjosi minn espert ieħor li jkun rikonoxxut u li jkollu kwalifiki adegwati.

2. Fejn rilevanti, xieraq u vijabbli teknikament, filwaqt li jitqiesu partikolarment il-prevalenza u l-firxa tal-periklu fl-annimali jew prodotti, id-deterjorabbiltà tal-kampjuni jew tal-prodotti, u l-ammont ta' substrati disponibbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) meta jittieħed il-kampjun, u jekk dan jintalab mill-operatur, jiżguraw li tittieħed kwantità suffiċjenti biex ikun jista' jkun hemm it-tieni opinjoni esperta u għar-reviżjoni msemmija fil-paragrafu 3, jekk din tkun neċessarja; jew

(b) fejn ma jkunx possibbli li tittieħed kwantità suffiċjenti kif imsemmi fil-punt (a) , jinformaw lill-operatur b'dan.

▼B

Dan il-paragrafu ma għandux japplika meta tiġi vvalutata l-preżenza ta' pesti tal-kwarantina fil-pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra għall-fini tal-verifika tal-konformità mar-regoli msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 1(2).

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li, fejn ikun hemm disputa bejn l-awtoritajiet kompetenti u operaturi li tkun ibbażata fuq it-tieni opinjoni esperta msemmija fil-paragrafu 1, l-operaturi jistgħu jitolbu, bi spejjeż tagħhom, ir-reviżjoni tad-dokumenti tal-ewwel analiżi, test jew dijanjosi u, fejn xieraq, analiżi, ittestjar jew dijanjosi oħra minn laboratorju uffiċjali ieħor.

4. L-applikazzjoni mill-operatur, għat-tieni opinjoni esperta taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ma għandhiex taffettwa l-obbligu tal-awtoritajiet kompetenti li jieħdu azzjoni pronta biex jeliminaw jew irażżnu r-riskji għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti, jew għat-trattament xieraq tal-annimali jew, fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ukoll għall-ambjent, skont dan ir-Regolament u skont ir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2).

Artikolu 36

Teħid ta' kampjuni ta' annimali u prodotti offruti għall-bejgħ permezz ta' komunikazzjoni minn distanza

1. Fil-każ ta' annimali u prodotti offruti għall-bejgħ permezz ta' komunikazzjoni minn distanza, jistgħu jintużaw kampjuni ordnati mingħand l-operaturi mill-awtoritajiet kompetenti mingħajr ma jidentifikaw ruħhom għall-finijiet ta' kontroll uffiċjali.

2. Ladarba l-kampjuni jkunu fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti, dawn għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-operaturi li mingħandhom ġew ordnati dawk il-kampjuni skont il-paragrafu 1:

(a) jiġu infurmati li tali kampjuni ttieħdu fil-kuntest ta' kontroll uffiċjali, u, fejn xieraq, jiġu analizzati jew ittestjati għall-finijiet ta' tali kontroll uffiċjali; u

(b) fejn il-kampjuni msemmija f'dak il-paragrafu jiġu analizzati jew ittestjati, ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt għat-tieni opinjoni esperta, kif previst fl-Artikolu 35(1).

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għall-korpi delegati u persuni fiżiċi li lilhom ikunu ġew iddelegati ċerti kompiti ta' kontrolli uffiċjali.

Artikolu 37

Għażla tal-laboratorji uffiċjali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħżlu laboratorji uffiċjali biex iwettqu l-analiżijiet, it-testijiet u d-dijanjosijiet ta' kampjuni meħudin matul il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra, fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu joperaw l-awtoritajiet kompetenti, jew fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz li huwa Parti Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

▼B

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħżlu bħala laboratorju uffiċjali laboratorju li jinsab fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz li huwa Parti Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea soġġett għall-konformità mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu fis-seħħ arranġamenti adegwati li taħthom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu l-awditjar u l-ispezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 39(1), jew jiddelegaw it-twettiq ta' tali awditjar u spezzjonijet lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew pajjiż terz li huwa Parti Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea fejn jinsab il-laboratorju; u

(b) dak il-laboratorju jkun diġà ntgħażel bħala laboratorju uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jinsab fit-territorju tiegħu.

3. L-għażla ta' laboratorju uffiċjali għandha ssir bil-miktub u għandha tinkludi deskrizzjoni ddettaljata ta':

(a) il-kompiti li l-laboratorju jwettaq bħala laboratorju uffiċjali;

(b) il-kondizzjonijiet li fihom huwa jwettaq il-kompiti msemmija fil-punt (a); u

(c) l-arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw koordinazzjoni effiċjenti u effettiva, kif ukoll il-kollaborazzjoni bejn il-laboratorju u l-awtoritajiet kompetenti.

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaħtru biss bħala laboratorju uffiċjali laboratorju li:

(a) ikollu l-għarfien espert, it-tagħmir u l-infrastruttura meħtieġa biex iwettaq analiżijiet, testijiet jew dijanjosijiet fuq kampjuni;

(b) ikollu għadd suffiċjenti ta' persunal ikkwalifikat, imħarreġ u b'esperjenza kif xieraq;

(c) jiżgura li l-kompiti kkonferiti lilu kif stabbilit fil-paragrafu 1 jitwettqu b'mod imparzjali u li jkun ħieles minn kwalunkwe kunflitt ta' interess fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompiti tiegħu bħala laboratorju uffiċjali;

(d) ikun jista' jwassal mingħajr dewmien ir-riżultati tal-analiżi, l-ittestjar jew id-dijanjosi mwettqa fuq il-kampjuni meħudin matul il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra; u

(e) jopera skont l-istandard EN ISO/IEC 17025 u jkun akkreditat skont dak l-istandard minn korp ta' akkreditament nazzjonali li jopera skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008.

5. L-ambitu tal-akkreditament ta' laboratorju uffiċjali kif imsemmi fil-punt (e) tal-paragrafu 4:

▼B

(a) għandu jinkludi dawk il-metodi ta' analiżi, ittestjar u dijanjosi tal-laboratorju li jeħtieġ li jintużaw mil-laboratorju għall-analiżi, ittestjar jew dijanjosi meta jopera bħala laboratorju uffiċjali;

(b) jista' jinkludi metodu wieħed jew aktar ta' analiżi, ittestjar jew dijanjosi tal-laboratorju jew gruppi ta' metodi;

(c) jista' jiġi ddefinit b'mod flessibbli, b'mod li jippermetti l-ambitu tal-akkreditament jinkludi verżjonijiet modifikati tal-metodi użati mil-laboratorju uffiċjali fejn l-akkreditament ikun ingħata, jew metodi ġodda minbarra dawk il-metodi, abbażi tal-validazzjonijiet proprji tal-laboratorju, mingħajr valutazzjoni speċifika tal-korp ta' akkreditament nazzjonali qabel l-użu ta' dawk il-metodi mmodifikati jew ġodda.

6. Fejn l-ebda laboratorju uffiċjali magħżul fl-Unjoni jew f'pajjiż terz li huwa Parti Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea skont il-paragrafu 1 ma jkollu l-ispeċjalizzazzjoni, it-tagħmir, l-infrastruttura u l-persunal meħtieġ għat-twettiq ta' analiżi, ittestjar jew dijanjosi tal-laboratorju ġodda jew partikolarment mhux komuni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lil laboratorju jew ċentru tad-dijanjosi li ma jikkonformax ma' rekwiżit wieħed jew aktar mir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4, li jwettaq dawk l-analiżi, ittestjar jew dijanjosi.

Artikolu 38

Obbligi tal-laboratorji uffiċjali

1. Fejn ir-riżultati ta' analiżi, test jew dijanjosi li jsiru fuq kampjuni li jittieħdu matul il-kontrolli uffiċjali jew attivitajiet uffiċjali oħra jindikaw riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, jew fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti, ukoll għall-ambjent, jew jindikaw il-probabbiltà ta' nonkonformità, il-laboratorji uffiċjali għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti li għażluhom għal dik l-analiżi, test jew dijanjosi u, fejn rilevanti, il-korpi delegati jew persuni fiżiċi li lilhom ġew iddelegati l-kompiti. Madankollu, l-arranġamenti speċifiċi bejn l-awtoritajiet kompetenti, il-korpi delegati jew il-persuni fiżiċi li lilhom ikunu ġew iddelegati kompiti u l-laboratorji uffiċjali jistgħu jispeċifikaw li din l-informazzjoni ma tkunx meħtieġa li tingħata minnufih.

2. Fuq talba tal-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea jew tal-laboratorju ta' referenza nazzjonali, il-laboratorji uffiċjali għandhom jieħdu sehem f'ittestjar komparattiv jew testijiet tal-profiċjenza interlaboratorji li jkunu organizzati għall-analiżi, l-ittestjar jew id-dijanjosi li jwettqu bħala laboratorji uffiċjali.

3. Il-laboratorji uffiċjali għandhom, fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti, iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-ismijiet tal-metodi użati għall-analiżi, l-ittestjar jew id-dijanjosi mwettqa fil-kuntest ta' kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra.

4. Il-laboratorji uffiċjali għandhom jindikaw, fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, flimkien mar-riżultati, il-metodi użati għal kull analiżi, ittestjar jew dijanjosi, imwettqa fil-kuntest ta' kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra.

▼B

Artikolu 39

Awditjar tal-laboratorji uffiċjali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jorganizzaw l-awditjar tal-laboratorji uffiċjali li jkunu għażlu skont l-Artikolu 37(1) fuq bażi regolari u kull meta jqisu li jkun meħtieġ awditjar, sakemm ma jsibux li tali awditjar ikun obsolet meta jittieħed kont tal-valutazzjoni ta' akkreditazzjoni msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 37(4).

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw minnufih l-għażla ta' laboratorju uffiċjali, bis-sħiħ jew għal ċerti kompiti, fejn dan jonqos mill jieħu azzjoni xierqa u f'waqtha ta' rimedju wara riżultati ta' awditjar imsemmi fil-paragrafu 1 li jikxef xi fatt minn dawn li ġejjin:

(a) li m'għadux jikkonforma mal-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu 37(4) u (5);

(b) li ma jikkonformax mal-obbligi previsti fl-Artikolu 38;

(c) li l-prestazzjoni tiegħu mhix tajba biżżejjed fl-ittestjar komparattiv interlaboratorju msemmi fl-Artikolu 38(2).

Artikolu 40

Derogi mill-kondizzjoni għall-akkreditament obbligatorju għal ċerti laboratorji uffiċjali

1. B'deroga mill-punt (e) tal-Artikolu 37(4), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaħtru dawn li ġejjin bħala laboratorji uffiċjali, irrispettivament jekk jilħqux jew le l-kondizzjoni prevista f'dak il-punt:

(a) laboratorji:

(i) li l-unika attività tagħhom huwa s-sejbien tat-*Trichinella* fil-laħam;

(ii) li jużaw biss, għas-sejbien tat-*Trichinella*, il-metodi msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 ([1]);

(iii) li jwettqu s-sejbien tat-Trichinella bis-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti jew ta' laboratorju uffiċjali magħżul skont l-Artikolu 37(1), u akkreditat skont l-istandard EN ISO/IEC 17025 għall-użu tal-metodi msemmija fil-punt (ii) ta' dan il-punt; u

(iv) li jipparteċipaw b'mod regolari u għandhom prestazzjoni sodisfaċenti f'testijiet tal-profiċjenza jew testijiet komparattivi interlaboratorji organizzati mil-laboratorji ta' referenza nazzjonali għall-metodi li jużaw għas-sejbien tat-*Trichinella*;

([1]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 tal-10 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* fil-laħam (ĠU L 212, 11.8.2015, p. 7).

▼B

(b) laboratorji li jwettqu biss analiżijiet, testijiet jew dijanjosijiet fil-kuntest ta' attivitajiet uffiċjali oħra, bil-kondizzjoni li:

(i) jużaw biss il-metodi ta' analiżi, ittestjar u dijanjosi tal-laboratorju msemmija fl-Artikolu 34(1) u fil-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 34(2);

(ii) iwettqu l-analiżijiet, it-testijiet jew id-dijanjosijiet taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti jew tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali relattivament għall-metodi li jużaw;

(iii) jieħdu sehem b'mod regolari u għandhom prestazzjoni sodisfaċenti fl-ittestjar komparattiv jew it-testijiet tal-profiċjenza inter-laboratorji organizzati mil-laboratorji ta' referenza nazzjonali relattivament għall-metodi li jużaw; u,

(iv) ikollhom fis-seħħ sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità li tiżgura riżultati sodi u affidabbli mill-metodi ta' analiżi, ittestjar u dijanjosi tal-laboratorju li jintużaw.

2. Fejn il-metodi li jintużaw mil-laboratorji msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jirrikjedu konferma tar-riżultat tal-analiżi, l-ittestjar jew id-dijanjosi tal-laboratorju, l-analiżi, l-ittestjar jew id-dijanjosi tal-laboratorju għall-konfermazzjoni għandhom isiru minn laboratorju uffiċjali konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (e) tal-Artikolu 37(4).

3. Il-laboratorji uffiċjali magħżulin skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu jinsabu fl-Istati Membri li fit-territorju tagħhom jinsabu l-awtoritajiet kompetenti li jkunu għażluhom.

Artikolu 41

Setgħat ta' adozzjoni ta' derogi mill-kondizzjoni għall-akkreditament obbligatorju tal-metodi kollha ta' analiżi, ittestjar u dijanjosi tal-laboratorju li jintużaw mil-laboratorji uffiċjali

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tal-każijiet fejn, u l-kondizzjonijiet li fihom, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaħtru bħala laboratorji uffiċjali skont l-Artikolu 37(1) laboratorji li ma jilħqux il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 37(4)(e) b'rabta mal-metodi kollha li jużaw, għal kontrolli uffiċjali jew attivitajiet uffiċjali oħra, bil-kondizzjoni li tali laboratorji jikkonformaw mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) li joperaw u huma akkreditati skont l-istandard EN ISO/IEC 17025 għall-użu ta' metodu wieħed jew aktar li huwa simili għal, u rappreżentattiv tal-metodi l-oħra li jużaw; u

(b) li jagħmlu użu regolari u sinifikanti tal-metodi li għalihom ikunu kisbu l-akkreditament imsemmi fil-punt (a) ta' dan l-Artikolu; ħlief, fir-rigward tal-qasam regolat mir-regoli msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 1(2), fejn ma jkunx jeżisti metodu vvalidat għas-sejbien tal-pesti partikolari tal-pjanti msemmija fl-Artikolu 34(1) u (2).

▼B

Artikolu 42

Derogi temporanji mill-kondizzjonijiet tal-akkreditament obbligatorju għal-laboratorji uffiċjali

1. B'deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 37(5), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħżlu, b'mod temporanju, laboratorju uffiċjali eżistenti bħala laboratorju uffiċjali skont l-Artikolu 37(1) għall-użu ta' metodu ta' analiżi, ittestjar jew dijanjosi tal-laboratorju li għalih ma jkunx kiseb l-akkreditament imsemmi fl-Artikolu 37(4)(e):

(a) fejn l-użu ta' dak il-metodu jkun meħtieġ mill-ġdid mir-regoli tal-Unjoni;

(b) fejn bidliet f'metodu li jkun qed jintuża jirrikjedu akkreditament ġdid jew l-estensjoni tal-ambitu tal-akkreditament miksub mil-laboratorju uffiċjali;

(c) f'każijiet fejn il-bżonn tal-użu tal-metodu jirriżulta minn sitwazzjoni ta' emerġenza, jew minn riskju emerġenti għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali, jew, fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għall-ambjent ukoll.

2. Il-ħatra temporanja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-laboratorju uffiċjali huwa diġà akkreditat skont l-istandard EN ISO/IEC 17025 għall-użu ta' metodu simili għal dak mhux inkluż fl-ambitu tal-akkreditament tiegħu;

(b) tinsab implimentata sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità fil-laboratorju uffiċjali biex tiżgura riżultati sodi u affidabbli bl-użu ta' metodu mhux inkluż fl-ambitu tal-akkreditament eżistenti;

(c) l-analiżijiet, l-ittestjar jew id-dijanjosijiet isiru taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti jew tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali għal dak il-metodu.

3. L-għażla temporanja prevista fil-paragrafu 1 ma għandhiex taqbeż perijodu ta' sena. Hija tista' tiġġedded darba għal sena oħra.

4. Il-laboratorji uffiċjali magħżulin skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu jinsabu fl-Istati Membri li fit-territorju tagħhom jinsabu l-awtoritajiet kompetenti li jkunu għażluhom.

KAPITOLU V

Kontrolli uffiċjali fuq l-annimali u l-oġġetti li jidħlu fl-Unjoni

Artikolu 43

Il-kontrolli uffiċjali fuq annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni

Il-kontrolli uffiċjali fuq annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni għandhom jiġu organizzati fuq bażi tar-riskju. Fir-rigward ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikoli 47 u 48, tali kontrolli uffiċjali għandhom isiru f'konformità mal-Artikoli 47 sa 64.

▼B

Taqsima I

Annimali u oġġetti għajr dawk soġġetti għal kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll mal-fruntiera taħt it-Taqsima II

Artikolu 44

Kampjuni meħuda fuq annimali u oġġetti għajr dawk soġġetti għal kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll mal-fruntiera taħt it-Taqsima II

1. Biex jaċċertaw il-konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali b'mod regolari, fuq bażi tar-riskju u bi frekwenza xierqa, fuq annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni u li għalihom l-Artikoli 47 u 48 ma japplikawx.

2. Fuq annimali u oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 il-frekwenza xierqa tal-kontrolli uffiċjali għandha tiġi ddeterminata, filwaqt li jitqiesu:

(a) ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali, jew, fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għall-ambjent ukoll, marbutin ma' tipi differenti ta' annimali u oġġetti;

(b) kwalunkwe informazzjoni li tindika l-possibbiltà li l-konsumaturi jitqarrqu, b'mod partikolari dwar in-natura, l-identità, il-proprjetajiet, il-kompożizzjoni, il-kwantità, iż-żmien kemm iservu, il-pajjiż tal-oriġini jew il-post ta' provenjenza, il-metodu ta' fabbrikazzjoni jew produzzjoni tal-oġġetti;

(c) ir-rekord ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti bir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) applikabbli għall-annimali u l-oġġetti kkonċernati:

(i) tal-pajjiż terz u l-istabbiliment tal-oriġini jew il-post tal-produzzjoni kif xieraq;

(ii) tal-esportatur;

(iii) tal-operatur responsabbli għall-kunsinna;

(d) il-kontrolli li jkunu diġà saru fuq l-annimali u l-oġġetti kkonċernati; u

(e) il-garanziji li l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz tal-oriġini jkunu taw fir-rigward tal-konformità tal-annimali u l-oġġetti mar-rekwiżiti stabbiliti bir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) jew ma' rekwiżiti rikonoxxuti bħala tal-anqas ekwivalenti għalihom.

3. Il-kontrolli uffiċjali previsti fil-paragrafu 1 għandhom isiru f'post xieraq fit-territorju doganali tal-Unjoni, inkluż:

(a) il-punt tad-dħul fl-Unjoni;

(b) post ta' kontroll fuq il-fruntiera;

(c) il-punt ta' rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni;

(d) l-imħażen u l-proprjetà tal-operatur responsabbli għall-kunsinna;

▼B

(e) il-post tad-destinazzjoni.

4. Minkejja l-paragrafi 1 u 3, l-awtoritajiet kompetenti fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u f'punti oħra ta' dħul fl-Unjoni għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali fuq dawn li ġejjin, kull meta jkollhom raġuni biex jemmnu li d-dħul tagħhom fl-Unjoni jista' jġib miegħu riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali, jew, fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għall-ambjent ukoll:

(a) il-mezz ta' trasport, inkluż meta jkun battal; u

(b) imballaġġ, inklużi *pallets*.

5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu wkoll kontrolli uffiċjali ta' oġġetti li jinsabu għaddejjin f'waħda mill-proċeduri doganali ddefiniti fil-punti (16)(a), (b) u (c) tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u f'ħażna temporanja ddefinita fil-punt (17) tal-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 45

Tipi ta' kontrolli uffiċjali fuq annimali u oġġetti għajr dawk soġġetti għal kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera taħt it-Taqsima II

1. Fejn kontrolli uffiċjali jitwettqu skont l-Artikolu 44(1), dawn għandhom:

(a) jinkludu dejjem verifika tad-dokumenti; u

(b) jinkludu verifiki tal-identità u verifiki fiżiċi, skont ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali, jew fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għall-ambjent ukoll.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-verifiki fiżiċi msemmija fil-paragrafu 1(b) f'kondizzjonijiet xierqa li jippermettu li l-investigazzjonijiet isiru kif suppost.

3. Fejn il-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità jew il-verifiki fiżiċi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu juru li l-annimali u l-oġġetti mhumiex konformi mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), l-Artikolu 66(1), (3) u (5), l-Artikoli 67, 68, u 69, l-Artikolu 71(1) u (2), l-Artikolu 72(1) u (2), għandhom japplikaw l-Artikoli 137 u 138.

4. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tal-każijiet fejn, u l-kondizzjonijiet li fihom, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-operaturi jinnotifikaw il-wasla ta' ċerti oġġetti li jidħlu fl-Unjoni.

Artikolu 46

Kampjuni meħuda fuq annimali u oġġetti għajr dawk soġġetti għal kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll mal-fruntiera taħt it-Taqsima II

1. Fejn jittieħdu kampjuni fuq annimali u oġġetti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 34 sa 42:

▼B

(a) jinfurmaw lill-operaturi kkonċernati u, fejn xieraq, l-awtoritajiet doganali; u

(b) jiddeċiedu jekk ikunx meħtieġ li l-annimali jew l-oġġetti jinżammu sakemm joħorġu r-riżultati tal-analiżi, l-ittestjar jew id-dijanjosi mwettqa, jew jekk jistgħux jiġu rilaxxati dment li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-annimali jew l-oġġetti.

2. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha:

(a) tistabbilixxi l-proċeduri meħtieġa biex jiżguraw it-traċċabbiltà tal-annimali jew l-oġġetti msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1; u

(b) jidentifikaw id-dokumenti li għandhom jakkumpanjaw l-annimali jew l-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 fejn ikunu ttieħdu kampjuni mill-awtoritajiet kompetenti.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Taqsima II

Kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera fuq annimali u oġġetti

Artikolu 47

Annimali u oġġetti soġġetti għal kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera

1. Biex jaċċertaw il-konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali, fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-ewwel wasla fl-Unjoni, fuq kull kunsinna tal-kategoriji li ġejjin ta' annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni:

(a) annimali;

(b) prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali u prodotti sekondarji mill-annimali;

(c) pjanti, prodotti mill-pjanti, u oġġetti oħra kif imsemmi fil-listi stabbiliti skont l-Artikoli 72(1) u 73(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031;

(d) oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi li għalihom il-Kummissjoni tkun iddeċidiet, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni pprovduti fil-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu, li miżura li tirrikjedi żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali fid-dħul tagħhom fl-Unjoni hija meħtieġa minħabba riskju magħruf jew emerġenti jew minħabba evidenza li jista' jkun hemm nonkonformità serja u mifruxa mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

(e) annimali u oġġetti soġġett għal miżura ta' emerġenza pprovduta f'atti adottati f'konformità mal-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, l-Artikolu 249 tar-Regolament (UE) Nru 2016/429,

▼B

jew l-Artikoli 28(1), 30(1), 40(3), 41(3), 49(1), 53(3) u 54(3) tar-Regolament (UE) 2016/2031, li jirrikjedu li l-kunsinni ta' dawk l-annimali jew l-oġġetti, identifikati permezz tal-kodiċijiet tagħhom fin-Nomenklatura Magħquda, ikunu soġġetti għal kontrolli uffiċjali mad-dħul tagħhom fl-Unjoni;

(f) annimali u oġġetti li, fir-rigward tad-dħul tagħhom fl-Unjoni, ikunu ġew stabbiliti kondizzjonijiet jew miżuri, permezz ta' atti adottati f'konformità mal-Artikoli 126 jew 128 rispettivament, jew skont ir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), li jirrikjedu li l-konformità ma' dawk il-kondizzjonijiet jew il-miżuri tiġi aċċertata mad-dħul fl-Unjoni tal-annimali jew oġġetti.

2. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha:

(a) tistabbilixxi listi li jiddettaljaw l-annimali u l-oġġetti kollha msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, filwaqt li jindikaw il-kodiċi tagħhom fin-Nomenklatura Magħquda; u

(b) tistabbilixxi l-lista tal-oġġetti li jappartjenu għall-kategorija msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1, li tindika l-kodiċijiet tagħhom min-Nomenklatura Magħquda, u taġġornaha kif meħtieġ, fir-rigward tar-riskji msemmija f'dak il-punt.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jemendaw dan ir-Regolament fir-rigward ta' emendi tal-kategoriji ta' kunsinni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, biex tinkludi prodotti komposti, ħuxlief u tiben u prodotti oħra limitati strettament għal prodotti li jippreżentaw riskju li għadu kif ġie identifikat jew wieħed li żdied b'mod sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti jew, fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għall-ambjent ukoll.

4. Sakemm mhux previst mod ieħor mill-atti li jistabbilixxu l-miżuri jew il-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-paragrafu 1, dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għal kunsinni tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 meta dawn ma jkunux ta' natura kummerċjali.

5. L-operaturi responsabbli mill-kunsinna għandhom jiżguraw li l-annimali u l-oġġetti tal-kategoriji msemmija fil-paragrafu 1 jiġu ppreżentati għal kontrolli uffiċjali fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera msemmi hemmhekk.

Artikolu 48

Annimali u oġġetti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli li jistabbilixxu l-każijiet fejn u l-kondizzjonijiet li fihom il-kategoriji li ġejjin ta' annimali u oġġetti huma eżentati mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 47, u meta tkun iġġustifikata tali eżenzjoni:

▼B

(a) oġġetti mibgħuta bħala kampjuni kummerċjali jew għan-negozju, jew bħala oġġetti għall-wiri f'fieri, li mhumiex intiżi biex jitqiegħdu fis-suq;

(b) annimali u oġġetti intiżi għal finijiet xjentifiċi;

(c) oġġetti abbord mezz ta' trasport li jopera b'mod internazzjonali li ma jinħattux u jkunu intiżi għall-konsum mill-ekwipaġġ u l-passiġġieri;

(d) oġġetti li jiffurmaw parti mill-bagalji personali ta' passiġġieri u jkunu intiżi għall-konsum jew l-użu personali;

(e) kunsinni żgħar ta' oġġetti mibgħuta lil persuni fiżiċi li mhumiex intiżi biex jitqiegħdu fis-suq;

(f) annimali domestiċi kif definit fil-punt (11) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429;

(g) oġġetti li jkunu għaddew minn trattament speċifiku u li ma jaqbżux kwantitajiet li għandhom jiġu stabbiliti f'dawk l-atti delegati;

(h) kategoriji ta' annimali u oġġetti li jkunu ta' riskju żgħir jew ta' ebda riskju speċifiku u li għalihom il-kontrolli fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera jkunu għalhekk mhux meħtieġa.

Artikolu 49

Kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera

1. Biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli stipulati fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali fuq il-kunsinni tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) mal-wasla tal-kunsinna fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera. Dawk il-kontrolli uffiċjali għandhom jinkludu verifiki tad-dokumenti, verifiki tal-identità u verifiki fiżiċi.

2. Għandhom jitwettqu verifiki fiżiċi fejn dawk il-verifiki jikkonċernaw:

(a) annimali, ħlief l-annimali akkwatiċi, jew il-laħam u l-ġewwieni li jittiekel, minn veterinarju uffiċjali, li jista' jiġi assistit minn persunal imħarreġ f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti taħt il-paragrafu 5 fi kwistjonijiet veterinarji u maħtura mill-awtoritajiet kompetenti għal dak il-għan;

(b) annimali akkwatiċi, prodotti li ġejjin mill-annimali ħlief dawk imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, prodotti ġerminali jew prodotti sekondarji mill-annimali, minn veterinarju uffiċjali jew minn persunal imħarreġ f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti taħt il-paragrafu 5 u maħtur mill-awtoritajiet kompetenti għal dak il-għan;

(c) pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, minn uffiċjal uffiċjali tas-saħħa tal-pjanti.

▼B

3. L-awtoritajiet kompetenti fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera għandhom iwettqu sistematikament kontrolli uffiċjali fuq kunsinni ta' annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati u fuq mezzi ta' trasport biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti tat-trattament xieraq tal-annimali stipulati fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti li jagħtu prijorità lill-kontrolli uffiċjali fuq annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati u biex jitnaqqas id-dewmien fuq tali kontrolli.

4. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar arranġamenti prattiċi għall-preżentazzjoni tal-kunsinni tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1), l-unitajiet tat-trasport jew is-subentitajiet li jistgħu jikkonstitwixxu kunsinna individwali u l-għadd massimu ta' tali unitajiet tat-trasport jew subentitajiet f'kull kunsinna, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li jiġi żgurat it-trattament rapidu u effiċjenti tal-kunsinni kif ukoll il-kontrolli uffiċjali li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti u, fejn rilevanti, l-istandards internazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli li jistabbilixxu rekwiżiti speċifiċi għat-taħriġ tal-persunal kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għat-twettiq tal-verifiki fiżiċi fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.

Artikolu 50

Ċertifikati u dokumenti li jakkumpanjaw il-kunsinni u l-kunsinni maqsumin

1. Iċ-ċertifikati jew id-dokumenti uffiċjali oriġinali, jew l-ekwivalenti elettroniċi, li jinħtieġu mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) biex jakkumpanjaw il-kunsinni tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) għandhom jiġu ppreżentati lil, u miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera sakemm ma jkunx previst mod ieħor fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2).

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera għandhom joħorġu lill-operatur responsabbli għall-kunsinna kopja awtentikata fuq il-karta jew elettronika taċ-ċertifikati jew id-dokumenti uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1, jew, jekk il-kunsinna tkun maqsuma, kopji awtentikati b'mod individwali fuq il-karta jew elettroniċi ta' tali ċertifikati jew dokumenti.

3. Il-kunsinni ma għandhomx jinqasmu sakemm ma jkunux twettqu l-kontrolli uffiċjali u ma jkunx ġie ffinalizzat id-Dokument Sanitarju Komuni tad-Dħul (CHED) imsemmi fl-Artikolu 56 f'konformità mal-Artikolu 56(5) u l-Artikolu 57.

4. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli li jistabbilixxu l-każijiet fejn, u l-kondizzjonijiet li taħthom iċ-CHED huwa meħtieġ jakkumpanja l-kunsinni tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) sal-post ta' destinazzjoni.

▼B

Artikolu 51

Regoli speċifiċi għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli li jistabbilixxu:

(a) il-każijiet fejn, u l-kondizzjonijiet li fihom, l-awtoritajiet kompetenti ta' post ta' kontroll fuq il-fruntiera jistgħu jawtorizzaw it-tkomplija tat-trasport ta' kunsinni tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) sal-post ta' destinazzjoni finali sakemm isiru disponibbli r-riżultati ta' verifiki fiżiċi, fejn tali verifiki jkunu meħtieġa;

(b) l-iskadenzi u l-arranġamenti għat-twettiq ta' verifiki tad-dokumenti u, fejn meħtieġ, verifiki tal-identità u verifiki fiżiċi fuq kategoriji ta' annimali u oġġetti soġġetti għall-kontrolli uffiċjali previsti fl-Artikolu 47(1) li jidħlu fl-Unjoni bi trasport bil-baħar jew bl-ajru minn pajjiż terz, meta dawk l-annimali jew oġġetti jiġu trasferiti minn bastiment jew inġenju tal-ajru u jiġu ttrasportati taħt superviżjoni doganali lejn bastiment jew inġenju tal-ajru ieħor fl-istess port jew ajruport bi tħejjija għat-tkomplija tal-vjaġġ ("kunsinni trasbordati");

(c) il-każijiet fejn, u l-kondizzjonijiet li fihom, verifiki tal-identità u verifiki fiżiċi fuq kunsinni trasbordati u fuq annimali li jaslu bl-ajru jew bil-baħar u li jibqgħu fuq l-istess mezz ta' trasport għat-tkomplija tal-vjaġġ jistgħu jitwettqu f'post ta' kontroll fuq il-fruntiera differenti minn dak tal-ewwel wasla fl-Unjoni;

(d) il-każijiet fejn, u l-kondizzjonijiet li fihom, it-transitu ta' kunsinni tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) jista' jiġi awtorizzat u ċerti kontrolli uffiċjali li għandhom jitwettqu fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera fuq tali kunsinni, inklużi l-każijiet u l-kondizzjonijiet għall-ħżin ta' oġġetti fi mħażen doganali jew ħielsa jew żoni ħielsa approvati b'mod speċjali;

(e) il-każijiet fejn, u l-kondizzjonijiet li skonthom, id-derogi mir-regoli dwar verifiki tal-identità u verifiki fiżiċi għandhom japplikaw fir-rigward ta' kunsinni trasbordati u t-transitu ta' kunsinni tal-oġġetti msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 47(1).

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli li jistabbilixxu l-każijiet meta, u l-kondizzjonijiet li bihom, id-derogi mir-regoli dwar il-verifiki tad-dokumenti għandhom japplikaw fir-rigward ta' kunsinni trasbordati u t-transitu ta' kunsinni tal-oġġetti msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 47(1).

Artikolu 52

Dettalji tal-verifiki tad-dokumenti, verifiki tal-identità u verifiki fiżiċi

Għall-finijiet li tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi tal-Artikoli 49, 50 u 51, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistipula r-regoli dettaljati dwar l-operati li għandhom jitwettqu matul u wara l-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi

▼B

msemmija f'dawk l-Artikoli biex jiżguraw it-twettiq effiċjenti ta' dawk il-kontrolli uffiċjali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Artikolu 53

Kontrolli uffiċjali li ma jitwettqux fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli li jistabbilixxu l-każijiet fejn, u l-kondizzjonijiet li fihom:

(a) jistgħu jitwettqu verifiki tal-identità u verifiki fiżiċi fuq kunsinni tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) mill-awtoritajiet kompetenti f'punti ta' kontroll differenti minn punti ta' kontroll fuq il-fruntiera, dment li dawk il-punti ta' kontroll jkunu konformi mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 64(3) u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 64(4);

(b) jistgħu jitwettqu verifiki fiżiċi fuq kunsinni li jkunu għaddew minn verifiki tad-dokumenti u verifiki tal-identità f'post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-ewwel wasla fl-Unjoni f'punt ta' kontroll fuq il-fruntiera ieħor u fi Stat Membru differenti;

(c) jistgħu jitwettqu verifiki tal-identità u verifiki fiżiċi fuq kunsinni li jkunu għaddew minn verifiki dokumentattivi f'post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-ewwel wasla fl-Unjoni f'punt ta' kontroll fuq il-fruntiera ieħor fi Stat Membru differenti;

(d) jistgħu jitwettqu kompiti speċifiċi ta' kontroll mill-awtoritajiet kompetenti jew awtoritajiet pubbliċi oħra, sakemm dawk il-kompiti ma jkunux diġà jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' dawk l-awtoritajiet, dwar:

(i) kunsinni msemmija fl-Artikolu 65(2);

(ii) bagalji personali ta' passiġġieri;

(iii) oġġetti ordnati permezz ta' bejgħ b'kuntratti minn distanza, inkluż bit-telefon jew permezz tal-internet.

(iv) annimali tad-dar li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);<

(e) jistgħu jitwettqu minn distanza minn post ta' kontroll fuq il-fruntiera verifiki tad-dokumenti fuq kunsinni ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 47(1).

([1]) Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1).

▼B

2. Il-punt (b) tal-Artikolu 56(3), il-punt (a) tal-Artikolu 57(2), l-Artikolu 59(1), il-punti (a) u (d) tal-Artikolu 60(1) u l-Artikoli 62 u 63 għandhom japplikaw ukoll għall-punti ta' kontroll imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 54

Frekwenza tal-verifiki tad-dokumenti, tal-verifiki tal-identità u tal-verifiki fiżiċi

1. Il-kunsinni kollha tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) għandhom jiġu soġġetti għal verifiki tad-dokumenti.

2. Il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi għandhom isiru fuq kunsinni tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) bi frekwenza li tiddependi mir-riskju li jġib miegħu kull annimal, oġġett jew kategorija ta' annimali jew oġġetti għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali jew, fir-rigward tal-OĠM u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għall-ambjent ukoll.

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistipula regoli għall-applikazzjoni uniformi tar-rata ta' frekwenza xierqa msemmija fil-paragrafu 2. Dawk ir-regoli għandhom jiżguraw li dawk il-frekwenzi jkunu ogħla minn frekwenza żero u għandhom jistabbilixxu:

(a) il-kriterji u l-proċeduri li jiddeterminaw u jimmodifikaw ir-rati ta' frekwenza tal-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi li għandhom jitwettqu fuq kunsinni tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 47(1) u li jaġġustawhom għal-livell ta' riskju assoċjat ma' dawk il-kategoriji, wara li jkunu kkunsidraw:

(i) l-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 125(1);

(ii) l-eżitu ta' kontrolli mwettqa mill-esperti tal-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 120(1);

(iii) ir-rekord tal-imgħoddi tal-operaturi fir-rigward tal-konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

(iv) id-data u l-informazzjoni miġbura permezz tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali (IMSOC) imsemmija fl-Artikolu 131;

(v) valutazzjonijiet xjentifiċi disponibbli; u

(vi) kwalunkwe informazzjoni oħra fir-rigward tar-riskju assoċjat mal-kategoriji ta' annimali u oġġetti;

(b) il-kondizzjonijiet li skonthom l-Istati Membri jistgħu jżidu r-rati ta' frekwenza tal-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi stabbiliti f'konformità mal-punt (a) sabiex jittieħed kont tal-fatturi ta' riskju lokali;

(c) il-proċeduri li jiżguraw li r-rati ta' frekwenza tal-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi stabbiliti f'konformità mal-punt (a) jiġu applikati b'mod uniformi u f'waqtu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

▼B

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistipula regoli dwar:

(a) il-frekwenza tal-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi għall-kategoriji ta' oġġetti msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 47(1); u

(b) il-frekwenza tal-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi għall-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 47(1) dment li dan ma tkunx diġà previst mill-atti msemmija fihom.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Artikolu 55

Deċiżjonijiet dwar il-kunsinni

1. Għandha tittieħed deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar kull kunsinna tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) wara t-twettiq ta' kontrolli uffiċjali, inklużi verifiki dokumentattivi u, fejn meħtieġ, verifiki tal-identità u verifiki fiżiċi, filwaqt li tindika jekk il-kunsinna hix konformi mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) u, fejn rilevanti, il-proċedura doganali applikabbli.

2. Id-deċiżjonijiet dwar il-kunsinni għandhom jittieħdu minn:

(a) veterinarju uffiċjali fejn jikkonċernaw annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali jew prodotti sekondarji mill-annimali; jew

(b) uffiċjal uffiċjali tas-saħħa tal-pjanti fejn ikunu jikkonċernaw pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra.

3. B'deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li deċiżjoni dwar il-kunsinni ta' prodotti tas-sajd, molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi ħajjin, tunikati ħajjin u gastropodi marini ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem, tittieħed minn persunal imħarreġ b'mod adegwat li kien speċifikament maħtur mill-awtoritajiet kompetenti għal dak il-għan.

Artikolu 56

L-użu tad-Dokument Sanitarju Komuni tad-Dħul (CHED) mill-operatur u mill-awtoritajiet kompetenti

1. Għal kull kunsinna tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) l-operatur responsabbli għall-kunsinna għandu jimla l-parti rilevanti taċ-CHED, filwaqt li jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni immedjata u sħiħa tal-kunsinna u tad-destinazzjoni tagħha.

2. Ir-referenzi f'dan ir-Regolament għaċ-CHED jinkludu referenza għall-ekwivalenti elettroniku tiegħu.

3. Iċ-CHED għandu jintuża minn:

(a) l-operaturi responsabbli għall-kunsinni tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) sabiex jagħtu notifika minn qabel lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-wasla ta' dawk il-kunsinni; u

▼B

(b) l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, sabiex:

(i) jirreġistraw l-eżitu tal-kontrolli uffiċjali mwettqa u kwalunkwe deċiżjoni meħuda abbażi ta' dan, inkluża d-deċiżjoni ta' ċaħda ta' kunsinna;

(ii) jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fil-punt (i) permezz tal-IMSOC.

4. L-operaturi responsabbli għall-kunsinna għandhom jagħtu notifika minn qabel f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 3 billi jlestu u jissottomettu l-parti rilevanti taċ-CHED fl-IMSOC għat-trasmissjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera qabel il-wasla fiżika tal-kunsinna fl-Unjoni.

5. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera għandhom jiffinalizzaw iċ-CHED malli:

(a) ikunu twettqu l-kontrolli uffiċjali kollha meħtieġa mill-Artikolu 49(1);

(b) ikunu disponibbli r-riżultati tal-verifiki fiżiċi, fejn tali verifiki jkunu meħtieġa; u

(c) tkun ittieħdet deċiżjoni dwar il-kunsinna f'konformità mal-Artikolu 55 u din tkun ġiet irreġistrata fiċ-CHED.

Artikolu 57

L-użu taċ-CHED mill-awtoritajiet kompetenti

1. It-tqegħid u t-trattament ta' kunsinni tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) taħt proċedura doganali, inkluż id-dħul jew it-trattament f'imħażen doganali jew żoni ħielsa, għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni taċ-CHED mill-operatur responsabbli għall-kunsinna lill-awtoritajiet doganali, mingħajr preġudizzju għall-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 48 u r-regoli msemmija fl-Artikoli 53 u 54. F'dan l-istadju, iċ-CHED għandu jkun finalizzat kif dovut fl-IMSOC mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera.

2. L-awtoritajiet doganali:

(a) ma għandhomx jippermettu t-tqegħid tal-kunsinna taħt proċedura doganali differenti minn dik indikata mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera; u

(b) mingħajr preġudizzju għall-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 48 u r-regoli msemmija fl-Artikoli 53 u 54, għandhom jippermettu biss ir-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa ta' kunsinna mal-preżentazzjoni ta' CHED iffinalizzat kif dovut li jikkonferma li l-kunsinna hija konformi mar-regoli applikabbli msemmija fl-Artikolu 1(2).

3. Fejn issir dikjarazzjoni doganali għal kunsinna tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) u ċ-CHED ma jiġix ippreżentat, l-awtoritajiet doganali għandhom iżommu l-kunsinna u jinnotifikaw b'mod immedjat lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 66(6).

▼B

Artikolu 58

Format, rekwiżiti ta' żmien u regoli speċifiċi għall-użu taċ-CHED

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistipula regoli dwar:

(a) il-format taċ-CHED u l-istruzzjonijiet għall-preżentazzjoni u l-użu tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-istandards internazzjonali rilevanti; u

(b) ir-rekwiżiti ta' żmien minimu għan-notifika minn qabel ta' kunsinni mill-operaturi responsabbli mill-kunsinna kif previst fil-punt (a) tal-Artikolu 56(3) sabiex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jwettqu kontrolli uffiċjali b'mod effettiv u f'waqtu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Artikolu 59

Għażla ta' postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera

1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera għall-fini tat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq kategorija waħda jew aktar ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1).

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, qabel ma jagħżlu post ta' kontroll fuq il-fruntiera. Dik in-notifika għandha tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-Kummissjoni tivverifika li l-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jikkonforma mar-rekwiżiti minimi stipulati fl-Artikolu 64.

3. Fi żmien tliet xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru:

(a) jekk l-għażla tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera propost tiddependix mill-eżitu favorevoli ta' kontroll imwettaq minn esperti tal-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 116 sabiex jivverifika l-konformità mar-rekwiżiti minimi stipulati fl-Artikolu 64; u

(b) tad-data ta' tali kontroll, li ma għandhiex tkun aktar tard minn sitt xhur min-notifika.

4. F'każijiet fejn il-Kummissjoni tkun infurmat lil Stat Membru, f'konformità mal-paragrafu 3, li ma jinħtieġx kontroll, l-Istat Membru jista' jipproċedi bl-għażla.

5. L-Istat Membru għandu jdewwem l-għażla tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera sa meta l-eżitu favorevoli tal-kontroll ikun ġie kkomunikat lilu mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultati tal-kontroll tagħha kif msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 3 sa mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data ta' dak il-kontroll.

▼B

Artikolu 60

Elenkar tal-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera

1. Kull Stat Membru għandu jagħmel disponibbli fl-Internet listi aġġornati tal-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera fit-territorju tiegħu, filwaqt li jipprovdi l-informazzjoni li ġejja għal kull post ta' kontroll fuq il-fruntiera:

(a) id-dettalji ta' kuntatt tiegħu;

(b) il-ħinijiet ta' ftuħ tiegħu;

(c) il-pożizzjoni eżatta tiegħu u jekk huwiex port, ajruport, jew punt ta' dħul ferrovjarju jew bit-triq; u

(d) il-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) li huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-għażla tiegħu.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-format, il-kategoriji, it-taqsiriet għal ħatriet u informazzjoni oħra li għandhom jintużaw mill-Istati Membri fil-listi ta' postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Artikolu 61

Irtirar ta' approvazzjonijiet, u għażla mill-ġdid, tal-entitajiet eżistenti ta' kontroll fuq il-fruntieri

1. Għandhom jiġi rtirati l-approvazzjoni tal-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 97/78/KE u l-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/496/KEE, l-għażla ta' punti ta' dħul skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 u l-Artikolu 13c(4) tad-Direttiva 2000/29/KE u l-għażla tal-ewwel punti ta' introduzzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 284/2011 ([1]).

2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu mill-ġdid postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera, punti magħżulin ta' dħul, punti ta' dħul u l-ewwel punti ta' introduzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu bħala postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità mal-Artikolu 59(1) dment li dawn ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi msemmija fl-Artikolu 64.

3. L-Artikolu 59(2), (3) u (5) ma għandux japplika għall-għażla mill-ġdid imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 62

Irtirar tal-għażla ta' postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera

1. Fejn postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera ma jibqgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 64, l-Istati Membri għandhom:

(a) jirtiraw l-għażla prevista fl-Artikolu 59(1) għall-kategoriji kollha, jew għal ċerti kategoriji, ta' annimali u oġġetti li għalihom saret l-għażla; u

(b) ineħħu dawk il-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera mil-listi msemmija fl-Artikolu 60(1), għall-kategoriji ta' annimali u oġġetti li għalihom tiġi rtirata l-għażla.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 284/2011 tat-22 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet speċifiċi u proċeduri ddettaljati għall-importazzjoni ta' oġġetti tal-kċina magħmulin mill-plastiċi poliammid u melammina li joriġinaw jew li jintbagħtu mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mir-Reġjun Speċjali Amministrattiv ta' Ħong Kong, iċ-Ċina (ĠU L 77, 23.3.2011, p. 25).

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-irtirar tal-għażla ta' post ta' kontroll fuq il-fruntiera kif previst fil-paragrafu 1 u bir-raġunijiet għal tali rtirar.

3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward ta' każijiet fejn, u l-proċeduri li permezz tagħhom, postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera li l-għażla tagħhom tkun biss ġiet irtirata parzjalment f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jintagħżlu mill-ġdid b'deroga mill-Artikolu 59.

4. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeċiedu fuq l-irtirar ta' għażla ta' postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera għal raġunijiet oħra għajr dawk imsemmija f'dan ir-Regolament.

Artikolu 63

Sospensjoni tal-għażla ta' postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera

1. Stat Membru għandu jissospendi l-għażla ta' post ta' kontroll fuq il-fruntiera, u jordna li l-attivitajiet tiegħu jitwaqqfu, għal kull kategorija jew għal ċerti kategoriji ta' annimali u prodotti li għalihom tkun saret l-għażla, f'każijiet fejn tali attivitajiet jistgħu jirriżultaw f'riskji għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali, jew, fir-rigward tal-GMOs u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ukoll għall-ambjent. F'każ ta' riskju serju, is-sospensjoni għandha tkun effettiva immedjatament.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe sospensjoni tal-għażla ta' post ta' kontroll fuq il-fruntiera u bir-raġunijiet għal tali sospensjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jindikaw is-sospensjoni tal-għażla ta' post ta' kontroll fuq il-fruntiera fil-listi msemmija fl-Artikolu 60(1).

4. L-Istati Membri għandhom ineħħu s-sospensjoni prevista fil-paragrafu 1 malli:

(a) l-awtoritajiet kompetenti jkunu sodisfatti li r-riskju msemmija fil-paragrafu 1 ma għandux jeżisti; u

(b) ikunu kkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-informazzjoni li abbażi tagħha titneħħa s-sospensjoni.

5. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeċiedu fuq is-sospensjoni ta' għażla ta' postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera għal raġunijiet oħra għajr dawk imsemmija f'dan ir-Regolament.

Artikolu 64

Rekwiżiti minimi għal postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera

1. Il-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera għandhom jinsabu fil-viċinanza immedjata tal-punt ta' dħul fl-Unjoni u f'post li jiġi magħżul mill-awtoritajiet doganali f'konformità mal-Artikolu 135(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jew f'żona ħielsa.

▼B

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tal-każijiet fejn, u l-kondizzjonijiet li fihom, post ta' kontroll fuq il-fruntiera jista' jkun jinsab f'distanza li ma tkunx fil-viċinanza immedjata tal-punt ta' dħul fl-Unjoni f'każijiet ta' limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi.

3. Il-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera għandu jkollhom:

(a) għadd suffiċjenti ta' persunal ikkwalifikat kif xieraq;

(b) proprjetajiet jew faċilitajiet xierqa għan-natura u l-volum tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti ttrattati;

(c) tagħmir u proprjetajiet jew faċilitajiet li jippermettu t-twettiq ta' kontrolli uffiċjali għal kull kategorija ta' annimali u oġġetti li għaliha jkun inħatar il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera;

(d) arranġamenti implimentati biex jiżguraw, kif xieraq, aċċess għal kwalunkwe tagħmir, proprjetà u servizz ieħor meħtieġ biex japplikaw il-miżuri meħuda f'konformità mal-Artikoli 65, 66 u 67 f'każijiet ta' suspett ta' nonkonformità, kunsinni nonkonformi jew kunsinni li huma ta' riskju;

(e) arranġamenti ta' kontinġenza biex jiżguraw l-operat bla xkiel ta' kontrolli uffiċjali u l-applikazzjoni effettiva tal-miżuri meħuda f'konformità mal-Artikoli 65, 66 u 67 f'każijiet ta' kondizzjonijiet jew avvenimenti mhux previsti jew mhux mistennija;

(f) it-teknoloġija u t-tagħmir meħtieġa għall-operat effiċjenti tal-IMSOC u, kif xieraq, għal sistemi kompjuterizzati oħra ta' ġestjoni tal-informazzjoni meħtieġa għat-trattament u l-iskambju ta' data u informazzjoni;

(g) aċċess għas-servizzi ta' laboratorji uffiċjali bil-kapaċità li jipprovdu riżultati analitiċi, ta' ttestjar u dijanjostiċi bi skadenzi xierqa u mgħammra bl-għodda tat-teknoloġija tal-informatika meħtieġa biex jiżguraw l-introduzzjoni tar-riżultati tal-analiżijiet, it-testijiet jew id-dijanjosijiet imwettqa fl-IMSOC kif xieraq;

(h) arranġamenti xierqa għat-trattament kif suppost ta' kategoriji differenti ta' annimali u oġġetti u għall-prevenzjoni ta' riskji li jistgħu jirriżultaw mill-kontaminazzjoni inkroċjata; u

(i) arranġamenti għall-konformità ma' standards rilevanti tal-bijosigurtà sabiex jipprevjenu t-tifrix ta' mard fl-Unjoni.

4. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli ddettaljati dwar ir-rekwiżiti taħt il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu sabiex jittieħed kont ta' karatteristiċi u ħtiġijiet loġistiċi speċifiċi marbutin mat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali u mal-applikazzjoni tal-miżuri meħuda f'konformità mal-Artikolu 66(3) u (6) u l-Artikolu 67 fir-rigward tal-kategoriji differenti ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

▼B

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tal-każijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera magħżula għall-importazzjoni ta' zkuk mhux ipproċessati u injam isserrat u mqatta' jistgħu jiġu eżentati minn waħda jew aktar mill-obbligi msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu biex jitqiesu l-ħtiġijiet ta' awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-kontrolli uffiċjali li joperaw taħt limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi, filwaqt li jiżguraw it-twettiq xieraq tal-kontrolli.

Taqsima III

Azzjoni f'każ ta' suspett ta' nonkonformità u ta' nonkonformità ta' annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni

Artikolu 65

Suspett ta' nonkonformità u kontrolli uffiċjali intensifikati

1. F'każ ta' suspett ta' nonkonformità ta' kunsinni tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikoli 44(1) u 47(1) mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali sabiex jikkonfermaw jew jeliminaw dak is-suspett.

2. Il-kunsinni ta' annimali u oġġetti li ma jiġux iddikjarati mill-operaturi li jikkonsistu mill-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1), għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti fejn ikun hemm suspett biex jemmnu li tali kategoriji ta' annimali jew oġġetti huma preżenti fil-kunsinna.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqiegħdu l-kunsinni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 f'detenzjoni uffiċjali sa meta joħorġu r-riżultati tal-kontrolli uffiċjali previsti f'dawk il-paragrafi.

Fejn xieraq, dawk il-kunsinni għandhom ikunu iżolati jew fi kwarantina u l-annimali għandhom jitqiegħdu f'post kenni, jingħalfu, jingħataw l-ilma u kif meħtieġ jiġu ttrattati sa meta joħorġu r-riżultati tal-kontrolli uffiċjali.

4. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jkollhom raġunijiet biex jissuspettaw prattiki frodulenti jew qarrieqa minn operatur responsabbli mill-kunsinna jew il-kontrolli uffiċjali jagħtu raġunijiet biex jemmnu li r-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) ikunu nkisru b'mod serju jew ripetut, fejn xieraq, u minbarra l-miżuri previsti fl-Artikolu 66(3), għandhom jintensifikaw, skont kif ikun meħtieġ, il-kontrolli uffiċjali fuq kunsinni tal-istess oriġini jew użu.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri permezz tal-IMSOC bid-deċiżjoni tagħhom li jwettqu kontrolli uffiċjali intensifikati, kif previst fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jindikaw ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħhom.

6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar il-proċeduri għat-twettiq koordinat mill-awtoritajiet kompetenti tal-kontrolli uffiċjali intensifikati msemmija fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

▼B

Artikolu 66

Miżuri li għandhom jittieħdu f'każijiet ta' kunsinni nonkonformi li jidħlu fl-Unjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqiegħdu f'detenzjoni uffiċjali kwalunkwe kunsinna ta' annimali jew oġġetti li tidħol fl-Unjoni li ma tkunx konformi mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) u għandhom jirrifjutaw id-dħul tagħha fl-Unjoni.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżolaw jew iżommu fi kwarantina, skont kif ikun meħtieġ, kwalunkwe tali kunsinna u l-annimali li jagħmlu parti minnha għandhom jinżammu, jingħataw kura jew jiġu ttrattati f'kondizzjonijiet xierqa sakemm ma tittieħed ebda deċiżjoni oħra. Jekk ikun possibbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu wkoll l-interess li jipprovdu kura speċjali għal ċerti tipi ta' oġġetti.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar l-arranġamenti prattiċi għall-iżolament u l-kwarantina previsti fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

3. L-awtorità kompetenti għandha, fir-rigward tal-kunsinna msemmija fil-paragrafu 1 tordna, mingħajr dewmien, li l-operatur responsabbli mill-kunsinna:

(a) jeqred il-kunsinna;

(b) jibgħat mill-ġdid il-kunsinna barra mill-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 72(1) u (2); jew

(c) jissottometti l-kunsinna għal trattament speċjali f'konformità mal-Artikolu 71(1) u (2), jew kwalunkwe miżura oħra meħtieġa biex tiżgura l-konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), u, fejn xieraq, jalloka l-kunsinna għal finijiet għajr dawk li għalihom kienet intiża oriġinarjament.

Kwalunkwe azzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu għandha titwettaq f'konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), inkluż b'mod partikolari fejn jidħlu l-kunsinni ta' annimali ħajjin, dawk maħsuba biex jeħilsu lill-annimali minn kwalunkwe wġigħ, dwejjaq jew tbatija li tista' tiġi evitata.

Meta l-kunsinna tikkonsisti minn pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra, il-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu għandhom jiġu applikati jew lill-kunsinna inkella lil-lottijiet tagħha.

Qabel ma tordna lill-operatur jieħu azzjoni f'konformità mal-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti għandha tisma' lill-operatur ikkonċernat, sakemm ma tkun tinħtieġ azzjoni immedjata sabiex twieġeb għal riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali jew fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għall-ambjent ukoll.

4. Fejn l-awtorità kompetenti tordna lill-operatur jieħu azzjoni waħda jew aktar minn dawk stipulati fil-punt (a), (b) jew (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3, dik l-awtorità kompetenti tista' b'mod eċċezzjonali tawtorizza li l-azzjoni tittieħed fir-rigward ta' parti mill-kunsinna biss, sakemm il-qerda parzjali, id-dispaċċ mill-ġdid, trattament speċjali, jew miżura oħra:

▼B

(a) tkun tali li tiżgura l-konformità;

(b) ma taħloqx riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, jew għat-trattament xieraq tal-annimali, jew fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għall-ambjent ukoll; u

(c) ma tfixkilx l-operazzjonijiet ta' kontrolli uffiċjali.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw minnufih kwalunkwe deċiżjoni li jirrifjutaw id-dħul ta' kunsinna kif previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u kwalunkwe ordni maħruġa skont il-paragrafi 3 u 6 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 67:

(a) lill-Kummissjoni;

(b) lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra;

(c) lill-awtoritajiet doganali;

(d) lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ta' oriġini; u

(e) lill-operatur responsabbli għall-kunsinna.

Dik in-notifika għandha titwettaq permezz tal-IMSOC.

6. Jekk kunsinna tal-kategoriji ta' annimali jew oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) ma tiġix ippreżentata għall-kontrolli uffiċjali msemmija fih, jew jekk ma tiġix ippreżentata f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 50(1) u (3), 56(1), (3) u (4), jew mar-regoli adottati taħt l-Artikolu 48, l-Artikolu 49(6), l-Artikolu 51, l-Artikolu 53(1) u l-Artikolu 58, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jordnaw li tinżamm jew tissejjaħ lura, u titqiegħed f'detenzjoni uffiċjali mingħajr dewmien.

Il-paragrafi 1, 3 u 5 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal tali kunsinni.

7. Il-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu applikati a spiża tal-operatur responsabbli mill-kunsinna.

Artikolu 67

Miżuri li għandhom jittieħdu għal annimali jew oġġetti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi u li huma riskju

Fejn kontrolli uffiċjali jindikaw li kunsinna ta' annimali jew oġġetti tippreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali, jew fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif ukoll għall-ambjent, tali kunsinna għandha tiġi iżolata jew titqiegħed fi kwarantina, u l-annimali li jagħmlu parti minnha għandhom jinżammu, jingħataw kura jew jiġu ttrattati f'kondizzjonijiet xierqa sakemm ma titteħidx deċiżjoni oħra.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu l-kunsinna konċernata f'detenzjoni uffiċjali u għandhom, mingħajr dewmien, jordnaw li l-operatur responsabbli minn dik il-kunsinna:

▼B

(a) jeqred il-kunsinna f'konformità, mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), filwaqt li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipproteġi s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali jew l-ambjent, u fir-rigward ta' annimali ħajjin, inkluż b'mod partikolari r-regoli dwar l-evitar ta' kwalunkwe wġigħ, dwejjaq jew tbatija li tista' tiġi evitata; jew

(b) jissottometti l-kunsinna għal trattament speċjali f'konformità mal-Artikolu 71(1) u (2).

Il-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu applikati a spiża tal-operatur responsabbli mill-kunsinna.

Artikolu 68

Segwitu għad-deċiżjonijiet meħuda b'rabta ma' kunsinni nonkonformi li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jinvalidaw iċ-ċertifikati uffiċjali u kif xieraq dokumenti rilevanti oħra li jakkumpanjaw kunsinni li jkunu ġew soġġetti għal miżuri skont l-Artikolu 66(3) u (6) u l-Artikolu 67; u

(b) jikkooperaw f'konformità mal-Artikoli 102 sa 108 biex jieħdu kwalunkwe miżura oħra meħtieġa biex tiżgura li ma jkunx possibbli d-dħul mill-ġdid fl-Unjoni ta' kunsinni li d-dħul tagħhom ikun ġie rrifjutat f'konformità mal-Artikolu 66(1).

2. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn twettqu l-kontrolli uffiċjali għandhom jissorveljaw l-applikazzjoni ta' miżuri ordnati skont l-Artikolu 66(3) u (6) u l-Artikolu 67 biex jiżguraw li l-kunsinna ma ġġibx magħha impatti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, fuq it-trattament xieraq tal-annimali, jew fuq l-ambjent, matul l-applikazzjoni jew sakemm issir l-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri.

Fejn xieraq, tali applikazzjoni għandha titlesta taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor.

Artikolu 69

Nuqqas mill-operatur li japplika l-miżuri ordnati mill-awtoritajiet kompetenti

1. L-operatur responsabbli mill-kunsinna għandu jwettaq il-miżuri kollha ordnati mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 66(3) u (6) u l-Artikolu 67 mingħajr dewmien u, sa mhux aktar tard, minn 60 jum mill-jum li fih l-awtoritajiet kompetenti nnotifikaw lill-operatur ikkonċernat bid-deċiżjoni tagħhom f'konformità mal-Artikolu 66(5). L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jispeċifikaw perijodu iqsar mill-perijodu ta' 60 jum.

2. Jekk, wara l-iskadenza tal-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, l-ebda azzjoni ma tkun ittieħdet mill-operatur ikkonċernat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jordnaw:

(a) li l-kunsinna tinqered jew tiġi soġġetta għal kwalunkwe miżura xierqa oħra;

▼B

(b) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 67, li l-kunsinna tinqered f'faċilitajiet xierqa li jinsabu kemm jista' jkun qrib il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, filwaqt li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali jew l-ambjent.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jestendu l-perijodu msemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għaż-żmien meħtieġ biex jinkisbu r-riżultati tat-tieni opinjoni esperta msemmija fl-Artikolu 35, sakemm dan ma jkollux effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, fuq it-trattament xieraq tal-annimali jew, fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ukoll fuq l-ambjent.

4. Il-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu applikati a spiża tal-operatur responsabbli mill-kunsinna.

Artikolu 70

Konsistenza tal-applikazzjoni tal-Artikoli 66, 67 u 68

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistipula regoli biex jiżguraw il-konsistenza fil-postijiet kollha ta' kontroll fuq il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 59(1), u l-punti kollha ta' kontroll imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 53(1), tad-deċiżjonijiet u l-miżuri meħuda u l-ordni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikoli 66, 67 u 68 li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet kompetenti meta jirrispondu għal sitwazzjonijiet komuni jew rikorrenti ta' nonkonformità jew ta' riskju. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Artikolu 71

Trattament speċjali ta' kunsinni

1. It-trattament speċjali ta' kunsinni previst fil-punt (c) tal-Artikolu 66(3) u l-punt (b) tal-Artikolu 67 jista', kif xieraq, jinkludi:

(a) it-trattament jew l-ipproċessar, inkluża d-dekontaminazzjoni, fejn xieraq, iżda bl-esklużjoni tad-dilwizzjoni, sabiex il-kunsinna tikkonforma mar-rekwiżiti tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), jew mar-rekwiżiti ta' pajjiż terz fejn tintbagħat mill-ġdid; jew

(b) it-trattament f'kull mod ieħor xieraq għall-konsum bla periklu mill-annimali jew il-bniedem jew għall-finijiet li mhumiex il-konsum mill-annimali jew il-bniedem.

2. It-trattament speċjali previst fil-paragrafu 1 għandu:

(a) jitwettaq b'mod effettiv u jiżgura l-eliminazzjoni ta' kwalunkwe riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali, jew fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif ukoll għall-ambjent;

(b) jiġi ddokumentat u jitwettaq taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti jew, fejn xieraq, taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor bi qbil reċiproku; u

▼B

(c) jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2).

3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tar-rekwiżiti u l-kondizzjonijiet li jirregolaw it-trattament speċjali previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Fin-nuqqas ta' regoli adottati permezz ta' atti delegati, tali trattament speċjali għandu jsir f'konformità mal-liġi nazzjonali.

Artikolu 72

Spedizzjoni mill-ġdid ta' kunsinni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermetti l-ispedizzjoni mill-ġdid ta' kunsinni soġġett għall-konformità mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-destinazzjoni tkun ġiet miftiehma mal-operatur responsabbli għall-kunsinna;

(b) l-operatur responsabbli għall-kunsinna jkun infurma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru bil-miktub li l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ta' oriġini jew, jekk differenti, il-pajjiż terz ta' destinazzjoni ġew infurmati bir-raġunijiet u ċ-ċirkostanzi għar-rifjut tad-dħul fl-Unjoni tal-kunsinna ta' annimali jew oġġetti kkonċernati;

(c) fejn il-pajjiż terz ta' destinazzjoni mhuwiex il-pajjiż terz ta' oriġini, l-operatur ikun ġab il-ftehim tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż terz ta' destinazzjoni u dawk il-awtoritajiet kompetenti jkunu nnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li huma lesti li jaċċettaw il-kunsinna; u

(d) fil-każ ta' kunsinni ta' annimali l-ispedizzjoni mill-ġdid hija f'konformità mar-rekwiżiti dwar it-trattament xieraq tal-annimali.

2. Il-kondizzjonijiet stipulati fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għal kunsinni tal-kategoriji ta' oġġetti msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 47(1).

Taqsima IV

Approvazzjoni tal-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni

Artikolu 73

Approvazzjoni ta' kontrolli qabel l-esportazzjoni mwettqa minn pajjiżi terzi

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tapprova, fuq talba ta' pajjiż terz, kontrolli speċifiċi ta' qabel l-esportazzjoni li dak il-pajjiż terz iwettaq fuq kunsinni ta' annimali u oġġetti qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni bil-ħsieb li jivverifikaw li l-kunsinni esportati jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2). Tali approvazzjoni għandha tapplika biss għal kunsinni li joriġinaw mill-pajjiż terz ikkonċernat u tista' tingħata għal kategorija waħda jew aktar ta' annimali jew oġġetti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

2. L-approvazzjoni prevista fil-paragrafu 1 għandha tispeċifika:

▼B

(a) il-frekwenza massima ta' kontrolli uffiċjali li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri mad-dħul tal-kunsinni fl-Unjoni, fejn ma jkunx hemm raġuni ta' suspett tan-nonkonformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) jew prattiċi frodulenti jew qarrieqa;

(b) iċ-ċertifikati uffiċjali li għandhom jakkumpanjaw il-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni;

(c) mudell għaċ-ċertifikati msemmija fil-punt (b);

(d) l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li taħt ir-responsabbiltà tiegħu għandhom jitwettqu l-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni; u

(e) fejn xieraq, kwalunkwe korp delegat li lilu dawk l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddelegaw ċerti kompiti. Tali delega tista' tiġi approvata biss jekk dan jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 28 sa 33 jew kondizzjonijiet ekwivalenti.

3. L-approvazzjoni prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' tingħata lil pajjiż terz biss jekk l-evidenza disponibbli u, fejn xieraq, kontroll tal-Kummissjoni mwettaq f'konformità mal-Artikolu 120, juru li s-sistema ta' kontrolli uffiċjali f'dak il-pajjiż terz tista' tiżgura li:

(a) il-kunsinni tal-annimali jew l-oġġetti esportati lejn l-Unjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), jew rekwiżiti ekwivalenti; u

(b) il-kontrolli mwettqa fil-pajjiż terz qabel l-ispedizzjoni lejn l-Unjoni huma effettivi b'mod suffiċjenti biex jissostitwixxu jew inaqqsu l-frekwenza tal-verifiki dokumentarji, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi stipulati fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2).

4. L-awtoritajiet kompetenti jew korp delegat speċifikat fl-approvazzjoni għandu:

(a) ikun responsabbli għal kuntatti mal-Unjoni; u

(b) jiżgura li ċ-ċertifikati uffiċjali msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 jakkumpanjaw kull kunsinna li tkun ikkontrollata.

5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dettaljati u kriterji għall-approvazzjoni ta' kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa minn pajjiżi terzi f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għal kontrolli uffiċjali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri dwar annimali u oġġetti soġġetti għall-approvazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Artikolu 74

Nonkonformità mal-approvazzjoni ta' kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni, u rtirar tagħha, mwettqa minn pajjiżi terzi

1. Meta l-kontrolli uffiċjali fuq kunsinni tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti li fir-rigward tagħhom ikunu ġew approvati kontrolli speċifiċi

▼B

ta' qabel l-esportazzjoni f'konformità mal-Artikolu 73(1) jiżvelaw nonkonformitajiet serji u rikorrenti mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), l-Istati Membri minnufih għandhom:

(a) jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra u lill-operaturi kkonċernati permezz tal-IMSOC minbarra li jfittxu assistenza amministrattiva f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 102 sa 108; u

(b) iżidu l-għadd ta' kontrolli uffiċjali fuq kunsinni mill-pajjiż terz rilevanti u, fejn meħtieġ biex jiġi permess eżami analitiku kif suppost tas-sitwazzjoni, iżommu għadd xieraq ta' kampjuni f'kondizzjonijiet xierqa ta' ħżin.

2. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tirtira l-approvazzjoni prevista fl-Artikolu 73(1) fejn, wara l-kontrolli uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ikun hemm indikazzjonijiet li r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 73(3) u (4) ma għadhomx qed jiġu sodisfatti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Taqsima V

Kooperazzjoni fost l-awtoritajiet b'rabta mal-kunsinni minn pajjiżi terzi

Artikolu 75

Kooperazzjoni fost l-awtoritajiet b'rabta mal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi

1. L-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet oħra tal-Istati Membri li jittrattaw ma' annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw li l-kontrolli uffiċjali fuq kunsinni ta' annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni jitwettqu f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Għal dak il-għan, l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet oħra għandhom:

(a) jiżguraw aċċess reċiproku għall-informazzjoni li tkun meħtieġa għall-organizzazzjoni u t-twettiq tal-attivitajiet rispettivi tagħhom b'rabta mal-annimali u l-oġġetti li jidħlu fl-Unjoni; u

(b) jiżguraw l-iskambju f'waqtu ta' tali informazzjoni, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar arranġamenti uniformi ta' kooperazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet oħra msemmija fil-paragrafu 1 huma meħtieġa li jistabbilixxu biex jiżguraw:

(a) l-aċċess mill-awtoritajiet kompetenti għall-informazzjoni meħtieġa għad-detezzjoni immedjata u kompleta tal-kunsinni ta' annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni li huma soġġetti għal kontrolli uffiċjali f'post ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità mal-Artikolu 47(1);

▼B

(b) l-aġġornament reċiproku, permezz tal-skambji ta' informazzjoni jew is-sinkronizzazzjoni ta' settijiet tad-data rilevanti, ta' informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet oħra dwar kunsinni ta' annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni; u

(c) il-komunikazzjoni rapida ta' deċiżjonijiet meħuda minn tali awtoritajiet abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b).

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Artikolu 76

Kooperazzjoni fost l-awtoritajiet b'rabta ma' kunsinni mhux soġġetti għal kontrolli uffiċjali fuq il-fruntieri

1. Il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw fil-każ ta' kunsinni ta' annimali u oġġetti għajr dawk soġġetti għal kontrolli mad-dħul fl-Unjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 47(1) ta' dan ir-Regolament u li għalihom tkun saret dikjarazzjoni doganali għal rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa f'konformità mal-punt 12 tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u mal-Artikoli 158 sa 202 ta' dak ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom jissospendu r-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa meta jkollhom raġuni biex jemmnu li l-kunsinna tista' tippreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali jew, fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ukoll għall-ambjent, u minnufih jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti b'tali sospensjoni.

3. Kunsinna li r-rilaxx tagħha għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa jkun ġie sospiż skont il-paragrafu 2 għandha tiġi rilaxxata jekk, sa tliet jiem tax-xogħol mis-sospensjoni tar-rilaxx, l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux talbu lill-awtoritajiet doganali biex ikomplu s-sospensjoni jew ikunu infurmaw lill-awtoritajiet doganali li ma jeżisti l-ebda riskju.

4. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jqisu li jeżisti riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali, jew fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għall-ambjent ukoll;

(a) huma għandhom jitolbu lill-awtoritajiet doganali biex ma jirrilaxxawx il-kunsinna għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa u biex jinkludu d-dikjarazzjoni li ġejja dwar il-fattura kummerċjali li takkumpanja l-kunsinna kif ukoll dwar kwalunkwe dokument rilevanti ieħor ta' akkumpanjament jew l-ekwivalenti elettroniċi rilevanti:

"Prodott jippreżenta riskju — rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni mhux awtorizzat — Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄";

(b) l-ebda proċedura doganali oħra ma għandha tiġi permessa mingħajr il-kunsens tal-awtoritajiet kompetenti; u

(c) għandhom japplikaw l-Artikolu 66(1), (3), (5) u (6), l-Artikoli 67, 68 u 69, l-Artikolu 71(1) u (2) u l-Artikolu 72(1) u (2).

5. F'każ ta' kunsinni ta' annimali u oġġetti għajr dawk soġġetti għal kontrolli mad-dħul fl-Unjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 47(1) u li għalihom ma tkun saret l-ebda dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa, l-awtoritajiet doganali, fejn ikollhom raġuni biex jemmnu li l-kunsinna tista' tippreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali,

▼B

jew, fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għall-ambjent ukoll, għandhom jibagħtu kull informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri ta' destinazzjoni aħħarija.

Taqsima VI

Miżuri speċifiċi

Artikolu 77

Regoli għal kontrolli uffiċjali speċifiċi u għal miżuri li għandhom jittieħdu wara t-twettiq ta' tali kontrolli

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali speċifiċi u dwar miżuri f'każijiet ta' nonkonformità, biex ikopru l-ispeċifiċitajiet tal-kategoriji li ġejjin ta' annimali u oġġetti, jew l-arranġamenti għal, u l-mezzi ta', it-trasport tagħhom:

(a) kunsinni ta' prodotti friski tas-sajd li jkunu nħattu direttament f'portijiet magħżula mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 ([1]) minn bastiment tas-sajd li jtajjar bandiera ta' pajjiż terz;

(b) kunsinni ta' selvaġġina mhux imqaxxra, bil-pil;

(c) kunsinni tal-kategoriji ta' oġġetti msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 47(1) li jitwasslu, bi ħżin f'imħażen doganali jew f'żoni ħielsa speċjalment approvat jew mingħajru, lil bastimenti li jitilqu mill-Unjoni, maħsubin għall-forniment tal-bastimenti, jew għall-konsum mill-ekwipaġġ u l-passiġġieri;

(d) materjal ta' imballaġġ tal-injam;

(e) ikel li jakkumpanja annimali u maħsub għall-għalf ta' dawk l-annimali;

(f) annimali u oġġetti ordnati permezz ta' bejgħ b'kuntratti minn distanza u mwasslin minn pajjiż terz lejn indirizz fl-Unjoni, u r-rekwiżiti ta' notifika meħtieġa biex jippermettu t-twettiq xieraq tal-kontrolli uffiċjali;

(g) prodotti mill-pjanti li, fid-dawl tad-destinazzjoni sussegwenti tagħhom, jistgħu jqajmu r-riskju tat-tixrid ta' mard tal-annimali infettiv jew li jittieħed;

(h) kunsinni tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 47(1) li joriġinaw minn, u jirritornaw lejn, l-Unjoni wara dħul irrifjutat minn pajjiż terz;

(i) oġġetti li jidħlu fl-Unjoni bl-ingrossa minn pajjiż terz, irrispettivament jekk joriġinawx kollha minn dak il-pajjiż terz;

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

▼B

(j) kunsinni ta' oġġetti msemmija fl-Artikolu 47(1) li ġejjin mit-territorju tal-Kroazja u li jittransitaw mit-territorju tal-Bożnija-Ħerzegovina f'Neum (“il-kuritur ta' Neum”) qabel ma jerġgħu jidħlu fit-territorju tal-Kroazja mill-punti ta' dħul fi Klek jew Zaton Doli;

(k) annimali u oġġetti eżentati mill-Artikolu 47 f'konformità mal-Artikolu 48.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tal-kondizzjonijiet għall-monitoraġġ tat-trasport u l-wasla ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti, mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-wasla sal-istabbiliment fil-post ta' destinazzjoni fl-Unjoni, sal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera fil-post ta' destinazzjoni jew sal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-ħruġ.

3. Il-Kummissjoni tista, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistipula regoli dwar:

(a) mudelli ta' ċertifikati uffiċjali u regoli għall-ħruġ ta' tali ċertifikati; u

(b) il-format tad-dokumenti li għandhom jakkumpanjaw il-kategoriji ta' annimali jew oġġetti msemmija fil-paragrafu 1.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

KAPITOLU VI

Iffinanzjar tal-kontrolli uffiċjali u ta' attivitajiet uffiċjali oħra

Artikolu 78

Regoli ġenerali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li riżorsi finanzjarji adegwati jkunu disponibbli biex jipprovdu l-persunal u riżorsi oħra meħtieġa biex l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra.

2. Dan il-Kapitolu japplika wkoll fil-każ tad-delega ta' ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra f'konformità mal-Artikolu 28 u l-Artikolu 31.

Artikolu 79

Tariffi jew imposti obbligatorji

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru tariffi jew imposti għall-kontrolli uffiċjali mwettqa fir-rigward tal-attivitajiet imsemmija fil-Kapitolu II tal-Anness IV u fuq annimali u oġġetti msemmija fil-punti (a) , (b) u (c) tal-Artikolu 47(1), fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera jew fil-punti ta' kontroll msemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 53(1), jew:

(a) fil-livell tal-ispiża kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 82(1); jew

(b) fl-ammonti previsti fl-Anness IV.

▼B

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru tariffi jew imposti biex jirkupraw l-ispejjeż li jġarrbu b'rabta ma':

(a) kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-annimali u l-oġġetti msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 47(1);

(b) kontrolli uffiċjali mwettqa fuq it-talba tal-operatur, sabiex jinkiseb l-approvazzjoni prevista fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 183/2005;

(c) kontrolli uffiċjali li oriġinarjament ma kinux ippjanati, u li;

(i) jkunu saru neċessarji wara s-sejbien ta' każ ta' nonkonformità mill-istess operatur, waqt kontroll uffiċjali mwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament; u

(ii) jkunu twettqu biex jivvalutaw il-livell u l-impatt tal-każ ta' nonkonformità jew biex jivverifikaw li tkun ittranġat in-nonkonformità.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu, b'rabta mal-attivitajiet imsemmija fil-Kapitolu II tal-Anness IV, fuq bażi oġġettiva u mhux diskriminatorja, inaqqsu l-ammont ta' tariffi jew imposti filwaqt li jqisu:

(a) l-interessi ta' operaturi b'ammont ta' materjal ipproċessat baxx;

(b) il-metodi tradizzjonali wżati għall-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni;

(c) il-ħtiġijiet ta' operaturi li jinsabu f'reġjuni soġġetti għal limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi; u

(d) ir-rekord ta' konformità tal-operaturi mar-regoli rilevanti msemmija fl-Artikolu 1(2) kif aċċertat permezz ta' kontrolli uffiċjali.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li tariffi u imposti ikkalkulati f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 82(1) m'għandhomx jinġabru taħt l-ammont li fih, meta titqies l-ispiża għall-ġbir u d-dħul ġenerali mistenni mit-tariffi u l-imposti, il-ġbir ta' dik it-tariffa jew imposta ma jkunx ekonomiku.

5. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal kontrolli uffiċjali mwettqa biex jivverifikaw il-konformità mar-regoli msemmija fil-punti (i) u (j) tal-Artikolu 1(2).

Artikolu 80

Tariffi jew imposti oħra

L-Istati Membri jistgħu jiġbru tariffi jew imposti biex ikopru l-ispejjeż ta' kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra għajr dawk it-tariffi jew l-imposti msemmija fl-Artikolu 79, sakemm ma jkunx ipprojbit mid-dispożizzjonijiet leġislattivi applikabbli fl-oqsma regolati mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2).

▼B

Artikolu 81

Spejjeż

It-tariffi jew l-imposti li għandhom jinġabru f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 79(1) u mal-Artikolu 79(2) għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-ispejjeż li ġejjin, sa fejn dawn jirriżultaw mill-kontrolli uffiċjali kkonċernati:

(a) is-salarji tal-persunal, inkluż persunal ta' appoġġ u amministrattiv, involut fit-twettiq ta' kontrolli uffiċjali, u l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali, tal-pensjoni u tal-assigurazzjoni tagħhom;

(b) l-ispiża ta' faċilitajiet u tagħmir, inklużi l-ispejjeż ta' manutenzjoni u assigurazzjoni u spejjeż assoċjati oħrajn;

(c) l-ispiża ta' oġġetti ta' konsum, u ta' għodod;

(d) l-ispejjeż ta' servizzi imposti lill-awtoritajiet kompetenti minn korpi delegati għal kontroll uffiċjali delegati lil dawn il-korpi delegati;

(e) l-ispiża ta' taħriġ tal-persunal imsemmi fil-punt (a), bl-esklużjoni tat-taħriġ meħtieġ għall-ksib tal-kwalifika meħtieġa għall-impjieg mal-awtoritajiet kompetenti;

(f) l-ispiża ta' vvjaġġar tal-persunal imsemmi fil-punt (a), u ta' spejjeż assoċjati ta' sussistenza;

(g) l-ispiża tat-teħid ta' kampjuni u tal-analiżi tal-laboratorju, l-ittestjar u d-dijanjosi imposti minn laboratorji uffiċjali għal dawk il-kompiti.

Artikolu 82

Kalkolu tat-tariffi jew imposti

1. It-tariffi jew imposti miġbura f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 79(1) u mal-Artikolu 79(2) għandhom jiġu stabbiliti skont wieħed mill-metodi ta' kalkolu li ġejjin jew taħlita tagħhom:

(a) f'rata fissa abbażi tal-kostijiet globali tal-kontrolli uffiċjali mġarrba mill-awtoritajiet kompetenti tul ċertu perijodu ta' żmien, u applikati lill-operaturi kollha, irrispettivament jekk xi kontroll uffiċjali jitwettaqx matul il-perijodu ta' referenza, b'rabta ma' kull operatur li jintalab iħallas; fl-istabbiliment tal-livell tat-tariffi li għandhom jintalbu għal kull settur, attività u kategorija ta' operaturi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-impatt li t-tip u d-daqs tal-attività kkonċernata, u l-fatturi ta' riskju rilevanti, ikollhom fuq id-distribuzzjoni tal-kostijiet globali ta' dawk il-kontrolli uffiċjali; jew,

(b) abbażi tal-kalkolu tal-ispejjeż reali ta' kull kontroll uffiċjali individwali, u applikati lill-operaturi soġġetti għal tali kontroll uffiċjali.

2. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 81 għandhom jitqiesu għall-kalkolu tat-tariffi jew l-imposti imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 79(1) u fl-Artikolu 79(2) b'mod li ma jiddiskriminax bejn l-operaturi abbażi tad-distanza tal-proprjetà tagħhom mill-post tal-awtoritajiet kompetenti.

▼B

3. Fejn tariffi jew l-imposti jiġu kkalkulati f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 1, it-tariffi jew l-imposti miġbura mill-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jaqbżu l-ispejjeż ġenerali mġarrba għall-kontrolli uffiċjali mwettqa tul il-perijodu ta' żmien imsemmi fih.

4. Fejn tariffi jew imposti huma kkalkulati f'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 1, dawn ma għandhomx jaqbżu l-ispiża reali tal-kontroll uffiċjali mwettaq.

Artikolu 83

Ġbir u applikazzjoni ta' tariffi u imposti

1. Operatur ma għandux iħallas tariffa jew imposta għal kontroll uffiċjali u għal attività uffiċjali oħra mwettqa abbażi ta' lment jekk dak il-kontroll ma jwassalx għall-konferma ta' nonkonformità.

2. It-tariffi jew imposti miġbura f'konformità mal-Artikolu 79 u l-Artikolu 80 ma għandhomx jitħallsu lura direttament jew indirettament, sakemm dawn ma kellhomx jingabru.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li t-tariffi jew l-imposti għandhom jingabru minn awtoritajiet oħra barra mill-awtoritajiet kompetenti jew minn korpi delegati.

Artikolu 84

Il-pagament tat-tariffi jew imposti

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-operaturi jirċievu, fuq talba, prova ta' pagament tat-tariffi jew imposti f'każ fejn l-operaturi ma jkollhomx aċċess mod ieħor għal tali prova.

2. It-tariffi jew imposti miġbura f'konformità mal-Artikolu 79(1) għandhom jitħallsu mill-operatur responsabbli għall-kunsinna jew ir-rappreżentant tiegħu.

Artikolu 85

Trasparenza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw livell għoli ta' trasparenza fuq:

(a) it-tariffi jew l-imposti previsti fil-punt (a) tal-Artikolu 79(1), fl-Artikolu 79(2) u fl-Artikolu 80, jiġifieri;

(i) il-metodu u d-data użati biex jistabbilixxu dawn it-tariffi jew l-imposti;

(ii) l-ammont tat-tariffi jew l-imposti, applikat għal kull kategorija ta' operaturi u għal kull kategorija ta' kontrolli uffiċjali jew attivitajiet uffiċjali oħra;

(iii) ir-rendikont tal-ispejjeż, kif imsemmija fl-Artikolu 81;

(b) l-identità tal-awtoritajiet jew il-korpi responsabbli għall-ġbir tat-tariffi jew l-imposti.

▼B

2. Kull awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal kull perijodu ta' referenza u l-ispejjeż għall-awtorità kompetenti li għaliha tariffa jew ħlas ikun dovut f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 79(1), l-Artikolu 79(2) u l-Artikolu 80.

3. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar il-metodi ġenerali użati biex jiġu kkalkulati t-tariffi jew l-imposti previsti fil-punt (a) tal-Artikolu 79(1), fl-Artikolu 79(2) u fl-Artikolu 80.

KAPITOLU VII

Ċertifikazzjoni uffiċjali

Artikolu 86

Rekwiżiti ġenerali dwar iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali

1. Ċertifikazzjoni uffiċjali għandha tirriżulta fil-ħruġ ta':

(a) ċertifikati uffiċjali; jew

(b) attestazzjonijiet uffiċjali fil-każijiet previsti fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2).

2. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jiddelegaw ċerti kompiti marbuta mal-ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali jew attestazzjonijiet uffiċjali, jew mas-superviżjoni uffiċjali msemmija fl-Artikolu 91(1), tali delega għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 28 sa 33.

Artikolu 87

Ċertifikati uffiċjali

L-Artikoli 88, 89 u 90 għandhom japplikaw:

(a) meta r-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) jirrikjedu l-ħruġ ta' ċertifikat uffiċjali; u

(b) għal ċertifikati uffiċjali li jinħtieġu għall-finijiet tal-esportazzjoni ta' kunsinni tal-annimali u l-oġġetti għal pajjiżi terzi jew li jiġu rikjesti mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru minnu tkun intbagħtet il-kunsinna mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ta' destinazzjoni fir-rigward ta' kunsinni ta' annimali u oġġetti li għandhom jiġu esportati lejn pajjiżi terzi.

Artikolu 88

Firma u ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali

1. Iċ-ċertifikati uffiċjali għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaħtru l-uffiċjali ta' ċertifikazzjoni li jkunu awtorizzati li jiffirmaw ċertifikati uffiċjali u għandhom jiżguraw li dawn l-uffiċjali:

(a) ikunu imparzjali, ħielsa minn kwalunkwe kunflitt ta' interess u b'mod partikolari ma jkunux f'sitwazzjoni li tista' taffettwa, direttament jew indirettament, l-imparzjalità tal-kondotta professjonali tagħhom fir-rigward ta' dak li jkun qed jiġi ċċertifikat; u

▼B

(b) ikunu rċevew taħriġ xieraq dwar ir-regoli li bihom tiġi ċċertifikata l-konformità b'ċertifikat uffiċjali u dwar il-valutazzjoni teknika ta' konformità ma' dawk ir-regoli kif ukoll mar-regoli rilevanti stipulati f'dan ir-Regolament.

3. Iċ-ċertifikati uffiċjali għandhom jiġu ffirmati mill-uffiċjal ta' ċertifikazzjoni u jinħarġu abbażi ta' waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) l-għarfien dirett mill-uffiċjal ta' ċertifikazzjoni tal-fatti aġġornati u d-data rilevanti għaċ-ċertifikazzjoni li tinkiseb permezz ta':

(i) kontroll uffiċjali; jew

(ii) il-ksib ta' ċertifikat uffiċjali ieħor maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti;

(b) fatti u data rilevanti għaċ-ċertifikazzjoni, li l-għarfien tagħhom jiġi aċċertat minn persuna oħra awtorizzata għal dak il-għan mill-awtoritajiet kompetenti, u filwaqt li taġixxi taħt il-kontroll tagħhom, dment li l-uffiċjali ta' ċertifikazzjoni jista' jivverifika l-preċiżjoni ta' tali fatti u data;

(c) fatti u data rilevanti għaċ-ċertifikazzjoni li jkunu nkisbu mis-sistemi ta' kontroll proprju tal-operaturi, ikkomplementati u kkonfermati minn riżultati ta' kontrolli uffiċjali regolari, fejn l-uffiċjali ta' ċertifikazzjoni b'hekk ikun sodisfatt li jintlaħqu l-kondizzjonijiet għall-ħruġ taċ-ċertifikat uffiċjali.

4. Iċ-ċertifikati uffiċjali għandhom jiġu ffirmati mill-uffiċjal ta' ċertifikazzjoni u jinħarġu biss abbażi tal-punt (a) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu meta r-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) jeħtieġu dan.

Artikolu 89

Garanziji ta' affidabbiltà għaċ-ċertifikati uffiċjali

1. Iċ-ċertifikati uffiċjali:

(a) għandu jkollhom kodiċi uniku;

(b) ma għandhomx jiġu iffirmati mill-uffiċjali ta' ċertifikazzjoni fejn ikunu vojta jew inkompluti;

(c) għandhom jinkitbu b'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni mifhuma mill-uffiċjal ta' ċertifikazzjoni u, fejn rilevanti, b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru ta' destinazzjoni;

(d) għandhom ikunu awtentiċi u preċiżi;

(e) għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-persuna li tkun iffirmathom u d-data tal-ħruġ; u

(f) għandhom jippermettu l-verifika faċli tar-rabta bejn iċ-ċertifikat, l-awtorità emittenti u l-kunsinna, il-lott jew l-annimal jew il-oġġett individwali kopert miċ-ċertifikat.

▼B

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jipprevjenu l-ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali foloz jew qarrieqa jew l-abbuż ta' ċertifikati uffiċjali.

Artikolu 90

Setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward taċ-ċertifikati uffiċjali

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistipula regoli għall-applikazzjoni uniformi tal-Artikoli 88 u 89, dwar:

(a) ċertifikati uffiċjali mudelli u regoli għall-ħruġ ta' tali ċertifikati, fejn ir-rekwiżiti ma jkunux stipulati fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

(b) il-mekkaniżmi u l-arranġamenti tekniċi biex jiżguraw il-ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali preċiżi u affidabbli, u jipprevjenu r-riskju ta' frodi;

(c) il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fil-każ ta' rtirar ta' ċertifikati uffiċjali u għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' sostituzzjoni;

(d) regoli għall-produzzjoni ta' kopji ċċertifikati ta' ċertifikati uffiċjali;

(e) il-format ta' dokumenti li għandhom jakkumpanjaw annimali u oġġetti wara li jkunu twettqu kontrolli uffiċjali;

(f) regoli għall-ħruġ ta' ċertifikati elettroniċi u għall-użu ta' firem elettroniċi.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Artikolu 91

Attestazzjonijiet uffiċjali

1. Meta dan ir-Regolament jew ir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) jirrikjedu l-ħruġ ta' attestazzjonijiet uffiċjali mill-operaturi taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti, jew mill-awtoritajiet kompetenti nfushom, għandhom japplikaw il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

2. L-attestazzjonijiet uffiċjali għandhom:

(a) ikunu awtentiċi u preċiżi;

(b) jinkitbu f'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u, fejn rilevanti, b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru ta' destinazzjoni; u

(c) fejn ikunu relattivi għal kunsinna jew lott, jippermettu l-verifika tar-rabta bejn l-attestazzjoni uffiċjali u dik il-kunsinna jew il-lott.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-persunal li jwettaq il-kontrolli uffiċjali għas-superviżjoni tal-ħruġ ta' attestazzjonijiet uffiċjali jew, fejn l-attestazzjonijiet uffiċjali jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti, il-persunal involut fil-ħruġ ta' dawk l-attestazzjonijiet uffiċjali:

(a) ikunu imparzjali, ħielsa minn kwalunkwe kunflitt ta' interess u b'mod partikolari ma jkunux f'sitwazzjoni li tista' taffettwa, direttament jew indirettament, l-imparzjalità tal-kondotta professjonali tagħhom fir-rigward ta' dak li jkun qed jiġi ċċertifikat bl-attestazzjonijiet uffiċjali; u

▼B

(b) ikunu rċevew taħriġ xieraq dwar:

(i) ir-regoli li skonthom il-konformità tiġi ċċertifikata mill-attestazzjonijiet uffiċjali u dwar il-valutazzjoni teknika tal-konformità ma' dawk ir-regoli;

(ii) ir-regoli rilevanti stipulati f'dan ir-Regolament.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali regolari biex jivverifikaw li:

(a) l-operaturi li joħorġu l-attestazzjonijiet jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stipulati fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2); u

(b) l-attestazzjoni tinħareġ abbażi ta' fatti u data rilevanti, korretti u verifikabbli.

TITOLU III

LABORATORJI TA' REFERENZA U ĊENTRI TA' REFERENZA

Artikolu 92

Deċiżjoni li jiġi stabbilit laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea

1. Fl-oqsma regolati mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi stabbilit fejn l-effettività ta' kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra tiddependi wkoll fuq il-kwalità, l-uniformità u l-affidabbiltà ta':

(a) il-metodi ta' analiżi, ittestjar jew dijanjosi użati mil-laboratorji uffiċjali magħżula f'konformità mal-Artikolu 37(1); u

(b) ir-riżultati tal-analiżi, it-testijiet u d-dijanjosi mwettqa minn dawk il-laboratorji uffiċjali.

2. Għandu jiġi stabbilit laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea kulfejn ikun hemm ħtieġa rikonoxxuta li jiġu promossi prattiki uniformi fir-rigward tal-iżvilupp jew l-użu tal-metodi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-mandat u l-operazzjoni tal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea b'mod regolari.

4. Il-Kummissjoni għandha tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta d-deċiżjoni li jiġi stabbilit tali laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea permezz ta' att delegat f'konformità mal-Artikolu 144.

Artikolu 93

Għażla ta' laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea

1. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tagħżel laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea fil-każijiet fejn tkun ittieħdet deċiżjoni li jiġi stabbilit tali laboratorju f'konformità mal-Artikolu 92.

2. L-għażliet previsti fil-paragrafu 1 għandhom:

(a) isegwu proċess ta' għażla pubbliku; u

▼B

(b) ikunu limitati fiż-żmien u b'perjodu ta' minimu ta' ħames snin jew riveduti b'mod regolari.

3. Il-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għandhom:

(a) joperaw f'konformità mal-istandard EN ISO/IEC 17025 u jkunu akkreditati f'konformità ma' dak l-istandard minn korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali, li jopera f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik l-akkreditazzjoni:

(i) għandu jinkludi l-metodi kollha ta' analiżi, ittestjar jew dijanjosi tal-laboratorju rikjest li għandu jintuża mil-laboratorju meta dan jopera bħala laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea;

(ii) jista' jinkludi metodu wieħed jew aktar ta' analiżi, ittestjar jew dijanjosi tal-laboratorju jew gruppi ta' metodi;

(iii) jista' jiġi ddefinit b'mod flessibbli, sabiex jippermetti lill-kamp ta' applikazzjoni tal-akkreditazzjoni jinkludi verżjonijiet modifikati tal-metodi użati mil-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea meta ngħatat l-akkreditazzjoni jew metodi ġodda minbarra dawk il-metodi, abbażi tal-validazzjonijiet proprji tal-laboratorju mingħajr valutazzjoni speċifika, qabel l-użu ta' dawk il-metodi modifikati jew ġodda, mill-korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru fejn jinsab il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu imparzjali, ħielsa minn kwalunkwe kunflitt ta' interess u b'mod partikolari ma jkunux f'sitwazzjoni li tista' taffettwa, direttament jew indirettament, l-imparzjalità tal-kondotta professjonali tagħhom f'dak li jirrigwarda l-eżerċizzju tal- kompiti tagħhom bħala laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea;

(c) ikollhom, jew ikollhom aċċess kuntrattwali għal, persunal ikkwalifikat kif xieraq b'taħriġ adegwat fit-tekniċi analitiċi, tal-ittestjar u tad-dijanjosi applikati fil-qasam ta' kompetenza tagħhom, u persunal ta' appoġġ kif xieraq;

(d) ikollhom, jew ikollhom aċċess għal, l-infrastruttura, it-tagħmir u l-prodotti meħtieġa biex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom;

(e) jiżguraw li l-persunal tagħhom u kwalunkwe persunal imqabbad b'mod kuntrattwali ikollhom għarfien tajjeb tal-istandards u l-prattiki internazzjonali u li jittieħed kont tal-aħħar żvilupp fir-riċerka fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali fil-ħidma tagħhom;

(f) ikunu mgħammra, jew ikollhom aċċess għat-tagħmir meħtieġ, biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza; u

(g) fejn rilevanti, għandhom ikunu kapaċi jikkonformaw ma' standards rilevanti ta' bijosigurtà.

4. B'deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għall-qasam regolat mir-regoli msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 1(2), il-Kummissjoni tista' tagħżel laboratorji uffiċjali, magħżula bħala tali mill-awtoritajiet kompetenti fuq il-bażi ta' deroga adottata skont l-Artikolu 41, bħala laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea irrispettivament minn jekk jissodisfawx il-kondizzjoni prevista fil-punt (a) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

▼B

5. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-laboratorji msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 għandhom ikunu l-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropa li jkollhom ir-responsabbiltajiet u jwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 94 ta' dan ir-Regolament fl-oqsma rispettivament ta':

(a) OĠM u ikel u għalf ġenetikament modifikati; u

(b) addittivi tal-għalf.

6. L-obbligi ta' kunfidenzjalità tal-persunal, imsemmija fl-Artikolu 8, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-persunal tal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 94

Responsabbiltajiet u kompiti tal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea

1. Il-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għandhom jikkontribwixxu għat-titjib u l-armonizzazzjoni tal-metodi ta' analiżi, ittestjar u dijanjosi li għandhom jintużaw mil-laboratorji uffiċjali magħżula f'konformità mal-Artikolu 37(1) u tad-data ta' analiżi, ittestjar u dijanjosi ġġenerata minnhom.

2. Il-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea magħżula f'konformità mal-Artikolu 93(1) għandhom ikunu responsabbli mill-kompiti li ġejjin sakemm jiġu inklużi fil-programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali tal-laboratorji ta' referenza li ġew stabbiliti f'konformità mal-objettivi u l-prijoritajiet tal-programmi ta' ħidma rilevanti adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 652/2014:

(a) il-forniment lil laboratorji ta' referenza nazzjonali b'dettalji u gwida dwar il-metodi ta' analiżi, ittestjar jew dijanjosi tal-laboratorju, inklużi metodi ta' referenza;

(b) il-forniment ta' materjali ta' referenza lil laboratorji ta' referenza nazzjonali;

(c) il-koordinazzjoni tal-applikazzjoni mil-laboratorji ta' referenza nazzjonali, u, jekk meħtieġ, minn laboratorji uffiċjali oħra tal-metodi msemmija fil-punt (a), b'mod partikolari bl-organizzazzjoni regolari ta' ttestjar komparattiv bejn il-laboratorji, jew testijiet ta' profiċjenza u bl-iżgurar ta' segwitu xieraq ta' tali ttestjar komparattiv jew testijiet ta' profiċjenza f'konformità, fejn disponibbli, ma' protokolli aċċettati internazzjonalment, u n-notifika lill-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar ir-riżultati u s-segwitu tat-testijiet komparattivi bejn il-laboratorji jew testijiet tal-profiċjenza;

(d) il-koordinazzjoni ta' arranġamenti prattiċi meħtieġa għall-applikazzjoni ta' metodi ġodda ta' analiżi, ittestjar jew dijanjosi tal-laboratorju, u n-notifika tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali bl-avvanzi f'dan il-qasam;

(e) it-twettiq ta' korsijiet tat-taħriġ għall-persunal mil-laboratorji ta' referenza nazzjonali, u, jekk meħtieġ, minn laboratorji uffiċjali oħra, kif ukoll ta' esperti minn pajjiżi terzi;

▼B

(f) il-forniment ta' assistenza xjentifika u teknika lill-Kummissjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-missjoni tagħhom;

(g) il-forniment ta' informazzjoni dwar attivitajiet rilevanti ta' riċerka nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali lil laboratorji ta' referenza nazzjonali;

(h) il-kollaborazzjoni, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-missjoni tagħhom, mal-laboratorji f'pajjiżi terzi u mal-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza tal-Ikel (EFSA), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċina (EMA), u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC);

(i) l-assistenza b'mod attiv fid-dijanjosi ta' tifqigħ fl-Istat Membri ta' mard li ġej mill-ikel, żoonotiku jew tal-annimali, jew ta' pesti tal-pjanti, billi jwettqu dijanjosi konfermatorja, studji ta' karatterizzazzjoni u tassonomiċi jew epiżotiċi dwar iżolati patoġeni jew kampjuni ta' pesti;

(j) il-koordinazzjoni u t-twettiq ta' testijiet għall-verifika tal-kwalità ta' reaġenti u lottijiet ta' reaġenti użati għad-dijanjosi ta' mard li ġej mill-ikel, żoonotiku jew tal-annimali, u pesti tal-pjanti;

(k) fejn rilevanti għall-qasam ta' kompetenza tagħhom, l-istabbiliment u ż-żamma ta':

(i) kollezzjonijiet ta' referenza ta' pesti tal-pjanti u/jew ta' razez ta' referenza ta' aġenti patoġeniċi;

(ii) kollezzjonijiet ta' referenza ta' materjali intiżi biex jidħlu f'kuntatt ma' ikel użati għall-kalibrazzjoni tat-tagħmir analitiku u biex jipprovdu kampjuni tagħhom lil laboratorji ta' referenza nazzjonali;

(iii) listi aġġornati tas-sustanzi u r-reaġenti ta' referenza disponibbli u tal-manifatturi u l-forniturі ta' tali sustanzi u reaġenti; u

(l) fejn rilevanti għall-ambitu ta' kompetenza tagħhom, jikkooperaw bejniethom u mal-Kummissjoni, kif xieraq, biex jiżviluppaw metodi ta' analiżi, ittestjar jew dijanjosi ta' standards għoljin.

Fir-rigward tal-punt (i) tal-punt (k), il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea jista' jistabbilixxi u jżomm dawk il-kollezzjonijiet ta' referenza u r-razez ta' referenza billi jesternalizza l-kuntrattwali lil laboratorji uffiċjali oħra u lil organizzazzjonijiet xjentifiċi.

3. Il-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għandhom jippubblikaw il-lista tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali magħżul mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 100(1).

Artikolu 95

Għażla taċ-ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għat-trattament xieraq tal-annimali

1. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tagħżel ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għat-trattament xieraq tal-annimali li għandhom jappoġġaw l-attivitajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri marbuta mal-applikazzjoni tar-regoli msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 1(2).

▼B

2. L-għażliet previsti fil-paragrafu 1 għandhom:

(a) isegwu proċess ta' għażla pubbliku; u

(b) ikunu limitati fiż-żmien jew riveduti regolarment.

3. Iċ-ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għat-trattament xieraq tal-annimali għandhom:

(a) jaġixxu b'mod imparzjali fir-rigward tat-twettiq tal-kompiti tagħhom bħala ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea;

(b) ikollhom livell għoli ta' għarfien espert xjentifiku u tekniku dwar ir-relazzjoni bejn il-bniedem u l-annimali, l-imġiba tal-annimali, il-fiżjoloġija tal-annimali, il-ġenetika tal-annimali, is-saħħa tal-annimali u l-alimentazzjoni marbuta mat-trattament xieraq tal-annimali, u aspetti tat-trattament xieraq tal-annimali marbuta mal-użu kummerċjali u xjentifiku tal-annimali;

(c) ikollhom persunal ikkwalifikat kif xieraq b'taħriġ adegwat fl-oqsma msemmija fil-punt (b) u fi kwistjonijiet ta' etika marbutin mal-annimali u l-persunal ta' appoġġ kif xieraq;

(d) ikollhom jew ikollhom aċċess għall-infrastruttura, it-tagħmir u l-prodotti meħtieġa biex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom; u

(e) jiżguraw li l-persunal tagħhom ikollu għarfien tajjeb tal-istandards u l-prattiki internazzjonali fl-oqsma msemmija fil-punt (b) u li jittieħed kont fil-ħidma tagħhom tal-aħħar żviluppi fir-riċerka fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali, inkluż studji mwettqa u azzjonijiet meħuda minn ċentri ta' referenza oħra tal-Unjoni Ewropea għat-trattament xieraq tal-annimali, f'dawk l-oqsma.

Artikolu 96

Responsabbiltajiet u kompiti taċ-ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għat-trattament xieraq tal-annimali

Iċ-ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għat-trattament xieraq tal-annimali għandhom ikunu responsabbli mill-kompiti ta' appoġġ li ġejjin sakemm dawn jiġu inklużi fil-programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali taċ-ċentri ta' referenza li ġew stabbiliti f'konformità mal-objettivi u l-prijoritajiet tal-programmi ta' ħidma rilevanti adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 652/2014:

(a) il-forniment ta' għarfien espert xjentifiku u tekniku fl-ambitu tal-missjoni tagħhom inkluż, fejn hu xieraq, fl-għamla ta' assistenza koordinata, lil netwerks u korpi nazzjonali rilevanti ta' appoġġ fil-qasam regolat mir-regoli msemmija fil-punt(f) tal-Artikolu 1(2);

(b) il-forniment ta' għarfien espert xjentifiku u tekniku għall-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-indikaturi tat-trattament xieraq tal-annimali msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 21(8);

(c) l-iżvilupp jew il-koordinazzjoni tal-iżvilupp ta' metodi għall-valutazzjoni tal-livell tat-trattament xieraq tal-annimali u ta' metodi għat-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali;

▼B

(d) it-twettiq ta' studji xjentifiċi u tekniċi dwar it-trattament xieraq tal-annimali użati għal finijiet kummerċjali jew xjentifiċi;

(e) it-twettiq ta' korsijiet ta' taħriġ għall-persunal tan-netwerks jew il-korpi nazzjonali ta' appoġġ xjentifiku msemmija fil-punt (a), għall-persunal tal-awtoritajiet kompetenti u għall-esperti minn pajjiżi terzi; u

(f) it-tixrid tas-sejbiet tar-riċerka u ta' innovazzjonijiet tekniċi u l-kollaborazzjoni ma' korpi ta' riċerka tal-Unjoni fl-oqsma fil-kamp ta' applikazzjoni tal-missjoni tagħhom.

Artikolu 97

Għażla taċ-ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-awtentiċità u l-integrità tal-katina agroalimentari

1. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tagħżel ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea li għandhom jappoġġaw l-attivitajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri biex jipprevjenu, isibu u jiġġieldu kontra kwalunkwe ksur tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) imwettaq permezz ta' prattiki qarrieqa jew frodulenti.

2. L-għażliet previsti fil-paragrafu 1 għandhom:

(a) isegwu proċess ta' għażla pubbliku; u

(b) ikunu limitati fiż-żmien jew riveduti regolarment.

3. Iċ-ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-awtentiċità u l-integrità tal-katina agroalimentari għandhom:

(a) jaġixxu b'mod imparzjali fir-rigward tat-twettiq tal-kompiti tagħhom bħala ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea;

(b) ikollhom livell għoli ta' kompetenza xjentifika u teknika fl-oqsma regolati mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) u fix-xjenza forensika applikata f'dawk l-oqsma, sabiex ikollhom il-kapaċità li jwettqu jew jikkoordinaw riċerka fl-ogħla livelli dwar l-awtentiċità u l-integrità ta' oġġetti u li jiżviluppaw, japplikaw u jivvalidaw il-metodi li għandhom jintużaw għas-sejbien ta' ksur tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) imwettaq permezz ta' prattika qarrieqa jew frodulenti;

(c) ikollhom persunal ikkwalifikat kif xieraq b'taħriġ adegwat fl-oqsma msemmija fil-punt (a) u l-persunal ta' appoġġ meħtieġ;

(d) ikollhom jew ikollhom aċċess għall-infrastruttura, it-tagħmir u l-prodotti meħtieġa biex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom; u

(e) jiżguraw li l-persunal tagħhom ikollu għarfien tajjeb tal-istandards u l-prattika internazzjonali fl-oqsma msemmija fil-punt (b) u li fil-ħidma tiegħu jittieħed kont tal-aħħar żviluppi fir-riċerka fuq livell nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali f'dawl l-oqsma.

▼B

Artikolu 98

Responsabbiltajiet u kompiti taċ-ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-awtentiċità u l-integrità tal-katina agroalimentari

Iċ-ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-awtentiċità u l-integrità tal-katina agroalimentari għandhom ikunu responsabbli mill-kompiti ta' appoġġ li ġejjin sakemm dawn jiġu inklużi fil-programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali taċ-ċentri ta' referenza li ġew stabbiliti f'konformità mal-objettivi u l-prijoritajiet tal-programmi ta' ħidma rilevanti adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 652/2014:

(a) l-għoti ta' għarfien speċjalizzat b'rabta mal-awtentiċità u l-integrità tal-katina agroalimentari u l-metodi ta' sejbien tal-ksur tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament imwettaq permezz ta' prattika qarrieqa jew frodulenti, b'rabta max-xjenza forensika applikata għall-oqsma regolati minn dawn ir-regoli;

(b) il-forniment ta' analiżijiet speċifiċi mfassla biex jidentifikaw it-taqsimiet tal-katina agroalimentari li potenzjalment jiġu soġġetti għal ksur tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament imwettaq permezz ta' prattika qarrieqa jew frodulenti u li jgħinu fl-iżvilupp ta' protokolli u tekniċi uffiċjali u speċifiċi ta' kontroll;

(c) fejn meħtieġ, it-twettiq tal-kompiti msemmija fil-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 94(2) ta' dan ir-Regolament, biex tiġi evitata d-duplikazzjoni mal-kompiti ta' laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea magħżula f'konformità mal-Artikolu 93 ta' dan ir-Regolament;

(d) fejn meħtieġ, l-istabbiliment u ż-żamma ta' kollezzjonijiet jew bażijiet ta' data ta' materjal ta' referenza awtentikat, biex jintużaw għas-sejbien ta' ksur tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament imwettaq permezz ta' prattika qarrieqa jew frodulenti; u

(e) id-disseminazzjoni ta' sejbiet tar-riċerka u ta' innovazzjonijiet tekniċi fl-oqsma fil-kamp ta' applikazzjoni tal-missjoni tagħhom.

Artikolu 99

Obbligi tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna, kulfejn meħtieġ, il-lista ta':

(a) laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea pprovduti fl-Artikolu 93;

(b) ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għat-trattament xieraq tal-annimali previsti fl-Artikolu 95;

(c) Iċ-ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-awtentiċità u l-integrità tal-katina agroalimentari previsti fl-Artikolu 97.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tal-istabbiliment ta' rekwiżiti, responsabbiltajiet u kompiti għall-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għat-trattament xieraq tal-annimali u ċ-ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-awtentiċità

▼B

u l-integrità tal-katina agroalimentari minbarra dawk stipulati fl-Artikolu 93(3), fl-Artikolu 94, fl-Artikolu 95(3), fl-Artikolu 96, fl-Artikolu 97(3) u fl-Artikolu 98. Tali atti delegati għandhom ikunu limitati għal sitwazzjonijiet ta' riskji ġodda jew emerġenti, mard tal-annimali jew pesti tal-annimali ġodda jew emerġenti jew fejn rekwiżiti legali ġodda jiġġustifikaw dan.

3. Il-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea u ċ-ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli tal-Kummissjoni għall-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 93(3), l-Artikolu 94 u l-Artikoli 95(3) u 97(3).

4. Jekk il-kontrolli tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu juru nonkonformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 93(3), fl-Artikolu 94, u fl-Artikoli 95(3) u 97(3), il-Kummissjoni, wara li tkun irċeviet il-kummenti mil-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea jew iċ-ċentru ta' referenza tal-Unjoni Ewropea, għandha:

(a) permezz ta' att ta' implimentazzjoni tirtira l-għażla ta' dak il-laboratorju jew iċ-ċentru; jew

(b) tieħu kwalunkwe miżura oħra xierqa.

Artikolu 100

Għażla tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali

1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu laboratorju ta' referenza nazzjonali wieħed jew aktar għal kull laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea magħżul f'konformità mal-Artikolu 93(1).

L-Istati Membri jistgħu jagħżlu laboratorju nazzjonali ta' referenza wkoll fil-każijiet fejn ma jkun ebda laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea korrispondenti.

Stat Membru jista' jagħżel laboratorju li jinsab fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz li huwa Parti Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Laboratorju uniku jista' jintgħażel bħala laboratorju ta' referenza nazzjonali għal aktar minn Stat Membru wieħed.

2. Ir-rekwiżiti pprovduti fil-punt (e) tal-Artikolu 37(4), fl-Artikolu 37(5), fl-Artikolu 39 u fl-Artikolu 42(1), fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 42(2), u fl-Artikolu 42(3), għandhom japplikaw għal-laboratorji ta' referenza nazzjonali.

B'deroga mill-punt (e) tal-Artikolu 37(4), għall-qasam regolat mir-regoli msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 1(2), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħżlu laboratorji uffiċjali, magħżula bħala tali mill-awtoritajiet kompetenti fuq il-bażi ta' deroga adottata taħt l-Artikolu 41, bħala laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea irrispettivament minn jekk jissodisfawx il-kondizzjoni prevista mill-punt (e) tal-Artikolu 37(4).

3. Il-laboratorji ta' referenza nazzjonali:

▼B

(a) għandhom ikunu imparzjali, ħielsa minn kwalunkwe kunflitt ta' interessi u b'mod partikolari ma għandhomx ikunu f'sitwazzjoni li tista' taffettwa, direttament jew indirettament, l-imparzjalità tal-kondotta professjonali tagħhom f'dak li jirrigwarda l-eżerċizzju tal-kompiti tagħhom bħala laboratorji ta' referenza nazzjonali;

(b) ikollhom jew ikollhom aċċess kuntrattwali għal persunal ikkwalifikat kif xieraq b'taħriġ adegwat fit-tekniki ta' analiżi, ittestjar u dijanjosi fil-qasam ta' kompetenza tagħhom, u persunal ta' appoġġ kif xieraq;

(c) għandu jkollhom, jew għandu jkollhom aċċess għal, l-infrastruttura, it-tagħmir u l-prodotti meħtieġa biex iwettqu l-kompiti li jingħatawlhom;

(d) jiżguraw li l-persunal tagħhom u kwalunkwe persunal imqabbad b'mod kuntrattwali ikollhom għarfien tajjeb tal-istandards u l-prattiki internazzjonali u li jitħeġġed kont tal-aħħar żvilupp fir-riċerka fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali fil-ħidma tagħhom;

(e) ikunu mgħammra, jew ikollhom aċċess għat-tagħmir meħtieġ, biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza; u

(f) fejn rilevanti, għandhom ikunu kapaċi jikkonformaw ma' standards ta' bijosigurtà rilevanti.

4. L-Istati Membri għandhom:

(a) jikkomunikaw l-isem u l-indirizz ta' kull laboratorju ta' referenza nazzjonali lill-Kummissjoni, lil-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea rilevanti, u lill-Istati Membri l-oħra;

(b) jagħmlu l-informazzjoni msemmija fil-punt (a) disponibbli għall-pubbliku; u

(c) jaġġornaw l-informazzjoni msemmija fil-punt (a) kulfejn meħtieġ.

5. L-Istati Membri li jkollhom aktar minn laboratorju ta' referenza nazzjonali wieħed għal laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għandhom jiżguraw li tali laboratorji jaħdmu flimkien mill-qrib, sabiex jiżguraw koordinazzjoni effiċjenti bejniethom, ma' laboratorji nazzjonali oħra u mal-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea.

6. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tal-istabbiliment ta' rekwiżiti għal-laboratorji ta' referenza nazzjonali minbarra dawk stipulati fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu. Tali atti delegati għandhom ikunu limitati biex tiġi żgurata l-koerenza ma' kwalunkwe rekwiżit addizzjonali adottat f'konformità mal-Artikolu 99(2).

Artikolu 101

Responsabbiltajiet u kompiti tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali

1. Il-laboratorji ta' referenza nazzjonali, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' kompetenza tagħhom, għandhom:

(a) jikkollaboraw mal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea, u jieħdu sehem f'korsijiet ta' taħriġ u fi ttestjar komparattiv bejn il-laboratorji organizzati minn dawk il-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea;

▼B

(b) jikkoordinaw l-attivitajiet tal-laboratorji uffiċjali magħżula f'konformità mal-Artikolu 37(1) bl-għan li jarmonizzaw u jtejbu l-metodi ta' analiżi, ittestjar jew dijanjosi tal-laboratorju u l-użu tagħhom;

(c) fejn xieraq, jorganizzaw testijiet komparattivi bejn il-laboratorji jew testijiet ta' profiċjenza bejn laboratorji uffiċjali, jiżguraw segwitu xieraq ta' tali testijiet u jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti bir-riżultati ta' tali testijiet u segwitu;

(d) jiżguraw it-tixrid, lill-awtoritajiet kompetenti u lil-laboratorji uffiċjali, tal-informazzjoni pprovduta mil-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea;

(e) jipprovdu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-missjoni tagħhom assistenza xjentifika u teknika lill-awtoritajiet kompetenti għall-implimentazzjoni tal-MANCP imsemmija fl-Artikolu 109 ta' programmi ta' kontroll ikkoordinati adottati f'konformità mal-Artikolu 112;

(f) fejn rilevanti, għandhom jistabbilixxu u jżommu listi aġġornati tas-sustanzi u r-reaġenti ta' referenza disponibbli, u tal-manifatturi u l-provvedituri ta' tali sustanzi u reaġenti;

(g) fejn meħtieġ, it-twettiq ta' korsijiet ta' taħriġ għall-persunal ta' laboratorji uffiċjali magħżula taħt l-Artikolu 37(1); u

(h) jassistu b'mod attiv lill-Istat Membru li jkun għażilhom fid-dijanjosi ta' tifqigħ ta' mard li ġej mill-ikel, żoonotiku jew tal-annimali jew ta' pesti tal-pjanti u f'każ ta' nonkonformità ta' kunsinni, bit-twettiq ta' dijanjosijiet konfermatorji, karatterizzazzjoni u studji epiżotiċi jew tassonomiċi dwar iżolati ta' patoġeni jew kampjuni ta' pesti.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tal-istabbiliment ta' responsabbiltajiet u kompiti għal-laboratorji ta' referenza nazzjonali minbarra dawk stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Tali atti delegati għandhom ikunu limitati biex tiġi żgurata l-koerenza ma' kwalunkwe responsabbiltà u kompitu addizzjonali adottati f'konformità mal-Artikolu 99(2).

TITOLU IV

ASSISTENZA AMMINISTRATTIVA U KOOPERAZZJONI

Artikolu 102

Regoli ġenerali

1. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kkonċernati għandhom jagħtu assistenza amministrattiva lil xulxin f'konformità mal-Artikoli 104 sa 107, sabiex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) f'każijiet li jkollhom rilevanza f'aktar minn Stat Membru wieħed.

2. L-assistenza amministrattiva għandha tinkludi, fejn xieraq, u, bi qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru f'kontrolli uffiċjali fuq il-post imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor.

▼B

3. Dan it-Titolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal regoli nazzjonali:

(a) applikabbli għar-rilaxx ta' dokumenti u informazzjoni li jkunu s-suġġett ta' investigazzjonijiet ġudizzjarji u proċedimenti tal-qorti, inklużi investigazzjonijiet kriminali jew li jkunu marbutin magħhom; u

(b) immirati lejn il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiffaċilitaw it-trasmissjoni, minn awtoritajiet oħrajn tal-infurzar tal-liġi, prosekuturi pubbliċi u awtoritajiet ġudizzjarji oħrajn, lill-awtoritajiet kompetenti, ta' informazzjoni dwar in-nonkonformità possibbli mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) li tkun rilevanti għall-applikazzjoni ta' dan it-Titolu u li tista' tikkostitwixxi:

(a) riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, jew għat-trattament xieraq tal-annimali, jew fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ukoll għall-ambjent; jew

(b) ksur possibbli tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) imwettaq permezz ta' prattiki frodulenti jew qarrieqa.

5. Il-komunikazzjoni kollha bejn l-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikoli 104 sa 107 għandha tkun bil-miktub f'forma stampata jew elettronika.

6. Sabiex jiġu ssimplifikati u mħaffa l-iskambji ta' komunikazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi format standard permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:

(a) għat-talbiet għal assistenza previsti fl-Artikolu 104(1); u

(b) għall-komunikazzjoni ta' notifiki u tweġibiet komuni u rikorrenti.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Artikolu 103

Korpi ta' kollegament

1. Kull Stat Membru għandu jagħżel korp ta' kollegament wieħed jew aktar li jaġixxu bħala punti ta' kuntatt responsabbli milli jiffaċilitaw l-iskambju ta' komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikoli 104 sa 107.

2. L-għażla tal-korpi ta' kollegament ma għandhiex tipprekludi l-kuntratti diretti, l-iskambju ta' informazzjoni jew il-kooperazzjoni bejn il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri differenti.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra d-dettalji ta' kuntatt tal-korpi ta' kollegament tagħhom, magħżula f'konformità mal-paragrafu 1, u kwalunkwe emenda sussegwenti ta' dawk id-dettalji.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-lista tal-korpi ta' kollegament ikkomunikata lilha mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 3.

▼B

5. Kull talba għal assistenza skont l-Artikolu 104(1), u kull notifika u komunikazzjoni skont l-Artikoli 105, 106 u 107, għandha tintbagħat minn korp ta' kollegament lill-korrispondent tiegħu fl-Istat Membru fejn hija indirizzata t-talba jew in-notifika.

6. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tal-għodod tekniċi u l-proċeduri għall-komunikazzjoni bejn il-korpi ta' kollegament magħżula f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Artikolu 104

Assistenza fuq talba

1. Fejn l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jqisu li, għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali jew għas-segwitu effettiv ta' tali kontrolli fit-territorju tagħhom, jeħtieġu data jew informazzjoni mingħand l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor, għandhom jibagħtu talba motivata għal assistenza amministrattiva lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru. L-awtoritajiet kompetenti li jirċievu t-talba għandhom:

(a) jinfurmaw bil-wasla tat-talba mingħajr dewmien;

(b) meta l-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba tispeċifika dan, jindikaw, fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data tal-wasla tat-talba, l-istima taż-żmien meħtieġ biex jagħtu tweġiba informata għat-talba; u

(c) iwettqu l-kontrolli uffiċjali jew l-investigazzjonijiet meħtieġa biex jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti li bagħtu t-talba, mingħajr dewmien, l-informazzjoni u d-dokumenti kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati u jivverifikaw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni fil-ġurisdizzjoni tagħhom.

2. Id-dokumenti jistgħu jintbagħtu fil-forma oriġinali tagħhom, jew jistgħu jiġu pprovduti kopji.

3. Bi qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti li jagħmlu t-talba u l-awtoritajiet kompetenti li jirċievuha, il-persunal maħtur minn tal-ewwel jista' jkun preżenti matul il-kontrolli uffiċjali u l-investigazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1(c), imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti li jirċievu it-talba għal assistenza.

F'tali każijiet, il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti li jagħmlu t-talba:

(a) għandu jkun kapaċi jipproduċi, f'kull ħin, awtorità bil-miktub li turi l-identità u l-kapaċità uffiċjali tiegħu;

(b) għandu jingħata aċċess mill-operatur għall-istess proprjetà u dokumenti bħall-persunal tal-awtoritajiet kompetenti li jirċievu t-talba, permezz tal-intermedjarju tiegħu, u għall-uniku għan tal-istħarriġ amministrattiv li jkun qed isir; u

(c) ma għandux, fuq l-inizjattiva tiegħu stess, jeżerċita s-setgħat ta' stħarriġ mogħtija lill-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti li jirċievu t-talba.

▼B

Artikolu 105

Assistenza mhux fuq talba fil-każ ta' nonkonformità

1. Meta l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jsiru jafu b'nonkonformità, u jekk tali nonkonformità jkollha implikazzjonijiet għal Stat Membru ieħor, għandhom jinnotifikaw tali informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru l-ieħor mingħajr ma jintalbu dan, u mingħajr dewmien żejjed.

2. L-awtoritajiet kompetenti nnotifikati f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom:

(a) jinfurmaw bil-wasla tan-notifika mingħajr dewmien żejjed;

(b) fejn l-awtorità kompetenti li tibgħat in-notifika tispeċifika dan, jindikaw fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data tal-wasla tan-notifika:

(i) liema investigazzjonijiet ikunu beħsiebhom iwettqu; jew,

(ii) ir-raġunijiet għala jqisu li l-ebda stħarriġ mhu meħtieġ; u

(c) fejn l-investigazzjonijiet imsemmija fil-punt (b) jitqiesu meħtieġa, jinvestigaw il-kwistjoni u jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti, mingħajr dewmien, li jkunu bagħtu n-notifika bir-riżultati, u fejn xieraq, bil-miżuri li jkunu ttieħdu.

Artikolu 106

Assistenza fil-każ ta' nonkonformità li joħloq riskju jew ksur ripetut jew potenzjalment serju

1. Fejn, matul kontrolli uffiċjali mwettqa fuq annimali jew oġġetti li joriġinaw minn Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li tali annimali jew oġġetti mhumiex konformi mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) b'tali mod li joħolqu riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali, jew fir-rigward tal-OĠM u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għall-ambjent, jew b'tali mod li jikkostitwixxu ksur serju potenzjali ta' dawk ir-regoli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li minnu ntbagħtet il-kunsinna, kif ukoll ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor ikkonċernat, sabiex dawk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-investigazzjonijiet xierqa.

2. L-awtoritajiet kompetenti nnotifikati għandhom, mingħajr dewmien:

(a) jinfurmaw bil-wasla tan-notifika;

(b) meta l-awtorità kompetenti li tibgħat in-notifika tispeċifika dan, jindikaw l-investigazzjoni li jkunu beħsiebhom iwettqu; u

(c) jinvestigaw il-kwistjoni, jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti li jibagħtu n-notifika bin-natura tal-investigazzjoni u tal-kontrolli uffiċjali mwettqa, bid-deċiżjonijiet meħudin, u bir-raġunijiet għal tali deċiżjonijiet.

▼B

3. Jekk l-awtoritajiet kompetenti li jibagħtu n-notifika jkollhom raġunijiet biex jemmnu li l-investigazzjonijiet imwettqa, jew il-miżuri meħudin mill-awtoritajiet kompetenti nnotifikati, ma jindirizzawx b'mod adegwat in-nonkonformità misjuba, għandhom jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti nnotifikati biex jikkomplementaw il-kontrolli uffiċjali mwettqa jew il-miżuri meħudin. F'tali każijiet l-awtoritajiet kompetenti miż-żewġ Stati Membri għandhom:

(a) ifittxu approċċ miftiehem bil-għan li jindirizzaw kif xieraq in-nonkonformità, inkluż permezz ta' kontrolli uffiċjali u investigazzjonijiet konġunti mwettqa f'konformità mal-Artikolu 104(3); u

(b) jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien meta ma jkunux kapaċi jaqblu fuq miżuri xierqa.

4. Meta l-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq annimali jew oġġetti li joriġinaw fi Stat Membru ieħor juru każijiet ripetuti ta' nonkonformità kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' destinazzjoni għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien.

Artikolu 107

Assistenza abbażi ta' informazzjoni pprovduta minn pajjiżi terzi

1. Meta l-awtoritajiet kompetenti jirċievu informazzjoni mingħand pajjiż terz li jindika nonkonformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) jew riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali, jew fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ukoll għall-ambjent, għandhom, mingħajr dewmien:

(a) jinnotifikaw tali informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra kkonċernati; u

(b) jikkomunikaw tali informazzjoni lill-Kummissjoni fejn tkun jew tista' tkun rilevanti fil-livell tal-Unjoni.

2. L-informazzjoni miksuba permezz ta' kontrolli uffiċjali u investigazzjonijiet imwettqa f'konformità ma' dan ir-Regolament tista' tiġi kkomunikata lill-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1, dment li:

(a) l-awtoritajiet kompetenti li jkunu pprovdew l-informazzjoni jaqblu ma' tali komunikazzjoni;

(b) il-pajjiż terz ikun intrabat li jipprovdi l-assistenza meħtieġa biex jiġbor evidenza ta' prattiki li huma, jew li jidhru, nonkonformi mar-regoli tal-Unjoni, jew li huma ta' riskju għall-bniedem, għall-annimali, għall-pjanti jew għall-ambjent; u

(c) ikun hemm konformità mar-regoli tal-Unjoni u nazzjonali rilevanti applikabbli għall-komunikazzjoni tad-data personali lill-pajjiżi terzi.

Artikolu 108

Assistenza kkoordinata u segwitu mill-Kummissjoni

1. Fejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kkonċernati mhumiex kapaċi jaqblu dwar azzjoni xierqa biex jindirizzaw in-nonkonformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), il-Kummissjoni għandha

▼B

tikkoordina, mingħajr dewmien, il-miżuri u l-azzjonijiet meħudin mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità ma' dan it-Titolu, fejn l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni jew:

(a) tirrapporta attivitajiet li huma, jew li jidhru, nonkonformi mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), u tali attivitajiet għandhom, jew jista' jkollhom, ramifikazzjonijiet f'aktar minn Stat Membru wieħed; jew

(b) tindika li l-istess attivitajiet, jew attivitajiet simili, li huma jew jidhru nonkonformi mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), x'aktarx ikunu qed isiru f'aktar minn Stat Membru wieħed..

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista':

(a) b'kollaborazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat, tibgħat tim ta' spezzjoni biex iwettaq kontroll uffiċjali fuq il-post;

(b) titlob, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li minnu ntbagħtet il-kunsinna, u fejn xieraq, fi Stati Membri oħra kkonċernati, jintensifikaw kif xieraq il-kontrolli uffiċjali, u jirrapportawlha dwar il-miżuri meħudin minnhom;

(c) tieħu kwalunkwe miżura xierqa oħra f'konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2).

3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu regoli għall-iskambju rapidu tal-informazzjoni fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

TITOLU V

IPPJANAR U RAPPURTAR

Artikolu 109

Pjanijiet nazzjonali pluriennali ta' kontroll (MANCP) u korp uniku għall-MANCP

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontrolli uffiċjali regolati b'dan ir-Regolament isiru mill-awtoritajiet kompetenti abbażi ta' MANCP, li t-tħejjija u l-implimentazzjoni tiegħu jiġu kkoordinati fit-territorju kollu tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jagħżlu korp uniku inkarigat bil-kompitu li:

(a) jikkoordina t-tħejjija tal-MANCP mal-awtoritajiet kompetenti kollha responsabbli għall-kontrolli uffiċjali;

(b) jiżgura li l-MANCP huwa koerenti;

(c) jiġbor l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-MANCP bil-ħsieb li jiġi ppreżentat ir-rappurtar annwali msemmi fl-Artikolu 113 u tar-rieżami u l-aġġornament tiegħu kif meħtieġ f'konformità mal-Artikolu 111(2).

▼B

Artikolu 110

Kontenut tal-MANCP

1. MANCP għandhom jitħejjew b'mod li jiżgura li jiġu ppjanati kontrolli uffiċjali fl-oqsma kollha regolati bir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) u f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 9 u mar-regoli previsti fl-Artikoli 18 sa 27.

2. MANCP għandhom jinkludu informazzjoni ġenerali dwar l-istruttura u l-organizzazzjoni tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali fl-Istat Membru kkonċernat f'kull wieħed mill-oqsma koperti, u għandhom jinkludu talanqas informazzjoni dwar dawn li ġejjin:

(a) l-objettivi strateġiċi tal-MANCP u kif il-prijoritizzazzjoni talkontrolli uffiċjali u l-allokazzjoni tar-riżorsi jirriflettu dawk l-objettivi;

(b) il-kategorizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali skont ir-riskji;

(c) l-għażla ta' awtoritajiet kompetenti u l-kompiti tagħhom f'livell ċentrali, reġjonali u lokali, u r-riżorsi disponibbli għal dawk l-awtoritajiet;

(d) fejn xieraq, id-delega ta' kompiti lil korpi delegati;

(e) l-organizzazzjoni ġenerali u l-ġestjoni tal-kontrolli uffiċjali f'livell nazzjonali, reġjonali u lokali, inklużi kontrolli uffiċjali fi stabbilimenti individwali;

(f) sistemi ta' kontroll applikati għal setturi differenti, u l-koordinazzjoni bejn servizzi differenti tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-kontrolli uffiċjali f'dawk is-setturi;

(g) il-proċeduri u l-arranġamenti implimentati biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi tal-awtoritajiet kompetenti previsti fl-Artikolu 5(1);

(h) it-taħriġ tal-persunal tal-awtoritajiet kompetenti;

(i) il-proċeduri ddokumentati previsti fl-Artikolu 12(1);

(j) l-organizzazzjoni ġenerali u l-operat ta' pjanijiet ta' kontinġenza f'konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2); u

(k) l-organizzazzjoni ġenerali tal-kooperazzjoni u assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.

Artikolu 111

Tħejjija, aġġornament u rieżami tal-MANCP

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-MANCP previst fl-Artikolu 109(1) isir disponibbli għall-pubbliku, bl-eċċezzjoni ta' dawk ilpartijiet tal-pjan li l-iżvelar tagħhom jista' jipperikola l-effettività talkontrolli uffiċjali.

▼B

2. Il-MANCP għandu jiġi aġġornat regolarment biex jiġi aġġustat skont bidliet fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), u jiġi rieżaminat sabiex iqis, tal-anqas, il-fatturi li ġejjin:

(a) l-emerġenza ta' mard ġdid, pesti ġodda tal-pjanti, jew riskji ġodda oħra għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali, jew fil-każ tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, anke għall-ambjent;

(b) bidliet sinifikanti fl-istruttura, il-ġestjoni jew l-operat tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru;

(c) ir-riżultati tal-kontrolli uffiċjali tal-Istati Membri;

(d) ir-riżultati tal-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni fl-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 116(1);

(e) sejbiet xjentifiċi; u

(f) l-eżitu tal-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz fi Stat Membru.

3. Fuq talba, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-aħħar verżjoni aġġornata tal-MANCP rispettiv tagħhom.

Artikolu 112

Programmi ta' kontroll ikkoordinati u ġbir ta' informazzjoni u data

Bil-għan li ssir valutazzjoni mmirata, mal-Unjoni kollha, tal-qagħda tal-applikazzjoni tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), jew sabiex tiġi stabbilita l-prevalenza ta' ċerti perikli mal-Unjoni kollha, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward ta':

(a) l-implimentazzjoni ta' programmi ta' kontroll ikkoordinati, ta' tul ta' żmien limitat, f'wieħed mill-oqsma regolati mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

(b) l-organizzazzjoni, fuq bażi ad hoc, tal-ġbir ta' data u informazzjoni rigward l-applikazzjoni ta' sett speċifiku tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), jew rigward il-prevalenza ta' ċerti perikli.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Artikoli 113

Rapporti annwali mill-Istati Membri

1. Sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni rapport li jinkludi:

(a) kull emenda li tkun saret fil-MANCP tiegħu biex iqis il-fatturi msemmija fl-Artikolu 111(2);

(b) ir-riżultati tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fis-sena ta' qabel fil-qafas tal-MANCP tiegħu;

▼B

(c) it-tip u l-għadd ta' każijiet ta' nonkonformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), f'kull qasam, identifikati fis-sena ta' qabel mill-awtoritajiet kompetenti;

(d) il-miżuri meħudin biex jiżguraw l-operat effettiv tal-MANCP tiegħu, inklużi l-azzjoni ta' infurzar u r-riżultati ta' tali miżuri; u

(e) link għall-[paġna web tal-awtorità kompetenti li fiha] l-informazzjoni pubblika dwar it-tariffi jew l-imposti msemmija fl-Artikolu 85(2).

2. Sabiex tiġi żgurata l-preżentazzjoni uniformi tar-rapporti annwali previsti fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tadotta u taġġorna kif meħtieġ mudelli ta' formoli standard għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni u d-data msemmija f' dak il-paragrafu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni, kull meta jkun possibbli, għandhom jippermettu l-użu tal-mudelli ta' formoli standard adottati mill-Kummissjoni għall-preżentazzjoni ta' rapporti oħra dwar il-kontrolli uffiċjali li l-awtoritajiet kompetenti għandhom mitluba jippreżentaw lill-Kummissjoni f'konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Artikolu 114

Rapporti annwali mill-Kummissjoni

1. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku rapport annwali dwar l-operat tal-kontrolli uffiċjali fl-Istati Membri, li jqis:

(a) ir-rapporti annwali ppreżentati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 113; u

(b) ir-riżultati tal-kontrolli tal-Kummissjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 116(1).

2. Ir-rapport annwali previst fil-paragrafu 1 jista', fejn xieraq, jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar titjib possibbli fis-sistemi ta' kontroll uffiċjali fl-Istati Membri u f'ċerti kontrolli uffiċjali f'ċerti oqsma.

Artikolu 115

Pjanijiet ta' kontinġenza għall-ikel u l-għalf

1. Għall-applikazzjoni tal-pjan ġenerali għall-immaniġġjar ta' kriżi previst fl-Artikolu 55(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, l-Istati Membri għandhom ifasslu pjanijiet ta' kontinġenza għall-ikel u l-għalf, li jistipulaw il-miżuri li għandhom jiġu applikati, mingħajr dewmien, meta jinstab li ikel jew għalf joħloq riskju serju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali, direttament jew permezz tal-ambjent.

2. Il-pjanijiet ta' kontinġenza għall-ikel u l-għalf previsti fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw:

(a) l-awtoritajiet kompetenti li għandhom ikunu involuti;

▼B

(b) is-setgħat u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet imsemmija fil-punt (a); u

(c) il-mezzi u l-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u partijiet oħra kkonċernati, kif ikun xieraq.

3. L-Istati Membri għandhom jerġgħu jeżaminaw il-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom għall-ikel u l-għalf b'mod regolari, biex iqisu l-bidliet fl-organizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti u l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tal-pjan u l-eżerċizzji ta' simulazzjoni.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward ta':

(a) regoli għall-istabbiliment tal-pjanijiet ta' kontinġenza previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sakemm ikun meħtieġ biex jiġi żgurat l-użu konsistenti u effettiv tal-pjan ġenerali għall-immaniġġjar ta' kriżi previst fl-Artikolu 55(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002; u

(b) ir-rwol tal-partijiet interessati fl-istabbiliment u l-operat ta' dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

TITOLU VI

ATTIVITAJIET TAL-UNJONI

KAPITOLU I

Kontrolli tal-Kummissjoni

Artikolu 116

Kontrolli tal-Kummissjoni fl-Istati Membri

1. L-esperti tal-Kummissjoni għandhom iwettqu kontrolli, inklużi awditi, f'kull Stat Membru, sabiex:

(a) jivverifikaw l-applikazzjoni tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) u dawk previsti f'dan ir-Regolament;

(b) jivverifikaw il-funzjonament tas-sistemi nazzjonali ta' kontroll fl-oqsma regolati mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) u dawk previsti f'dan ir-Regolament u tal-awtoritajiet kompetenti li joperawhom;

(c) jinvestigaw u jiġbru informazzjoni:

(i) dwar kontrolli uffiċjali u prattiki ta' infurzar fl-oqsma regolati mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) u dawk previsti f'dan ir-Regolament;

(ii) dwar problemi importanti jew rikorrenti bl-applikazzjoni u l-infurzar tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

▼B

(iii) fir-rigward tas-sitwazzjonijiet ta' emerġenza, problemi emerġenti jew żviluppi ġodda fl-Istati Membri fl-oqsma regolati mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) u dawk previsti f'dan ir-Regolament.

2. Il-kontrolli previsti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu organizzati b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u għandhom jitwettqu b'mod regolari.

3. Il-kontrolli previsti fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu verifiki fuq il-post. L-esperti tal-Kummissjoni jistgħu jakkumpanjaw il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti li jwettqu kontrolli uffiċjali.

4. L-esperti mill-Istati Membri jistgħu jassistu lill-esperti tal-Kummissjoni. L-esperti nazzjonali li jakkumpanjaw lill-esperti tal-Kummissjoni għandhom jingħataw l-istess drittijiet ta' aċċess bħall-esperti tal-Kummissjoni.

Artikolu 117

Rapporti mill-Kummissjoni dwar kontrolli mwettqa fl-Istati Membri

Il-Kummissjoni għandha:

(a) tħejji abbozz ta' rapport dwar is-sejbiet u dwar ir-rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati mill-esperti tagħha matul il-kontrolli mwettqa f'konformità mal-Artikolu 116(1);

(b) tibgħat kopja tal-abbozz ta' rapport previst fil-punt (a) lill-Istat Membru fejn ikunu saru dawk il-kontrolli sabiex jikkummenta dwaru;

(c) tqis il-kummenti tal-Istat Membru msemmija fil-punt (b) fit-tħejjija tar-rapport finali dwar is-sejbiet tal-kontrolli mwettqa mill-esperti tagħha fl-Istati Membri kif previst fl-Artikolu 116(1); u

(d) tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku r-rapport finali msemmi fil-punt (c) flimkien mal-kummenti tal-Istat Membru msemmija fil-punt (b).

Artikolu 118

Programm tal-kontrolli tal-Kummissjoni fl-Istati Membri

1. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha:

(a) tistabbilixxi programm annwali jew pluriennali ta' kontroll, għall-kontrolli li għandhom isiru mill-esperti tagħha fl-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 116(1); u

(b) tikkomunika lill-Istati Membri, sal-aħħar ta' kull sena, il-programm annwali ta' kontroll jew kull aġġornament tal-programm pluriennali ta' kontroll għas-sena ta' wara.

▼B

2. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' temenda l-programm ta' kontroll tagħha biex tqis l-iżviluppi fl-oqsma regolati bir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2). Kwalunkwe tali emenda għandha tiġi kkomunikata mingħajr dewmien lill-Istati Membri.

Artikolu 119

Obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-kontrolli tal-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom:

(a) jieħdu miżuri xierqa ta' segwitu biex jirrimedjaw kwalunkwe nuqqas speċifiku jew sistemiku identifikat permezz tal-kontrolli mwettqa mill-esperti tal-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 116(1);

(b) jagħtu l-assistenza teknika meħtieġa u jipprovdu d-dokumentazzjoni disponibbli, inkluż ir-riżultati tal-awditjar imsemmi fl-Artikolu 6, fuq talba motivata, u appoġġ tekniku ieħor, mitlubin mill-esperti tal-Kummissjoni biex dawn ikunu jistgħu jwettqu l-kontrolli b'mod effiċjenti u effettiv; u

(c) jagħtu l-assistenza meħtieġa biex jiżguraw li l-esperti tal-Kummissjoni jkollhom aċċess għall-proprjetà kollha, jew għal partijiet tal-proprjetà, l-annimali u l-oġġetti, u għall-informazzjoni, inklużi sistemi informatiċi, rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom.

Artikolu 120

Kontrolli tal-Kummissjoni f'pajjiżi terzi

1. L-esperti tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu kontrolli f'pajjiżi terzi sabiex:

(a) jivverifikaw il-konformità, jew l-ekwivalenza, tal-leġislazzjoni u s-sistemi tal-pajjiż terz, inklużi ċ-ċertifikazzjoni uffiċjali u l-ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali, tikketti uffiċjali, marki uffiċjali u attestazzjonijiet uffiċjali oħra, mar-rekwiżiti stabbiliti fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

(b) jivverifikaw il-kapaċità tas-sistema ta' kontroll tal-pajjiż terz biex jiżguraw li l-kunsinni ta' annimali u oġġetti esportati lejn l-Unjoni jikkonformaw ma' rekwiżiti rilevanti stabbiliti bir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), jew ma' rekwiżiti rikonoxxuti li tal-anqas ikunu ekwivalenti għalihom;

(c) jiġbru informazzjoni u data biex jiċċaraw il-kawżi ta' problemi rikorrenti jew emerġenti fir-rigward ta' esportazzjonijiet ta' annimali u oġġetti minn pajjiż terz.

2. Il-kontrolli previsti fil-paragrafu 1 għandhom iqisu, b'mod partikolari:

(a) il-leġislazzjoni tal-pajjiż terz;

▼B

(b) l-organizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz, is-setgħat u l-indipendenza tagħhom, is-superviżjoni li għaliha huma soġġetti, u l-awtorità li għandhom biex jinfurzaw il-leġislazzjoni applikabbli b'mod effettiv;

(c) it-taħriġ tal-persunal tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz fit-twettiq ta' kontrolli uffiċjali;

(d) ir-riżorsi, inklużi l-faċilitajiet ta' analiżi, ittestjar u dijanjosi disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti;

(e) l-eżistenza u l-operat ta' proċeduri ddokumentati ta' kontroll, u ta' sistemi ta' kontroll ibbażati fuq prijoritajiet;

(f) fejn applikabbli, is-sitwazzjoni fir-rigward tas-saħħa tal-annimali, it-trattament xieraq tal-annimali, iż-żoonożi u saħħa tal-pjanti, u l-proċeduri għan-notifikar lill-Kummissjoni u lil korpi internazzjoni rilevanti, dwar it-tifqigħ ta' mard tal-annimali u pesti tal-pjanti;

(g) il-livell u l-operat tal-kontrolli mwettqa mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz fuq l-annimali, il-pjanti u l-prodotti tagħhom, li jaslu minn pajjiżi terzi oħra; u

(h) il-garanzija li jista' jagħti l-pajjiż terz fir-rigward tal-konformità, jew l-ekwivalenza, mar-rekwiżiti stipulati fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2).

3. Sabiex tiffaċilita l-effiċjenza u l-effettività tal-kontrolli previsti fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni, qabel ma twettaq tali kontrolli, tista' titlob lill-pajjiż terz ikkonċernat li jipprovdi:

(a) l-informazzjoni meħtieġa msemmija fl-Artikolu 125(1); u

(b) fejn xieraq u meħtieġ, ir-rekords bil-miktub dwar il-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu.

4. Il-Kummissjoni tista' taħtar esperti mill-Istati Membri biex jassistu lill-esperti tagħha matul il-kontrolli previsti fil-paragrafu 1.

Artikolu 121

Frekwenza tal-kontrolli tal-Kummissjoni f'pajjiżi terzi

Il-frekwenza tal-kontrolli tal-Kummissjoni f'pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 120 għandha tiġi ddeterminata abbażi ta l-kriterji li ġejjin:

(a) valutazzjoni tar-riskju tal-annimali u l-oġġetti esportati lejn l-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat;

(b) ir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

(c) il-volum u n-natura tal-annimali u l-oġġetti li jidħlu fl-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat;

(d) ir-riżultati tal-kontrolli diġà mwettqa mill-esperti tal-Kummissjoni jew minn korpi ta' spezzjoni oħra;

▼B

(e) ir-riżultati ta' kontrolli uffiċjali fuq annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat, u ta' kwalunkwe kontroll uffiċjali ieħor li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membru jkunu wettqu;

(f) l-informazzjoni riċevuta mill-EFSA, jew minn korpi simili;

(g) l-informazzjoni riċevuta minn korpi rikonoxxuti internazzjonalment, bħal:

(i) l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa;

(ii) il-Kummissjoni Codex Alimentarius;

(iii) l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE);

(iv) l-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja għall-Protezzjoni tal-Pjanti u kwalunkwe organizzazzjoni reġjonali oħra għall-protezzjoni tal-pjanti stabbilita skont il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (IPPC);

(v) is-segretarjat tal-IPPC;

(vi) l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi;

(vii) il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti;

(viii) is-segretarjat tal-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosigurtà għall-Konvenzjoni dwar il-Bijodiversità Bijoloġika;

(h) l-evidenza ta' sitwazzjonijiet ta' mard emerġenti, jew ċirkostanzi oħra li jistgħu jirriżultaw mid-dħul fl-Unjoni, minn pajjiż terz, ta' annimali u oġġetti li joħolqu riskji għas-saħħa jew għall-ambjent jew riskju ta' prattiki frodulenti jew qarrieqa;

(i) il-ħtieġa li jiġu investigati jew indirizzati sitwazzjonijiet ta' emerġenza f'pajjiżi terzi individwali.

Artikolu 122

Rapporti mill-Kummissjoni dwar kontrolli mwettqa mill-esperti tagħha f'pajjiżi terzi

Il-Kummissjoni għandha tħejji rapporti dwar is-sejbiet ta' kull kontroll imwettaq f'konformità mal-Artikoli 120 u 121. Fejn xieraq, ir-rapport tagħha għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet.

Il-Kummissjoni għandha tqiegħed ir-rapporti tagħha għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

Artikolu 123

Programm tal-kontrolli tal-Kummissjoni f'pajjiżi terzi

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika minn qabel, lill-Istati Membri, il-programm tal-kontrolli f'pajjiżi terzi, u għandha tirrapporta dwar ir-riżultati. Il-Kummissjoni tista' temenda dak il-programm biex tqis l-iżviluppi fl-oqsma regolati bir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2). Kwalunkwe tali emenda għandha tiġi kkomunikata lill-Istati Membri minn qabel.

▼B

Artikolu 124

Kontrolli ta' pajjiżi terzi fl-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-kontrolli ppjanati fl-oqsma regolati mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) fit-territorju tagħhom, mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi.

2. L-esperti tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem fil-kontrolli msemmija fil-paragrafu 1, fuq it-talba tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn dawk il-kontrolli jkunu qed isiru .

3. Il-parteċipazzjoni tal-esperti tal-Kummissjoni fil-kontrolli msemmija fil-paragrafu 1 għandha sservi, b'mod partikolari, biex:

(a) jingħataw pariri dwar ir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

(b) tiġi pprovduta informazzjoni u data disponibbli fil-livell tal-Unjoni li jistgħu jkunu utli għall-kontroll imwettaq mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz;

(c) jiġu ffaċilitati l-konsistenza u l-uniformità fir-rigward tal-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi fi Stati Membri differenti.

KAPITOLU II

Kondizzjonijiet għad-dħul ta' annimali u oġġetti fl-Unjoni

Artikolu 125

Informazzjoni dwar is-sistemi ta' kontroll ta' pajjiżi terzi

1. Il-Kummissjoni għandha titlob lil pajjiżi terzi li beħsiebhom jesportaw annimali u oġġetti lejn l-Unjoni biex jipprovdu l-informazzjoni preċiża u aġġornata li ġejja, dwar l-organizzazzjoni u l-ġestjoni ġenerali tas-sistemi ta' kontroll sanitarju u fitosanitarju fit-territorju tagħhom:

(a) kwalunkwe regola sanitarja jew fitosanitarja adottata jew proposta fit-territorju tagħhom;

(b) il-proċeduri ta' valutazzjoni tar-riskji, u l-fatturi li jitqiesu għall-valutazzjoni tar-riskji u għad-determinazzjoni tal-livell adegwat ta' protezzjoni sanitarja jew fitosanitarja;

(c) kwalunkwe proċedura u mekkaniżmu ta' kontroll u spezzjoni, inkluż, fejn rilevanti, fuq annimali u oġġetti li jaslu minn pajjiżi terzi oħra;

(d) mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni uffiċjali;

(e) fejn xieraq, kwalunkwe miżura meħuda wara r-rakkomandazzjonijiet previsti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 122;

(f) fejn rilevanti, ir-riżultati ta' kontrolli mwettqa fuq annimali u oġġetti maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni; u

▼B

(g) fejn rilevanti, informazzjoni dwar bidliet li jkunu saru fl-istruttura u l-funzjonament ta' sistemi ta' kontroll adottati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti sanitarji jew fitosanitarji tal-Unjoni, jew rakkomandazzjoni previsti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 122.

2. It-talba għal informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun proporzjonata, u tqis in-natura tal-annimali u l-oġġetti li għandhom jiġu esportati lejn l-Unjoni, u s-sitwazzjoni fi, u l-istruttura speċifiċi ta', il-pajjiż terz.

Artikolu 126

Stabbiliment ta' kondizzjonijiet addizzjonali għad-dħul ta' annimali u oġġetti fl-Unjoni

1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 144 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tal-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rrispettati għad-dħul ta' annimali u oġġetti fl-Unjoni minn pajjiżi terzi, li huma meħtieġa biex jiżguraw li l-annimali u l-oġġetti jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), bl-eċċezzjoni tal-punti (d), (e), (g) u (h) tal-Artikolu 1(2), jew ma' rekwiżiti rikonoxxuti li tal-anqas ikunu ekwivalenti tagħhom.

2. Il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jidentifikaw l-annimali u l-oġġetti b'referenza għall-kodiċijiet tagħhom fin-Nomenklatura Magħquda, u jistgħu jinkludu:

(a) ir-rekwiżit li ċerti annimali u oġġetti għandhom jidħlu fl-Unjoni biss minn pajjiż terz jew reġjun ta' dak il-pajjiż terz li jidher f'lista mfassla mill-Kummissjoni għal dan il-għan;

(b) ir-rekwiżit li kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti minn pajjiżi terzi jintbagħtu minn, u jinkisbu jew jitħejjew fi, stabbilimenti li jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti msemmija fil-paragrafu 1, jew ma' rekwiżiti rikonoxxuti li tal-anqas ikunu ekwivalenti tagħhom;

(c) ir-rekwiżit li mal-kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti jkun hemm ċertifikat uffiċjali, attestazzjoni uffiċjali, jew kwalunkwe evidenza oħra li l-kunsinni jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti msemmija fil-paragrafu 1, jew ma' rekwiżiti rikonoxxuti li tal-anqas ikunu ekwivalenti tagħhom, inklużi r-riżultati tal-analiżi mwettqa minn laboratorju akkreditat;

(d) l-obbligu li tiġi pprovduta l-evidenza msemmija fil-punt (c), f'format speċifiku;

(e) kwalunkwe rekwiżit ieħor meħtieġ biex jiżgura li ċerti annimali u oġġetti joffru livell ta' protezzjoni tas-saħħa u, fir-rigward tal-OĠM, tal-ambjent, ekwivalenti għal-livell żgurat mir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1.

3. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistipula regoli dwar il-format u t-tip ta' ċertifikati uffiċjali, attestazzjonijiet uffiċjali, jew evidenza meħtieġa f'konformità mar-regoli previsti fil-punt (c) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

▼B

Artikolu 127

Inklużjoni fil-lista ta' pajjiżi terzi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 126(2)

1. L-inklużjoni ta' pajjiż terz jew reġjun tiegħu fil-lista msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 126(2) għandha ssir f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

2. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tapprova t-talba mibgħuta lilha għall-għan imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu mill-pajjiż terz ikkonċernat, flimkien ma' evidenza xierqa, u garanziji li l-annimali u l-oġġetti kkonċernati minn dak il-pajjiż terz jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti msemmija fl-Artikolu 126(1) jew rekwiżiti ekwivalenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati u aġġornati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

3. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar it-talba msemmija fil-paragrafu 2 filwaqt li tqis, kif ikun xieraq:

(a) il-leġislazzjoni tal-pajjiż terz fis-settur ikkonċernat;

(b) l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz u s-servizzi ta' kontroll tiegħu, is-setgħat disponibbli għalihom, il-garanziji li jistgħu jingħataw fir-rigward tal-applikazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni tal-pajjiż terz applikabbli għas-settur ikkonċernat, u l-affidabbiltà tal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni uffiċjali;

(c) it-twettiq mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ta' kontrolli uffiċjali adegwati u attivitajiet oħra biex jivvalutaw il-preżenza ta' perikli għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali, u fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ukoll għall-ambjent;

(d) ir-regolarità u r-rapidità tal-informazzjoni pprovduta mill-pajjiż terz dwar il-preżenza ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali, jew fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ukoll għall-ambjent;

(e) il-garanziji mogħtija mill-pajjiż terz li:

(i) il-kondizzjonijiet applikati għall-istabbilimenti li minnhom annimali jew oġġetti jiġu esportati lejn l-Unjoni jikkonformaw ma' rekwiżiti li huma ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 126(1);

(ii) lista tal-istabbilimenti msemmija fil-punt (i) titfassal u tinżamm aġġornata;

(iii) il-lista tal-istabbilimenti msemmija fil-punt (i) u l-aġġornamenti tagħha jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni mingħajr dewmien;

(iv) l-istabbilimenti msemmija fil-punt (i) huma soġġetti għal kontrolli regolari u effettivi mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz;

(f) is-sejbiet tal-kontrolli mwettqa mill-esperti tal-Kummissjoni fil-pajjiż terz f'konformità mal-Artikolu 120(1);

▼B

(g) kull informazzjoni jew data oħra dwar il-kapaċità tal-pajjiż terz biex jiżgura li jidħlu fl-Unjoni biss annimali u oġġetti li jipprovdu l-istess livell, jew livell ekwivalenti, ta' protezzjoni bħal-livell mogħti mir-rekwiżiti rilevanti msemmija fl-Artikolu 126(1).

4. Il-Kummissjoni għandha tħassar ir-referenza għal pajjiż terz jew reġjun ta' pajjiż terz mil-lista msemmija fl-Artikolu 126(2)(a) meta l-kondizzjonijiet għall-inklużjoni fil-lista ma jibqgħux jiġu sodisfatti. Għandha tapplika l-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 128

Miżuri speċjali fir-rigward tad-dħul ta' ċerti annimali u oġġetti fl-Unjoni

1. Fejn, f'każijiet differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u fl-Artikolu 249 tar-Regolament (UE) Nru 2016/249, ikun hemm evidenza li d-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u prodotti li joriġinaw minn pajjiż terz, reġjun tiegħu jew grupp ta' pajjiżi terzi, jista' jkun ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, jew fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għall-ambjent, jew fejn ikun hemm evidenza li aktarx tkun qiegħda ssir nonkonformità serja u mifruxa mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tadotta l-miżuri meħtieġa biex trażżan tali riskju, jew biex twaqqaf u ttemm in-nonkonformità identifikata. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2) ta' dan ir-Regolament.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jidentifikaw l-annimali u l-oġġetti b'referenza għall-kodiċijiet tagħhom fin-Nomenklatura Magħquda, u jistgħu jinkludu:

(a) il-projbizzjoni tad-dħul tal-annimali u l-oġġetti fl-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 li joriġinaw jew jintbagħtu mill-pajjiżi terzi kkonċernati jew minn reġjuni tagħhom;

(b) ir-rekwiżit li l-annimali u l-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 li joriġinaw jew jintbagħtu minn ċerti pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom ikunu soġġetti, qabel ma jintbagħtu, għal ċertu trattament speċifiku jew ċerti kontrolli speċifiċi;

(c) ir-rekwiżit li l-annimali u l-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 li joriġinaw jew jintbagħtu minn ċerti pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom ikunu soġġetti, malli jidħlu fl-Unjoni, għal ċertu trattament speċifiku jew ċerti kontrolli speċifiċi;

(d) ir-rekwiżit li kunsinni tal-annimali u l-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li joriġinaw jew jintbagħtu minn ċerti pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom ikollhom magħhom ċertifikat uffiċjali, attestazzjoni uffiċjali, jew kwalunkwe evidenza oħra li l-kunsinna tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti bir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), jew ma' rekwiżiti rikonoxxuti li tal-anqas ikunu ekwivalenti tagħhom;

(e) ir-rekwiżit li tiġi pprovduta l-evidenza msemmija fil-punt (d), f'format speċifiku;

(f) miżuri oħra meħtieġa biex jitrażżan ir-riskju.

▼B

3. Meta jiġu adottati l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2, għandhom jitqiesu:

(a) l-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikolu 125;

(b) kwalunkwe informazzjoni oħra pprovduta mill-pajjiżi terzi kkonċernati; u

(c) fejn meħtieġ, ir-riżultati tal-kontrolli tal-Kummissjoni previsti fl-Artikolu 120(1).

4. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati marbuta mas-saħħa tal-bniedem, mas-saħħa tal-annimali, jew fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ukoll mal-protezzjoni tal-ambjent, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 145(3).

Artikolu 129

Ekwivalenza

1. Fl-oqsma regolati bir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), bl-esklużjoni tal-Artikolu 1(2)(d), (e), (g) u (h), il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tirrikonoxxi li miżuri applikati f'pajjiż terz, jew f'reġjuni tiegħu, huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stipulati f'dawk ir-regoli, abbażi ta':

(a) eżami eżawrjenti tal-informazzjoni u d-data pprovduta mill-pajjiż terz ikkonċernat, skont l-Artikolu 125(1); u

(b) fejn xieraq, l-eżitu sodisfaċenti ta' kontroll imwettaq f'konformità mal-Artikolu 120(1).

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jistipulaw l-arranġamenti prattiċi għad-dħul ta' annimali u oġġetti fl-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat, jew reġjuni tiegħu, u jistgħu jinkludu:

(a) in-natura u l-kontenut taċ-ċertifikati jew attestazzjonijiet uffiċjali li l-annimali jew l-oġġetti għandu jkollhom magħhom;

(b) rekwiżiti speċifiċi applikabbli għad-dħul tal-annimali jew l-oġġetti fl-Unjoni, u għall-kontrolli uffiċjali li għandhom isiru malli jidħlu fl-Unjoni;

(c) fejn meħtieġ, proċeduri għat-tfassil u l-emendar ta' listi ta' reġjuni jew stabbilimenti fil-pajjiż terz ikkonċernat li minnhom huwa permess id-dħul ta' annimali u oġġetti fl-Unjoni.

3. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tirrevoka, mingħajr dewmien, l-atti ta' implimentazzjoni previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta ma tibqax tintlaħaq kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-ekwivalenza. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

▼B

KAPITOLU III

Taħriġ tal-persunal tal-awtoritajiet kompetenti u ta' awtoritajiet oħra

Artikolu 130

Taħriġ u skambju tal-persunal tal-awtoritajiet kompetenti

1. Il-Kummissjoni tista' torganizza attivitajiet ta' taħriġ għall-persunal tal-awtoritajiet kompetenti, u fejn xieraq, għall-persunal ta' awtoritajiet oħra tal-Istati Membri, involut fl-investigazzjonijiet ta' ksur possibbli ta' dan ir-Regolament, u tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2).

Il-Kummissjoni għandha torganizza dawk l-attivitajiet f'kooperazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati.

2. L-attivitajiet ta' taħriġ imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' approċċ armonizzat lejn il-kontrolli uffiċjali u lejn attivitajiet uffiċjali oħra fl-Istati Membri. Għandhom jinkludu, kif ikun xieraq, taħriġ dwar:

(a) dan ir-Regolament, u r-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2);

(b) il-metodi u t-tekniki ta' kontroll rilevanti għall-kontrolli uffiċjali u għall-attivitajiet uffiċjali l-oħra tal-awtoritajiet kompetenti;

(c) metodi u tekniki ta' produzzjoni, ipproċessar u kummerċjalizzazzjoni.

3. L-attivitajiet ta' taħriġ imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu miftuħin għall-persunal tal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi, u jistgħu jiġu organizzati barra mill-Unjoni.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-għarfien miksub permezz tal-attivitajiet ta' taħriġ imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinxtered kif meħtieġ, u jintuża kif xieraq fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-persunal imsemmija fl-Artikolu 5(4).

Attivitajiet ta' taħriġ maħsuba biex jinxtered tali għarfien għandhom jiġu inklużi fil-programmi ta' taħriġ imsemmija fl-Artikolu 5(4).

5. Il-Kummissjoni tista' torganizza, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, programmi għall-iskambju ta' persunal tal-awtoritajiet kompetenti li jwettaq kontrolli uffiċjali jew attivitajiet uffiċjali oħra, bejn żewġ Stati Membri jew aktar.

Tali skambju jista' jsir permezz tal-issekondar temporanju ta' persunal tal-awtoritajiet kompetenti, minn Stat Membru għal ieħor, jew permezz tal-iskambju ta' tali persunal bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

6. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistipula regoli dwar l-organizzazzjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ imsemmija fil-paragrafu 1 u tal-programmi msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

▼B

KAPITOLU IV

Sistemi ta' ġestjoni tal-informazzjoni

Artikolu 131

Sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali (IMSOC)

1. Il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, għandha tistabbilixxi u tiġġestixxi sistema kompjuterizzata ta' ġestjoni tal-informazzjoni għal kontrolli uffiċjali (IMSOC) għall-operat integrat tal-mekkaniżmi u l-għodod li permezz tagħhom data, informazzjoni u dokumenti dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra jiġu ġestiti, trattati, u skambjati awtomatikament.

2. L-ipproċessar ta' data personali mill-Istati Membri u l-Kummissjoni permezz tal-IMSOC u kwalunkwe komponent tagħha għandu jsir biss għall-fini li jitwettqu kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra f'konformità ma' dan ir-Regolament u mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2).

Artikolu 132

Funzjonalitajiet ġenerali tal-IMSOC

L-IMSOC għandha:

(a) tippermetti t-trattament u l-iskambju kompjuterizzat tal-informazzjoni, id-data u d-dokumenti meħtieġa għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali, li jirriżultaw mit-twettiq ta' kontrolli uffiċjali, jew mir-reġistrazzjoni tat-twettiq jew l-eżitu ta' kontrolli uffiċjali, fil-każijiet kollha meta dan ir-Regolament, ir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) jew l-atti ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikoli 16 sa 27 jippreveduu l-iskambju fost l-awtoritajiet kompetenti, bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni, u fejn xieraq, ma' awtoritajiet oħra u l-operaturi, ta' tali informazzjoni, data u dokumenti;

(b) tipprovdi mekkaniżmu għall-iskambju ta' data, informazzjoni u dokumenti f'konformità mal-Artikoli 102 sa 108;

(c) tipprovdi għodda għall-ġbir u l-ġestjoni tar-rapporti dwar il-kontrolli uffiċjali li l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni;

(d) tippermetti l-produzzjoni, it-trattament u t-trasmissjoni, inkluż f'forma elettronika, tal-ktieb tal-vjaġġ imsemmi fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, tar-rekords miksubin mis-sistema ta' navigazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(9) ta' dak ir-Regolament, u taċ-CHED imsemmi fl-Artikolu 56 ta' dan ir-Regolament; u

(e) tintegra s-sistemi kompjuterizzati eżistenti ġestiti mill-Kummissjoni u użati għall-iskambju rapidu ta' data, informazzjoni u dokumenti rigward ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa u t-trattament

▼B

xieraq tal-annimali, u għas-saħħa tal-pjanti, kif stabbilit mill-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/429 u l-Artikolu 103 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u tipprovdi rabtiet xierqa bejn dawk is-sistemi u l-komponenti l-oħrajn tagħha.

Artikolu 133

Użu tal-IMSOC fil-każ ta' annimali u oġġetti soġġetti għal ċerti kontrolli uffiċjali

1. Fil-każ ta' annimali jew oġġetti li l-movimenti tagħhom fl-Unjoni, jew it-tqegħid tagħhom fis-suq, huma soġġetti għal rekwiżiti jew proċeduri speċifiċi stabbiliti bir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), l-IMSOC għandha tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti fil-post li minnu tintbagħat il-kunsinna u lil awtoritajiet kompetenti oħra responsabbli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq dawk l-annimali jew oġġetti, li jiskambjaw f'ħin reali data, informazzjoni u dokumenti rigward l-annimali jew l-oġġetti li jkunu qed jiġu ttrasportati minn Stat Membru għal ieħor, u rigward il-kontrolli uffiċjali mwettqa.

L-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux japplika għal oġġetti soġġetti għar-regoli msemmija fil-punti (g) u (h) tal-Artikolu 1(2).

2. Fil-każ ta' annimali u oġġetti esportati, li għalihom japplikaw regoli tal-Unjoni rigward il-ħruġ taċ-ċertifikat ta' esportazzjoni, l-IMSOC għandha tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-post li minnu tintbagħat il-kunsinna u lil awtoritajiet kompetenti oħra responsabbli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali, li jiskambjaw f'ħin reali data, informazzjoni u dokumenti dwar tali annimali u oġġetti, kif ukoll ir-riżultat ta' kontrolli mwettqa fuq dawk l-annimali jew oġġetti.

3. F'każ ta' annimali jew oġġetti soġġetti għall-kontrolli uffiċjali msemmija fl-Artikoli 44 sa 64, l-IMSOC għandha:

(a) tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u lil awtoritajiet kompetenti oħra responabbli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq dawk l-annimali jew oġġetti, li jiskambjaw f'ħin reali data, informazzjoni u dokumenti dwar dawk l-annimali u oġġetti, u dwar il-kontrolli mwettqa fuq l-istess annimali jew oġġetti;

(b) tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera li jikkondividu u jiskambjaw data, informazzjoni u dokumenti rilevanti ma' awtoritajiet doganali u ma' awtoritajiet oħra responsabbli għat-twettiq ta' kontrolli fuq annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi, kif ukoll ma' operaturi involuti fil-proċeduri ta' dħul, f'konformità mar-regoli adottati skont l-Artikoli 15(4) u 75(2), u ma' regoli rilevanti oħra tal-Unjoni; u

(c) tappoġġa u topera l-proċeduri msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 54(2) u fl-Artikolu 65(6).

4. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, l-IMSOC għandha tiġi integrata fis-sistema eżistenti Traces.

▼B

Artikolu 134

Il-funzjonament tal-IMSOC

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjonigħall-funzjonament tal-IMSOC li jistipulaw:

(a) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-IMSOC u l-komponenti tas-sistema tagħha, inkluż il-mekkaniżmu ta' skambju elettroniku ta' data għall-iskambji ma' sistemi nazzjonali eżistenti, l-identifikazzjoni ta' standards applikabbli, id-definizzjoni ta' strutturi ta' messaġġi, dizzjunarji tad-data, skambju ta' protokolli u proċeduri;

(b) ir-regoli speċifiċi għall-funzjonament tal-IMSOC u tal-komponenti tas-sistema tagħha sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data personali u s-sikurezza tal-iskambju ta' informazzjoni;

(c) ir-regoli speċifiċi għall-funzjonament u l-użu tal-IMSOC u tal-komponenti tagħha, inklużi r-regoli biex jiġu aġġornati u jinħolqu r-rabtiet meħtieġa bejn is-sistemi msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 132 u fl-Artikolu 133(4); u

(d) l-arranġamenti ta' kontinġenza li għandhom jiġu applikati f'każ ta' indisponibbiltà ta' kwalunkwe funzjonalità tal-IMSOC;

(e) il-każijiet fejn, u l-kondizzjonijiet li taħthom, il-pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali kkonċernati jistgħu jingħataw aċċess parzjali għall-funzjonalitajiet tal-IMSOC u l-arranġamenti prattiċi ta' tali aċċess;

(f) il-każijiet fejn, u l-kondizzjonijiet li taħthom, id-data, l-informazzjoni u d-dokumenti għandhom jintbagħtu permezz tal-IMSOC;

(g) ir-regoli dwar sistema elettronika li biha ċ-ċertifikati elettroniċi maħruġin mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti; u

(h) il-każijiet fejn, u l-kondizzjonijiet li fihom, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-użu tal-IMSOC lil utenti okkażjonali.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

Artikolu 135

Protezzjoni tad-data

▼C1

1. Id-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] għandhom japplikaw sakemm l-informazzjoni pproċessata permezz tal-IMSOC ikun fiha data personali kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tad- Direttiva 95/46/KE u fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

[1] Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir- rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

▼B

2. Fir-rigward tar-responsabbiltajiet tagħhom li jibagħtu l-informazzjoni rilevanti lill-IMSOC u l-ipproċessar ta' kwalunkwe data personali li tista' tirriżulta minn din l-attività, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jitqiesu bħala kontrolluri kif definit fil-punt (d) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 95/46/KE.

3. Fir-rigward tar-responsabbiltà tagħha għall-ġestjoni tal-IMSOC u l-ipproċessar ta' kwalunkwe data personali li tista' tirriżulta minn dik l-attività, il-Kummissjoni għandha titqies bħala kontrollur kif definit fil-punt (d) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

4. L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu d-drittijiet u l-obbligi msemmija fl-Artikolu 6(1), l-Artikolu 10, l-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 12 tad-Direttiva 95/46/KE kif meħtieġ biex jipproteġu l-interess imsemmi fil-punti (d) u (f) tal-Artikolu 13(1) ta' dik id-Direttiva.

5. Il-Kummissjoni tista' tirrestrinġi d-drittijiet u l-obbligi msemmija fl-Artikolu 4(1), l-Artikolu 11, l-Artikolu 12(1) u l-Artikoli 13 sa 17 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, meta tali restrizzjoni tikkostitwixxi miżura meħtieġa biex jiġu protetti l-interessi msemmija fil-punti (a) u (e) tal-Artikolu 20(1) ta' dak ir-Regolament matul il-perijodu li fih ikunu qed jiġu ppjanati jew ikunu qed jittieħdu azzjonijiet biex tiġi vverifikata l-konformità mal-liġi dwar l-ikel jew l-għalf jew biex jiġi żgurat l-infurzar tal-liġi dwar l-ikel jew l-għalf fil-każ speċifiku li miegħu tkun marbuta l-informazzjoni.

Artikolu 136

Sigurtà tad-data

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-IMSOC tkun konformi mar-regoli dwar is-sigurtà tad-data adottati mill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 rispettivament.

TITOLU VII

AZZJONI TA' INFURZAR

KAPITOLU I

Azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u penali

Artikolu 137

Obbligi ġenerali tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' azzjoni ta' infurzar

1. Meta jaġixxu f'konformità ma' dan il-Kapitolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu prijorità lil azzjoni li għandha tittieħed biex jitneħħew jew jitrażżnu r-riskji għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali jew, fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ukoll għall-ambjent.

2. F'każ ta' suspett ta' nonkonformità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu investigazzjoni sabiex jikkonfermaw jew ineħħu dak is-suspett.

▼B

3. Fejn meħtieġ, l-azzjonijiet meħuda f'konformità mal-paragrafu 2 għandhom jinkludu:

(a) it-twettiq ta' kontrolli uffiċjali intensifikati fuq annimali, oġġetti u operaturi għal perijodu xieraq;

(b) id-detenzjoni uffiċjali ta' annimali u oġġetti, kif ukoll ta' kwalunkwe sustanza jew prodott mhux awtorizzati, kif ikun xieraq.

Artikolu 138

Azzjonijiet f'każ ta' nonkonformità stabbilita

1. Fejn tiġi stabbilita nonkonformità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu:

(a) kwalunkwe azzjoni meħtieġa biex jiddeterminaw l-oriġini u l-livell tan-nonkonformità, u biex jistabbilixxu r-responsabbiltajiet tal-operatur; u

(b) miżuri xierqa biex jiżguraw li l-operatur ikkonċernat jirrimedja n-nonkonformità u jipprevjeni r-ripetizzjoni tat-tali nonkonformità.

Meta jiġu biex jiddeċiedu l-miżuri li għandhom jittieħdu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu n-natura ta' dik in-nonkonformità u r-rekord tal-operatur fir-rigward tal-konformità.

2. Meta jaġixxu f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kwalunkwe miżura li jqisu li tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), inklużi, iżda mhux limitatament għal, dawn li ġejjin:

(a) jordnaw jew iwettqu trattamenti fuq l-annimali;

(b) jordnaw il-ħatt, it-trasferiment għal mezz ieħor ta' trasport, iż-żamma u l-kura tal-annimali, perijodi ta' kwarantina, il-posponiment tal-qtil tal-annimali, u, jekk ikun meħtieġ, jordnaw l-ingaġġ ta' assistenza veterinarja;

(c) jordnaw trattamenti fuq l-oġġetti, l-alterazzjoni tat-tikketti, jew informazzjoni korrettiva li għandha tiġi pprovduta lill-konsumaturi;

(d) jillimitaw jew jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq, il-moviment, id-dħul fl-Unjoni jew l-esportazzjoni ta' annimali u oġġetti; u jipprojbixxu r-ritorn tagħhom lejn l-Istat Membru li minnhom ikunu ntbagħtu, jew jordnaw ir-ritorn tagħhom lejn l-Istat Membru li minnhom intbagħtu;

(e) jordnaw li l-operatur iżid il-frekwenza tal-kontrolli tiegħu stess;

(f) jordnaw li ċerti attivitajiet tal-operatur ikkonċernat ikunu soġġetti għal kontrolli uffiċjali miżjuda jew sistematiċi;

(g) jordnaw is-sejħa lura, l-irtirar, it-tneħħija jew il-qerda tal-oġġetti, filwaqt li jawtorizzaw, fejn xieraq, l-użu tal-oġġetti għal finijiet differenti minn dawk li għalihom kienu intiżi oriġinarjament;

(h) jordnaw l-iżolament jew l-għeluq, għal perijodu xieraq ta' żmien, tan-negozju kollu, jew parti min-negozju, tal-operatur ikkonċernat, jew tal-istabbilimenti, l-azjendi jew proprjetà oħra tiegħu;

▼B

(i) jordnaw il-waqfien, għal perijodu ta' żmien xieraq, tal-attivitajiet kollha, jew parti mill-attivitajiet, tal-operatur ikkonċernat, u fejn rilevanti, tas-siti elettroniċi li l-operatur jopera jew juża;

(j) jordnaw is-sospensjoni jew l-irtirar tar-reġistrazzjoni jew l-approvazzjoni tal-istabbiliment, l-impjant, l-azjenda jew il-mezz ta' trasport ikkonċernati, tal-awtorizzazzjoni ta' trasportatur jew taċ-ċertifikat ta' kompetenza tax-xufier;

(k) jordnaw il-qtil tal-annimali, dejjem jekk dan ikun l-aktar miżura xierqa biex tissalvagwardja s-saħħa tal-bniedem u s-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-operatur ikkonċernat, jew lir-rappreżentant tiegħu:

(a) notifika bil-miktub tad-deċiżjoni tagħhom rigward l-azzjoni jew il-miżura li għandha tittieħed f'konformità mal-paragrafi 1 u 2, flimkien mar-raġunijiet għal tali deċiżjoni; u,

(b) informazzjoni dwar kwalunkwe dritt ta' appell kontra tali deċiżjonijiet, jew dwar il-proċedura u l-limiti ta' żmien applikabbli fir-rigward ta' tali dritt ta' appell.

4. Kull nefqa mġarrba taħt dan l-Artikolu għandha titħallas mill-operaturi responsabbli.

5. L-awtoritajiet kompetenti, fil-każ ta' ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali foloz jew qarrieqa jew fil-każ ta' abbuż ta' ċertifikati uffiċjali għandhom jieħdu miżuri xierqa, inkluż:

(a) is-sospensjoni temporanja tal-uffiċjal ta' ċertifikazzjoni mill-kompiti tiegħu;

(b) l-irtirar tal-awtorizzazzjoni għall-iffirmar ta' ċertifikati uffiċjali;

(c) kwalunkwe miżura oħra li tipprevjeni li r-reati msemmija fl-Artikolu 89(2) jiġu ripetuti.

Artikolu 139

Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, sal-14 ta' Diċembru 2019, jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pieni finanzjarji għall-ksur ta' dan ir-Regolament u tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), imwettaq permezz ta' prattiki frodulenti jew qarrieqa, jirriflettu, f'konformità malliġi nazzjonali, mill-inqas il-vantaġġ ekonomiku għall-operatur jew, kif xieraq, persentaġġ tal-fatturat tal-operatur.

▼B

Artikolu 140

Rappurtar ta' ksur

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom mekkaniżmi effettivi li jippermettu r-rappurtar tal-ksur attwali jew potenzjali ta' dan ir-Regolament.

2. Il-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu mill-inqas:

(a) proċeduri għar-riċevuta ta' rapporti ta' ksur u s-segwitu tagħhom;

(b) protezzjoni xierqa għall-persuni li jirrapportaw ksur minn ritaljazzjoni, diskriminazzjoni jew tipi oħra ta' trattament inġust; u,

(c) protezzjoni tad-data personali tal-persuna li tirrapporta ksur f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali.

KAPITOLU II

Miżuri ta' infurzar tal-Unjoni

Artikolu 141

Tfixkil serju tas-sistema ta' kontroll ta' Stat Membru

1. Fejn il-Kummissjoni jkollha evidenza ta' tfixkil serju ta' sistema ta' kontroll ta' Stat Membru u tali tfixkil jista' jikkostitwixxi riskju mifrux għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali, jew fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ukoll għall-ambjent, jew jista' jirriżulta fi ksur mifrux tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, miżura waħda jew aktar minn dawn li ġejjin, li għandhom jiġu applikati sakemm jitneħħa tali tfixkil:

(a) il-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq jew tat-trasport, il-moviment jew trattament ieħor ta' ċerti annimali jew oġġetti kkonċernati mit-tfixkil tas-sistema ta' kontroll;

(b) kondizzjonijiet speċjali għall-attivitajiet, l-annimali jew l-oġġetti msemmija fil-punt (a);

(c) is-sospensjoni tat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera jew f'punti ta' kontroll oħra kkonċernati mit-tfixkil tas-sistema ta' kontroll uffiċjali, jew l-irtirar ta' tali postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera jew punti ta' kontroll oħra;

(d) miżuri temporanji oħra xierqa, meħtieġa biex irażżnu dak ir-riskju, sakemm jitneħħa t-tfixkil tas-sistema ta' kontroll.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati biss fejn l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx irranġa s-sitwazzjoni fuq talba tal-Kummissjoni u fil-limitu ta' żmien xieraq stipulat mill-Kummissjoni.

▼B

3. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati marbuta mas-saħħa tal-bniedem, mas-saħħa tal-annimali, jew fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, anke mal-protezzjoni tal-ambjent, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 145(3).

TITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet proċedurali

Artikolu 142

Emendar tal-Annessi u tar-referenzi għal standards Ewropej

1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jemendaw dan ir-Regolament fir-rigward ta' emendi għall-Annessi II u III, sabiex jitqiesu l-bidliet fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), il-progress tekniku, u l-iżviluppi xjentifiċi.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jemendaw dan ir-Regolament fir-rigward tar-referenzi għall-istandards Ewropej imsemmija fl-Artikolu 29(b)(iv), l-Artikolu 37(4)(e) u l-Artikolu 93(3)(a) fil-każ li s-CEN jemenda dawk l-istandards.

Artikolu 143

Protezzjoni tad-data

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-Direttiva 95/46/KE għall-ipproċessar ta' data personali li jsir fl-Istati Membri skont dan ir-Regolament.

2. Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 għandu japplika għall-ipproċessar ta' data personali li jsir mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.

Artikolu 144

Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 18(7) u 21(8), l-Artikolu 41, l-Artikoli 45(4) u 47(3), l-Artikolu 48, l-Artikolu 50(4), l-Artikolu 51, u l-Artikoli 53(1), 62(3), 64(2) u (5), 77(1) u (2), 92(4), 99(2), 100(6), 101(2), 126(1), 142(1) u (2), 149(2), 150(3), 154(3),155(3) u 165(3) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta'

▼B

ħames snin mit-28 ta' April 2017. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' tul identiku ta' żmien, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonax għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 18(7) u 21(8), l-Artikolu 41, l-Artikoli 45(4) u 47(3), l-Artikolu 48, l-Artikolu 50(4), l-Artikolu 51, u l-Artikoli 53(1), 62(3), 64(2) u (5), 77(1) u (2), 99(2), 100(6), 101(2), 126(1), 142(1) u (2), 149(2), 150(3), 154(3), 155(3) u 165(3) tista' tiġi rrevokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwax il-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru skont il- prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 18(7) u 21(8), l-Artikolu 41, l-Artikoli 45(4) u 47(3), l-Artikolu 48, l-Artikolu 50(4), l-Artikolu 51, u l-Artikoli 53(1), 62(3), 64(2) u (5), 77(1) u (2), 99(2), 100(6), 101(2), 126(1), 142(1) u (2), 149(2), 150(3), 154(3), 155(3) u 165(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dan il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 145

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf stabbilit bl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, ħlief fir-rigward tal-Artikoli 25 u 26 ta' dan ir-Regolament li għalihom il-Kummissjoni għandha tkun

▼B

assistita, rispettivament, mill-Kumitati stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1151/2012. Dawk il-kumitati għandhom ikunu kumitati fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

KAPITOLU II

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali u finali

Artikolu 146

Tħassir

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004, id-Direttivi 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni 92/438/KEE jitħassru b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019.

2. Ir-referenzi għall-atti mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabelli ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

Artikolu 147

Rabta mar-Regolament (KE) Nru 882/2004

L-għażla ta' kull laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea msemmi fl-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 882/2004 għandha tibqa' fis-seħħ sakemm jintgħażel laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea fl-istess qasam skont l-Artikolu 93 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 148

Rabta mar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004 dwar l-approvazzjoni ta' stabbilimenti kummerċjali tal-ikel

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu proċeduri li l-operaturi kummerċjali tal-ikel għandhom isegwu meta japplikaw għall-approvazzjoni tal-istabbilimenti tagħhom f'konformità mar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004.

2. Malli tirċievi applikazzjoni għall-approvazzjoni minn operatur kummerċjali tal-ikel, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel żjara fuq il-post.

3. L-awtorità kompetenti għandha tapprova stabbiliment għall-attivitajiet ikkonċernati fil-każ biss li l-operatur kummerċjali tal-ikel ikun wera li jikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti tal-liġi dwar l-ikel.

▼B

4. L-awtorità kompetenti tista' tagħti approvazzjoni kondizzjonali jekk ikun jidher li l-istabbiliment jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-infrastruttura u t-tagħmir. Hija għandha tagħti approvazzjoni sħiħa fil-każ biss li jkun jidher minn kontroll uffiċjali ġdid fl-istabbiliment, imwettaq fi żmien tliet xhur mill-għoti tal-approvazzjoni kondizzjonali, li l-istabbiliment jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti l-oħra tal-liġi dwar l-ikel. Jekk ikun sar progress ċar iżda l-istabbiliment ikun għadu ma jissodisfax ir-rekwiżiti rilevanti kollha, l-awtorità kompetenti tista' ttawwal l-approvazzjoni kondizzjonali. Madankollu, l-approvazzjoni kondizzjonali ma għandhiex taqbeż it-total ta' sitt xhur, ħlief fil-każ ta' bastimenti fabbrika u friża li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri, li għalihom tali approvazzjoni kondizzjonali ma għandhiex taqbeż it-total ta' 12-il xahar.

5. L-awtorità kompetenti għandha żżomm l-approvazzjoni ta' stabbilimenti taħt rieżami meta twettaq kontrolli uffiċjali.

Artikolu 149

Miżuri tranżizzjonali b'rabta mat-tħassir tad-Direttivi 91/496/KEE u 97/78/KE

1. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi 91/496/KEE u 97/78/KE li jirregolaw il-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 47(2), l-Artikolu 48, il-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 51(1), il-punt (a) tal-Artikolu 53(1), l-Artikolu 54(1) u (3), u il-punt (a) tal-Artikolu 58 ta' dan ir-Regolament għandhom jibqgħu japplikaw minflok id-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' dan ir-Regolament sal-14 ta' Diċembru 2022 jew data qabilha li għandha tiġi ddeterminata fl-att delegat adottat f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jemendaw dan ir-Regolament fir-rigward tad-data msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dik id-data għandha tkun id-data tal-applikazzjoni tar-regoli korrispondenti li għandhom jiġu stabbiliti skont l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikolu 47(2), l-Artikolu 48, il-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 51(1), il-punt (a) tal-Artikolu 53(1), l-Artikolu 54(1) u (3), u l-punt (a) tal-Artikolu 58.

Artikolu 150

Miżuri tranżizzjonali b'rabta mat-tħassir tad-Direttiva 96/23/KE

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jibqgħu jwettqu l-kontrolli uffiċjali meħtieġa biex jidentifikaw il-preżenza tas-sustanzi u l-gruppi ta' residwi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 96/23/KE, f'konformità mal-Annessi II, III u IV ta' dik id-Direttiva, minflok id-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' dan ir-Regolament, sal-14 ta' Diċembru 2022 jew data qabilha li għandha tiġi ddeterminata fl-att delegat adottat f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

2. L-Artikolu 29(1) u (2) tad-Direttiva 96/23/KE għandu jibqa' japplika minflok id-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' dan ir-Regolament sal-14 ta' Diċembru 2022 jew data qabilha li għandha tiġi ddeterminata fl-att delegat adottat f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

▼B

3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jemendaw dan ir-Regolament fir-rigward tad-data ta' qabel imsemmija fil-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Dik id-data għandha tkun id-data tal-applikazzjoni tar-regoli korrispondenti li għandha tiġi stabbilita skont l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikoli 19 u 112.

Artikolu 151

Emendi għad-Direttiva 98/58/KE

Id-Direttiva 98/58/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. 'awtoritajiet kompetenti' tfisser awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (►C1 ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1 ◄).";

(2) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 1;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal- 31 ta' Awwissu ta' kull sena, rapport annwali għas-sena ta' qabel, dwar l-ispezzjonijiet li jkunu saru mill-awtoritajiet kompetenti biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Mar-rapport għandu jkun hemm analiżi tal-aktar sejbiet serji ta' nonkonformità, u pjan ta' azzjoni nazzjonali biex jipprevjeni jew inaqqas l-okkorrenza tagħhom għas-snin ta' wara. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta sommarji ta' dawk ir-rapporti lill-Istati Membri";

(c) jitħassar il-punt (a) tal-paragrafu 3;

(3) jitħassar l-Artikolu 7.

Artikolu 152

Emendi għad-Direttiva 1999/74/KE

Id-Direttiva 1999/74/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 1;

▼B

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, rapport annwali għas-sena ta' qabel, dwar l-ispezzjonijiet li jkunu saru mill-awtoritajiet kompetenti biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Mar-rapport għandu jkun hemm analiżi tal-aktar sejbiet serji ta' nonkonformità, u pjan ta' azzjoni nazzjonali biex jipprevjeni jew inaqqas l-okkorrenza tagħhom għas-snin ta' wara. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta sommarji ta' dawn ir-rapporti lill-Istati Membri.";

(c) jitħassar il-punt (a) tal-paragrafu 3;

(2) jitħassar l-Artikolu 9.

Artikolu 153

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 999/2001

Ir-Regolament (UE) Nru 999/2001 huwa emendat kif ġej:

(1) jitħassru l-Artikoli 19 u 21;

(2) fl-Anness X, jitħassru l-Kapitoli A u B.

Artikolu 154

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1/2005 u miżuri tranżizzjonali relatati

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej;

"(d) 'post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera' tfisser post ta' kontroll fuq il-fruntiera kif definit fl-Artikolu 3(25) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (►C1 ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1 ◄)";

▼B

(b) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) 'awtorità kompetenti' tfisser awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄.";

(c) il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) 'punt ta' ħruġ' tfisser punt ta' ħruġ kif definit fl-Artikolu 3(39) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄.";

(d) il-punt (p) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(p) 'veterinarju uffiċjali' tfisser veterinarju uffiċjali kif definit fl-Artikolu 3(32) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄.".

(2) jitħassru l-Artikoli 14, 15, 16 u 21, l-Artikolu 22(2), u l-Artikoli 23, 24 u 26.

(3) l-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 1;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. 'L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, rapport annwali għassena ta' qabel, dwar l-ispezzjonijiet li jkunu saru mill-awtorità kompetenti biex tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Mar-rapport għandu jkun hemm analiżi tan-nuqqasijiet ewlenin identifikati, u pjan ta' azzjoni biex jindirizzahom.";

(4) jitħassar l-Artikolu 28.

2. L-Artikoli 14, 15, 16 u 21, l-Artikolu 22(2), u l-Artikoli 23, 24 u 26 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 għandhom jibqgħu japplikaw, minflok id-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' dan ir-Regolament sal-14 ta' Diċembru 2022 jew data qabilha li għandha tiġi ddeterminata fl-att delegat adottat f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jemendaw dan ir-Regolament fir-rigward tad-data msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dik id-data għandha tkun id-data tal-applikazzjoni tar-regoli korrispondenti li għandha tiġi stabbilita skont l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikolu 21.

Artikolu 155

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 396/2005 u miżuri tranżizzjonali relatati

1. Jitħassru l-Artikoli 26 u 27, l-Artikolu 28(1) u (2) u l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 396/2005.

▼B

2. L-Artikolu 26, l-Artikolu 27(1) u l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandhom jibqgħu japplikaw minflok id-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' dan ir-Regolament sal-14 ta' Diċembru 2022 jew data qabilha li għandha tiġi ddeterminata fl-att delegat adottat f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 biex jemendaw dan ir-Regolament fir-rigward tad-data msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dik id-data għandha tkun id-data tal-applikazzjoni tar-regoli korrispondenti li għandha tiġi stabbilita skont l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikolu 19.

Artikolu 156

Emendi għad-Direttiva 2007/43/KE

Id-Direttiva 2007/43/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(1) , il-punti (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(c) 'awtoritajiet kompetenti' tfisser awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament ►**C1** (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(d) 'veterinarju uffiċjali' tfisser veterinarju uffiċjali kif definit fl-Artikolu 3(32) tar-Regolament ►**C1** (UE) 2017/625 ◄;

(*) Regolament ►**C1** (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017… dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (►**C1** ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1 ◄)";

(2) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 1;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, rapport annwali għas-sena ta' qabel, dwar l-ispezzjonijiet li jkunu saru mill-awtoritajiet kompetenti biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti ta'

▼B

din id-Direttiva. Mar-rapport għandu jkun hemm analiżi tal-aktar sejbiet serji ta' nonkonformità u pjan ta' azzjoni nazzjonali biex jipprevjeni jew inaqqas l-okkorrenza tagħhom għas-snin ta' wara. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta sommarji ta' dawk ir-rapporti lill-Istati Membri.”.

Artikolu 157

Emendi għad-Direttiva 2008/119/KE

Id-Direttiva 2008/119/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2 , il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. ‘awtoritajiet kompetenti’ tfisser awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament ►**C1** (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Regolament ►**C1** (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (►**C1** ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1 ◄).”;

(2) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassru l-paragrafi 1 u 2;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, rapport annwali għas-sena ta' qabel, dwar l-ispezzjonijiet li jkunu saru mill-awtoritajiet kompetenti biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Mar-rapport għandu jkun hemm analiżi tal-aktar sejbiet serji ta' nonkonformità u pjan ta' azzjoni nazzjonali biex jipprevjeni jew inaqqas l-okkorrenza tagħhom għas-snin ta' wara. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta sommarji ta' dawk ir-rapporti lill-Istati Membri.”;

(3) jitħassar l-Artikolu 9.

▼B

Artikolu 158

Emendi għad-Direttiva 2008/120/KE

Id-Direttiva 2008/120/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-punt (10) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. 'awtoritajiet kompetenti' tfisser awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (►C1 ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1 ◄)";

(2) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassru l-paragrafi 1 u 2;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, rapport annwali għas-sena ta' qabel, dwar l-ispezzjonijiet li jkunu saru mill-awtoritajiet kompetenti biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Mar-rapport għandu jkun hemm analiżi tal-aktar sejbiet serji ta' nonkonformità, u pjan ta' azzjoni nazzjonali biex jipprevjeni jew inaqqas l-okkorrenza tagħhom għas-snin ta' wara. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta sommarji ta' dawk ir-rapporti lill-Istati Membri.";

(3) jitħassar l-Artikolu 10.

Artikolu 159

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1099/2009

Ir-Regolament (UE) Nru 1099/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-punt (q) huwa sostitwit b'dan li ġej:

▼B

"(q) 'awtoritajiet kompetenti' tfisser awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (►C1 ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1 ◄)";

(2) jitħassar l-Artikolu 22.

Artikolu 160

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1069/2009

Ir-Regolament (UE) Nru 1069/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (10) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(10) 'awtorità kompetenti' tfisser awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt (3) tal-Artikolu 3 tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (►C1 ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1 ◄)";

▼B

(b) il-punt (15) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(15) 'transitu' tfisser transitu kif definit fl-Artikolu 3(44) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄.";

(2) jitħassru l-Artikoli 45, 49 u 50.

Artikolu 161

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1107/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 68 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, rapport, għas-sena ta' qabel, dwar il-firxa u r-riżultati tal-kontrolli uffiċjali mwettqa biex jivverifikaw il-konformità ma' dan ir-Regolament.";

(b) jitħassru t-tieni u t-tielet paragrafi.

(2) jitħassar il-punt (n) tal-Artikolu 78(1).

Artikolu 162

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titlu huwa sostitwit b'dan li ġej: "Kontenut tal-kontrolli uffiċjali";

(b) jitħassru l-paragrafi 1 u 2;

(c) fil-paragrafu 3, il-frażi ta' introduzzjoni hija sostitwita b'dan li ġej:

"3. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa f'konformità mar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) għandhom ikopru:

(*) Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (►C1 ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1 ◄)";

▼B

(2) l-Artikolu 37 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fir-rigward tad-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti, l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti li jindikaw prodotti li joriġinaw fl-Unjoni, il-verifika tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, qabel ma l-prodott jitqiegħed fis-suq, għandha ssir minn:

(a) l-awtoritajiet kompetenti magħżula f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄; jew

(b) korpi delegati kif definiti fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄.";

(b) fil-paragrafu 3, jitħassar l-ewwel subparagrafu;

(c) fil-paragrafu 4, il-kliem "il-paragrafi 1 u 2" huma sostitwiti bil-kliem: "il-paragrafu 2";

(3) jitħassar l-Artikolu 38;

(4) l-Artikolu 39 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 39

Korpi delegati li jwettqu kontrolli f'pajjiżi terzi

Il-korpi delegati li jwettqu kontrolli fil-pajjiżi terzi msemmija fil-paragrafu 2(b) tal-Artikolu 37 għandhom jiġu akkreditati għall-istandard armonizzat rilevanti għall-'Valutazzjoni tal-konformità – Rekwiżiti għall-korpi li jiċċertifikaw prodotti, proċessi u servizzi'. Dawn il-korpi delegati jistgħu jiġu akkreditati minn korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni fl-Unjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008, jew minn korp tal-akkreditazzjoni barra l-Unjoni li jkun firmatarju tal-ftehim ta' rikonoxximent multilaterali taħt l-awspiċji tal-Forum Internazzjonali tal-Akkreditazzjoni."

Artikolu 163

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 652/2014

Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 30(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Biex ikopru l-ispejjeż imġarrba għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma approvati mill-Kummissjoni, jistgħu jingħataw għotjiet lil:

▼B

(a) il-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea msemmija fl-Artikolu 93 tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u liċ-ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea msemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**);

(b) iċ-ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għat-trattament xieraq tal-annimali msemmija fl-Artikolu 95 tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄;

(c) iċ-ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-awtentiċità u l-integrità tal-katina agroalimentari msemmija fl-Artikolu 97 tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄.

(*) Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (►C1 ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1 ◄).

(**) Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi għat-tnissil, kummerċ u dħul fl-Unjoni ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil, ħnieżer tat-tnissil ibridi u tal-prodotti ġerminali tagħhom u li jemenda r- Regolament (UE) Nru 652/2014, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE u 90/425/KEE u jħassar ċerti atti fil-qasam tat-tnissil tal-annimali ('ir-Regolament dwar it-Tnissil tal-Annimali') (OJ L 171, 29.6.2016, p. 66).".

(2) jiżdied l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 30a

Akkreditazzjoni ta' laboratorji ta' referenza nazzjonali għas-saħħa tal-pjanti

1. Jistgħu jingħataw għotjiet lil-laboratorji ta' referenza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 100 tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ għall-ispejjeż imġarrba għall-ksib tal-akkreditazzjoni skont l-istandard EN ISO/IEC 17025 dwar 'Rekwiżiti ġenerali għall-kompetenza

▼B

ta' laboratorji fl-ittestjar u l-kalibrazzjoni' għall-użu ta' metodi ta' analiżi, ittestjar u dijanjosi tal-laboratorju għall-verifika tal-konformità mar-regoli dwar miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti.

2. Jistgħu jingħataw għotjiet lil laboratorju ta' referenza nazzjonali uniku f'kull Stat Membru għal kull laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għas-saħħa tal-pjanti, sa tliet snin wara l-għażla ta' dak il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea.".

Artikolu 164

Emendi għar-Regolament (UE) 2016/429 u dispożizzjonijiet tranżizzjonali relatati

1. Ir-Regolament (UE) 2016/429 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (33) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(33) 'kontroll uffiċjali' tfisser kwalunkwe forma ta' kontroll imwettaq f'konformità mar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(*) Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (►C1 ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1 ◄).";

(b) il-punt (51) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(51) 'Traces' tfisser komponent tas-sistema integrat fl-IMSOC kif imsemmi fl-Artikoli 131 sa 136 tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄;";

▼B

(c) il-punt (53) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(53) 'veterinarju uffiċjali' tfisser veterinarju uffiċjali kif definit fl-Artikolu 3(32) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄;";

(d) il-punt (55) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(55) 'awtorità kompetenti' tfisser l-awtorità veterinarja ċentrali ta' Stat Membru responsabbli għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali u ta' kwalunkwe attività uffiċjali oħra f'konformità ma' dan ir-Regolament u mar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄, jew kwalunkwe awtorità oħra li lilha tkun ġiet iddelegata dik ir-responsabbiltà;";

(2) fl-Artikolu 229, il-paragrafu (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-operaturi responsabbli mill-kunsinna inkwistjoni għandhom jippreżentaw kunsinni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi jew territorji terzi għall-finijiet ta' kontroll uffiċjali kif previst fl-Artikolu 47 tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄.";

(3) jitħassar l-Artikolu 281.

2. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom ikomplu japplikaw fir-rigward tal-materji regolati bir-Regolament (UE) 2016/429, sad-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament:

(a) l-Artikolu 9 tad-Direttiva 89/662/KEE;

(b) l-Artikolu 10 tad-Direttiva 90/425/KEE;

(c) l-Artikolu 18(1), (3), (4), (5), (6), (7) u (8) tad-Direttiva 91/496/KEE;

(d) l-Artikolu 22(1), (3), (4), (5), (6) u (7) tad-Direttiva 97/78/KE.

3. B'kont meħud tal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/429 u minkejja d-data ta' applikazzjoni prevista f'dak ir-Regolament, għall-finijiet tal-Artikolu 31(2) ta' dan ir-Regolament, il-kondizzjoni għall-applikazzjoni tiegħu għandha titqies bħala diġà sodisfatta mill-14 ta' Diċembru 2019.

Artikolu 165

Emendi għar-Regolament (UE) 2016/2031 u dispożizzjonijiet tranżizzjonali relatati

1. Ir-Regolament (UE) 2016/2031 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-punt (6) huwa sostitwit b'dan li ġej:

▼B

"(6) 'awtorità kompetenti' tfisser awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(*) Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (►C1 ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1 ◄).";

(2) l-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 10

Konferma uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti tal-preżenza ta' pest ta' kwarantina fl-Unjoni

Fejn awtorità kompetenti tissuspetta, jew tkun irċeviet evidenza dwar il-preżenza ta' pest ta' kwarantina fl-Unjoni, jew pest soġġett għal miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1), f'parti mit-territorju tal-Istat Membru rispettiv fejn dak il-pest preċedentement ma kienx magħruf li kien preżenti, jew f'kunsinna ta' pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra introdotti fit-territorju tal-Unjoni, maħsuba li jiġu introdotti fih, jew imċaqilqa ġewwa fih, hija għandha minnufih tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa biex tikkonferma, abbażi ta' dijanjosi minn laboratorju uffiċjali kif imsemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ ('biex tikkonferma uffiċjalment') jekk dak il-pest huwiex preżenti jew le.

Sa meta tingħata l-konferma uffiċjali tal-preżenza ta' dak il-pest, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, fejn applikabbli, jieħdu miżuri fitosanitarji biex jeliminaw ir-riskju tat-tixrid ta' dak il-pest.

Is-suspett jew l-evidenza msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu jistgħu jkunu bbażati fuq kwalunkwe informazzjoni riċevuta skont l-Artikoli 14 u 15, jew minn kwalunkwe sors ieħor.";

(3) fl-Artikolu 11, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

▼B

"In-notifiki taħt l-ewwel paragrafu għandhom isiru mill-awtorità unika, kif imsemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄, tal-Istat Membru kkonċernat u permezz tas-sistema elettronika ta' notifika msemmija fl-Artikolu 103.";

(4) fl-Artikolu 25(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti fl-eżekuzzjoni tal-pjan, f'każ ta' preżenza kkonfermata jew issuspettata tal-pest ta' prijorità kkonċernat, kif ukoll il-katina ta' kmand u l-proċeduri għall-koordinazzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti, awtoritajiet pubbliċi oħra, kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄, il-korpi delegati jew il-persuni fiżiċi involuti, kif imsemmija fl-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament (UE) …/…., il-laboratorji u l-operaturi professjonisti, inkluża l-koordinazzjoni mal-Istati Membri ġirien u l-pajjiżi terzi ġirien, fejn meħtieġ;";

(5) fl-Artikolu 41, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. F'każ li pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra jkunu ġew introdotti fit-territorju tal-Unjoni, jew ġew imċaqilqa ġewwa fih, bi ksur tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa, kif imsemmija fl-Artikolu 66(3) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ u għandhom jinnotifikaw, permezz tas-sistema elettronika ta' notifika msemmija fl-Artikolu 103, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

Fejn applikabbli, dik in-notifika għandha ssir ukoll lill-pajjiż terz minn fejn il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti jew l-oġġetti l-oħra ġew introdotti fit-territorju tal-Unjoni.";

(6) fl-Artikolu 44, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha twettaq investigazzjonijiet fil-pajjiż terz ikkonċernat u f'konformità mal-Artikolu 120 tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄, biex tivverifika jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu humiex sodisfatti.";

(7) fl-Artikolu 49(6), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw, permezz tas-sistema elettronika ta' notifika msemmija fl-Artikolu 103 ta' dan ir-Regolament, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe każ fejn tkun ġiet irrifjutata l-introduzzjoni ta' pjanta, prodott mill-pjanti jew oġġett ieħor fit-territorju tal-Unjoni, jew ikun ġie pprojbit il-moviment tiegħu fit-territorju tal-Unjoni, peress li l-Istat Membru kkonċernat kien tal-fehma li kien hemm ksur tal-projbizzjoni msemmija fil-punt (c) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Fejn applikabbli, dik in-notifika għandha tinkludi l-miżuri meħuda mill-Istati Membri dwar il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra kkonċernati skont l-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) ►C1 (UE) 2017/625 ◄.";

▼B

(8) fl-Artikolu 76 il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"4. Fil-każ ta' pajjiż terz li mhux parti kontraenti għall-IPPC, l-awtorità kompetenti għandha taċċetta biss iċ-ċertifikati fitosanitarji maħruġa mill-awtoritajiet li huma kompetenti f'konformità mar-regoli nazzjonali ta' dak il-pajjiż terz u nnotifikati lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri u lill-operaturi, permezz tas-sistema elettronika ta' notifika msemmija fl-Artikolu 103, skont il-punt (a) tal-Artikolu 132 tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄, bin-notifiki li tirċievi.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 105, biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tal-kondizzjonijiet għall-aċċettazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, sabiex tiġi żgurata l-affidabbiltà ta' dawk iċ-ċertifikati.

5. Ċertifikati fitosanitarji elettroniċi għandhom jiġu aċċettati biss meta jiġu pprovduti permezz ta', jew fi skambju elettroniku ma', l-IMSOC msemmija fl-Artikolu 131(1) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄.";

(9) fl-Artikolu 77(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fejn ikun inħareġ ċertifikat fitosanitarju f'konformità mal-Artikolu 71(1), (2) u (3), u l-awtorità kompetenti kkonċernata tikkonkludi li l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 76 ma ġewx sodisfatti, hi għandha tinvalida dak iċ-ċertifikat fitosanitarju u tiżgura li ma jakkumpanjax aktar dawk il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti jew l-oġġetti l-oħra kkonċernati. F'dak il-każ, u fir-rigward tal-pjanti, tal-prodotti mill-pjanti jew tal-oġġetti l-oħra kkonċernati, l-awtorità kompetenti għandha tieħu waħda mill-miżuri stipulati fl-Artikolu 66(3) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄.";

(10) fl-Artikolu 91(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-operaturi awtorizzati li jimplimentaw pjan approvat għall-ġestjoni tar-riskju ta' pesti jistgħu jkunu soġġetti għal spezzjonijiet bi frekwenza mnaqqsa, kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 22(3) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄";

(11) fl-Artikolu 94(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikolu 87 ta' dan ir-Regolament, fejn pjanta, prodott mill-pjanti jew oġġett ieħor, introdott fit-territorju tal-Unjoni minn pajjiż terz li, għall-moviment fit-territorju tal-Unjoni jeħtieġ passaport tal-pjanti skont l-Artikolu 79(1) u 80(1) ta' dan ir-Regolament, il-passaport għandu jinħareġ jekk il-verifiki taħt l-Artikolu 49(1) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄ dwar l-introduzzjoni tagħhom ikunu tlestew b'mod sodisfaċenti u jkunu waslu għall-konklużjoni li l-pjanta, il-prodott mill-pjanti jew l-oġġett ieħor ikkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti sostantivi għall-ħruġ ta' passaport tal-pjanti skont l-Artikolu 85 ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, l-Artikolu 86 ta' dan ir-Regolament.";

▼B

(12) fl-Artikolu 100, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Iċ-ċertifikati fitosanitarji elettroniċi għall-esportazzjoni għandhom jiġu pprovduti permezz ta', jew permezz ta' skambju elettroniku ma', l-IMSOC.";

(13) fl-Artikolu 101, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Iċ-ċertifikati fitosanitarji elettroniċi għar-riesportazzjoni għandhom jiġu pprovduti permezz ta', jew permezz ta' skambju elettroniku ma', l-IMSOC.";

(14) fl-Artikolu 102, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Iċ-ċertifikat ta' qabel l-esportazzjoni għandu jakkumpanja l-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u l-oġġetti l-oħra kkonċernati matul il-moviment tagħhom fit-territorju tal-Unjoni, għajr jekk l-informazzjoni li tinsab fih tiġi skambjata bejn l-Istati Membri kkonċernati permezz ta', jew permezz ta' skambju elettroniku ma', l-IMSOC.";

(15) l-Artikolu 103 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 103

L-istabbiliment ta' sistema ta' notifika elettronika

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema elettronika għall-preżentazzjoni ta' notifiki mill-Istati Membri.

Dik is-sistema għandha tkun ikkollegata u kompatibbli mal-IMSOC.";

(16) fl-Artikolu 109, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-Direttiva 2000/29/KE titħassar, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 165(2), (3) u (4) tar-Regolament ►C1 (UE) 2017/625 ◄.".

2. L-Artikoli rilevanti tad-Direttiva 2000/29/KE għandhom jibqgħu japplikaw fir-rigward tal-materji regolati mill-Artikolu 47(2), l-Artikolu 48, il-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 51(1), il-punt (a) tal-Artikolu 53(1), l-Artikolu 54(1) u (3) u l-punt (a) tal-Artikolu 58 ta' dan ir-Regolament minflok dawn id-dispożizzjonijiet tal-aħħar, sal-14 ta' Diċembru 2022 jew data qabel, wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li tiġi ddeterminata fl-att delegat adottat f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 li jemendaw dan ir-Regolament fir-rigward tad-data msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u d-data ta' applikazzjoni prevista fl-Artikolu 167(1), il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti delegati msemmija fil-punti (a) u (e) tal-Artikolu 53(1), fir-rigward tal-oġġetti msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 47(1), sa mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel id-data tal-applikazzjoni tagħhom.

▼B

Artikolu 166

Miżuri tranżizzjonali għall-adozzjoni ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni

Mingħajr preġudizzju għad-dati ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 167 u kwalunkwe dispożizzjoni tranżizzjonali prevista f'dan il-Kapitolu, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni previsti f'dan ir-Regolament sat-28 ta' April 2017. Tali atti għandhom japplikaw mid-data ta' applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 167, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola tranżizzjonali prevista f'dan il-Kapitolu.

Artikolu 167

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

